I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tal-21 ta' Settembru 2011**

**dwar self f'munita barranija**

**(BERS/2011/1)**

(2011/C 342/01)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b), (d) u (f) u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 15(3)(e) u l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-partijiet interessati rilevanti mis-settur privat,

Billi:

(1) Is-self f'munita barranija lil dawk li jissellfu *unhedged* żdied f'għadd ta' Stati Membri tal-Unjoni.

(2) Self eċċessiv f'munita barranija jista' jwassal għal riskji sistemiċi sinifikanti għal dawk l-Istati Membri u jista' joħloq kundizzjonijiet għal effetti transkonfinali negattivi mifruxa.

(3) Ġew adottati miżuri politiċi fl-Istati Membri sa mill-2000 sabiex jiġu indirizzati riskji li jirriżultaw miż-żieda eċċessiva fis-self f'munita barranija iżda ħafna minnhom ma kenux effettivi, l-aktar bħala konsegwenza tal-arbitraġġ regolatorju.

(4) Huwa xieraq li tittieħed azzjoni b'referenza għas-self f'munita barranija sabiex: (i) jiġu llimitati l-iskoperturi għal riskji tal-kreditu u tas-suq, biex b'hekk tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema finanzjarja; (ii) jiġi kkontrollat tkabbir eċċessiv fil-kreditu f'munita barranija u jiġu evitati prezzijiet artifiċjali tal-assi; (iii) jiġu llimitati riskji għall-finanzjament u l-likwidità, biex b'hekk jiġi mminimizzat dan il-mezz ta' tixrid; (iv) jinħolqu inċentivi biex jitjieb l-ipprezzar tar-riskju assoċjat mas-self f'munita barranija; u (v) tiġi evitata l-possibbiltà li wieħed ikun jista' jdur mal-miżuri nazzjonali permezz ta' arbitraġġ regolatorju.

(5) L-indirizzar ta' informazzjoni asimmetrika bejn dawk li jissellfu u dawk li jsellfu jista' jnaqqas it-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja, itejjeb l-għarfien ta' dawk li jissellfu dwar ir-riskju u jrawwem għoti ta' self aktar responsabbli.

(6) Is-sistema finanzjarja għandha ssir aktar reżiljenti għal żviluppi negattivi fir-rati tal-kambju li jaffettwaw il-kapaċità ta' dawk li jissellfu li jħallsu d-djun tagħhom iddenominati f'munita barranija, [inkluż billi tiġi ppruvata l-affidabbiltà kreditizja ta' dawk li jissellfu qabel ma jingħata self f'munita barranija u billi dan jiġi rrivedut tul il-ħajja tas-self.

(7) Għandhom jiġu adottati miżuri sabiex issir ħidma kontroċiklika matul fażijiet ta' tkabbir ekonomiku qawwi, b'mod partikolari meta ż-żieda fis-self f'munita barranija tkun parti sinifikanti minn espansjoni aktar wiesgħa ta' kreditu meqjusa fuq bażi sħiħa, sabiex jitnaqqsu r-riskji li jinħolqu assi artifiċjali u li dawn sussegwentement jiġu fix-xejn.

(8) Għandhom jinħolqu inċentivi sabiex l-istituzzjonijiet finanzjarji jidentifikaw aħjar ir-riskji moħbijin u riskji ta' *tail-event* relatati ma' self f'munita barranija u biex jiġu internalizzati l-ispejjeż rispettivi.

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, pġ. 1.
[2] ĠU C 58, 24.2.2011, pġ. 4.

(9) L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jitolbu lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jiddeterminaw mill-ġdid l-ipprezzar ta' self f'munita barranija permezz tal-internalizzazzjoni tar-riskji inerenti permezz taż-żamma ta' kapital adegwat, li jżid ukoll ir-reżiljenza tas-sistema finanzjarja għal skossi negattivi permezz ta' kapaċità akbar ta' assorbiment ta' telf.

(10) L-aspettattivi ta' appoġġ għal-likwidità, minħabba fenomenu ta' periklu morali, ikomplu joħolqu strutturi ta' finanzjament insostenibbli li għandhom jiġu indirizzati billi jiġu kkontrollati, u fejn meħtieġ, imposti ta' limiti għar-riskji relatati mal-finanzjament u l-likwidità li għalihom jistgħu jidħlu l-istituzzjonijiet b'konnessjoni mas-self f'munita barranija.

(11) Sabiex jiġi indirizzat ir-riskju ta' evitar tal-miżuri nazzjonali dwar is-self f'munita barranija għandu jiġi żgurat li meta jingħata self f'munita barranija minn istituzzjoni finanzjarja permezz tal-forniment ta' servizzi transkonfinali jew minn fergħa stabbilita lil persuni li jissellfu li jkunu ddomiċiljati fi Stati Membri ospitanti, dak is-self ikun soġġett għal miżuri li jkunu ta' mill-inqas stretti daqs dawk adottati għal self f'munita barranija mill-Istati Membri ospitanti.

(12) L-anness għal din ir-rakkomandazzjoni janalizza r-riskji sistemiċi sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni li jinħolqu b'livelli eċċessivi ta' self f'munita barranija.

(13) Din ir-rakkomandazzjonii m'għandhiex tippreġudika l-mandati tal-politika monetarja tal-banek ċentrali fl-Unjoni, u l-kompiti fdati lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS).

(14) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS jiġu ppubblikati wara li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jkun ġie infurmat bl-intenzjoni tal-Bord Ġenerali li jagħmel dan u wara li l-Kunsill jingħata l-opportunità li jirreaġixxi.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

TAQSIMA 1

**RAKKOMANDAZZJONIJIET**

### Rakkomandazzjoni A – Għarfien ta' dawk li jissellfu dwar ir-riskju

Huwa rrakkomandat illi l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-Istati Membri:

1. jeżiġu li l-istituzzjonijiet finanzjarji jipprovdu lil dawk li jissellfu b'informazzjoni adegwata dwar ir-riskji involuti fis-self f'munita barranija. Dik l-informazzjoni għandha tkun suffiċjenti biex tippermetti lil dawk li jissellfu biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati sew u prudenti u għandha ta' mill-inqas tħaddan l-impatt fuq il-ħlasijiet bin-nifs ta' deprezzament qawwi fil-valuta legali tal-Istat Membru fejn ikun iddomiċiljat min jissellef u ta' żieda fir-rata tal-imgħax barrani;
2. iheġġu lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex joffru lill-klijenti self fil-munita domestika għall-istess finijiet bħal self f'munita barranija kif ukoll strumenti finanzjarji bħala *hedge* kontra r-riskju tal-kambju barrani.

### Rakkomandazzjoni B – L-affidabbiltà kreditizja ta' dawk li jissellfu

Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali:

1. jimmonitorjaw il-livelli ta' self f'munita barranija u ta' diskrepanzi fil-munita tas-settur privat mhux finanzjarju u li jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jillimitaw is-self f'munita barranija;
2. jippermettu self f'munita barranija li għandu jingħata biss lil dawk li jissellfu li juru l-affidabbiltà kreditizja tagħhom, waqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istruttura ta' ħlas lura tas-self u l-kapaċità ta' min jissellef li jiflaħ għal skossi negattivi fir-rati tal-kambju u fir-rata tal-imgħax barrani;
3. jikkunsidraw li jistabbilixxu standards aktar stretti ta' sottoskrizzjoni, bħal proporzjonijiet bejn il-manutenzjoni ta' dejn u d-dħul u bejn is-self u l-valur.

### Rakkomandazzjoni C – Tkabbir fil-kreditu kkawżat minn self f'munita barranija

Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jimmonitorjaw jekk is-self f'munita barranija huwiex jikkawża tkabbir eċċessiv fil-kreditu b'mod ġenerali u, jekk dan huwa l-każ, li jadottaw regoli ġodda jew aktar stretti minn dawk stipulati fir-Rakkomandazzjoni B.

### Rakkomandazzjoni D – Ġestjoni interna tar-riskju

Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jindirizzaw linji gwida lill-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jinkorporaw aħjar ir-riskji ta' self f'munita barranija fis-sistemi interni tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju. Dawk il-linji gwida għandhom bħala minimu jkopru l-ipprezzar intern tar-riskju u l-allokazzjoni interna tal-kapital. L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu meħtieġa jimplimentaw il-linji gwida b'mod proporzjonat mad-daqs u l-kumplessità tagħhom.

### Rakkomandazzjoni E – Rekwiżiti ta' kapital

1. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali jimplimentaw miżuri speċifiċi taħt it-Tieni Pilastru tal-qafas rivedut ta' Basel II ([1]), u b'mod partikolari li jeżiġu li l-istituzzjonnijiet finanzjarji jkollhom kapital adegwat biex ikopru riskji assoċjati ma' self f'munita barranija, u b'mod partikolari riskji li jirriżultaw mir-relazzjoni mhux lineari bejn ir-riskji tal-kreditu u tas-suq. L-evalwazzjoni f'dan ir-rigward għandha ssir taħt il-proċess superviżorju ta' reviżjoni u evalwazzjoni deskritt fl-Artikolu 124 tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ([2]) jew taħt leġiżlazzjoni ekwivalenti

---

([1]) Il-pilastri huma ddefiniti skont il-qafas ta' Basel II; ara l-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, *International Convergence of Capital Measurement and Capital Standards*, Ġunju 2006, disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali fuq www.bis.org.

([2]) ĠU L 177, 30.6.2006, pġ. 1

futura tal-Unjoni li tistabbilixxi rekwiżiti ta' kapital għall-istituzzjonijiet ta' kreditu. Huwa rrakkomandat f'dan ir-rigward li l-awtorità responsabbli għall-istituzzjoni tal-kreditu relevanti l-ewwel tieħu azzjoni regolatorja; jekk dik l-azzjoni titqies mis-superviżur ikkonsolidat bħala insuffiċjenti biex tindirizza b'mod adegwat ir-riskji assoċjati mas-self f'munita barranija, hija tista' tieħu miżuri xierqa biex ittaffi r-riskji osservati, b'mod partikolari billi timponi rekwiżiti ta' kapital addizzjonali fuq istituzzjoni tal-kreditu prinċipali fl-Unjoni.

2. Huwa rakkomandat li l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) tindirizza l-linji gwida lill-awtoritajiet superviżorji Ewropej fir-rigward tar-rekwiżiti ta' kapital imsemmija fil-paragrafu 1.

**Rakkomandazzjoni F – Likwidità u finanzjament**

Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jimmonitorjaw mill-qrib ir-riskji ta' finanzjament u likwidità meħuda minn istituzzjonijiet finanzjarji b'konnessjoni ma' self f'munita barranija, flimkien mal-pożizzjonijiet ta' likwidità ġenerali tagħhom. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-riskji relatati ma':

(a) kwalunkwe akkumulazzjoni ta' diskrepanzi fil-maturità u l-munita bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet;

(b) dipendenza fuq swieq barranin għal *swaps* ta' muniti (inklużi *swaps* ta' rati ta' imgħax ta' muniti);

(c) konċentrazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament.

Qabel ma l-iskoperturi għar-riskji msemmija hawn fuq jilħqu livelli eċċessivi, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma rrakkomandati li jikkunsidraw li jillimitaw l-iskoperturi, waqt li jevitaw li l-istrutturi ta' finanzjament preżenti jiġu xolti b'mod diżorganizzat.

**Rakkomandazzjoni G – Reċiproċità**

1. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-Istati Membri domestiċi ta' istituzzjonijiet finanzjarji relevanti huma rrakkomandati li jimponu miżuri li jindirizzaw is-self f'munita barranija li jkunu ta' mill-inqas stretti daqs il-miżuri fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti fejn dawn joperaw permezz tal-forniment ta' servizzi transkonfinali jew permezz ta' fergħat. Din ir-rakkomandazzjoni tapplika biss għal self f'munita barranija mogħti lil dawk li jissellfu li jkunu ddomiċiljati fl-Istati Membri ospitanti. Fejn ikun relevanti, il-miżuri għandhom jiġu applikati fil-livelli individwali, sottokonsolidati u konsolidati.

2. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-Istati Membri domestiċi tal-istituzzjonijiet finanzjarji relevanti huma rrakkomandati li jippubblikaw fuq is-siti elettroniċi tagħhom il-miżuri meħuda mis-superviżuri ospitanti; is-superviżuri ospitanti huma rrakkomandati li jikkomunikaw il-miżuri preżenti u attwali kollha biex jindirizzaw self f'muniti barranin lis-superviżuri ospitanti domestiċi kollha u lill-BERS u l-ABE.

TAQSIMA 2

**IMPLIMENTAZZJONI**

1. **Interpretazzjoni**

1. It-termini użati f'din ir-Rakkomandazzjoni għandhom it-tifsiriet li ġejjin:

"istituzzjonijiet finanzjarji" tfisser istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 1092/2010;

"munita barranija" tfisser kwalunkwe munita minbarra l-valuta legali tal-Istat Membru fejn ikun iddomiċiljat min jissellef;

"awtorità superviżorja nazzjonali" tfisser awtorità kompetenti jew superviżorja kif iddefinita fl-Artikolu 1(3)(f) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010;

"dawk li jissellfu *unhedged*" tfisser dawk li jissellfu mingħajr *hedge* naturali jew finanzjarja. *Hedges* naturali jinkludu b'mod partikolari l-każijiet fejn dawk li jissellfu jirċievu dħul f'munita barranija (e.ż. trasferimenti ta' flus/introjtu minn esportazzjoni). Il-*hedges* finanzjarji normalment jippreżumu kuntratt ma' istituzzjoni finanzjarja.

2. L-anness jifforma parti integrali minn din ir-rakkomandazzjoni. F'każ ta' kunflitt bejn it-test prinċipali u l-anness, għandu jirbaħ it-test prinċipali.

2. **Kriterji għall-implimentazzjoni**

1. Dawn il-kriterji li ġejjin japplikaw għall-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni:

(a) Ir-rakkomandazzjonijiet A sa G stipulati hawn fuq ikopru biss self f'munita barranija lil dawk li jissellfu *unhedged*, ħlief għar-Rakkomandazzjoni F, li tapplika wkoll għal dawk li jissellfu *hedged*;

(b) L-arbitraġġ regolatorju għandu jiġi evitat;

(c) Għandha tingħata l-attenzjoni dovuta lill-prinċipju tal-proporzjonalità fl-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet B sa F b'referenza għar-relevanza sistemika differenti tas-self f'munita barranija fost l-Istati Membri u waqt li jiġu kkunsidrati l-għan u l-kontenut ta' kull rakkomandazzjoni;

(d) Kriterji speċifiċi għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet A sa G huma ppreżentati fl-Anness.

2. Id-destinatarji huma mitluba li jikkomunikaw lill-BERS u lill-Kunsill l-azzjonijiet meħuda b'risposta għal din ir-Rakkomandazzjoni, jew li jiġġustifikaw b'mod adegwat in-nuqqas ta' azzjoni. Bħala minimu r-rapporti għandhom jinkludu:

(a) informazzjoni dwar is-sustanza u l-kronoloġija tal-azzjonijiet meħuda;

(b) evalwazzjoni tal-funzjonament tal-azzjonijiet meħuda mill-perspettiva tal-għanijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

(c) ġustifikazzjoni dettaljata ta' kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni jew devjazzjoni minn din ir-Rakkomandazzjoni, inkluż kwalunkwe dewmien.

3. **Skeda għas-segwitu**

1. Id-destinatarji huma mitluba li jikkomunikaw lill-BERS u lill-Kunsill l-azzjoni meħuda b'risposta għal din ir-rakkomandazzjoni, u ġustifikazzjoni adegwata f'każ ta' nuqqas ta' azzjoni, sal-31 ta' Diċembru 2012, ħlief jekk jiġi speċifikat mod ieħor fil-paragrafi li ġejjin.

2. L-iskadenzi speċifiċi għas-segwitu japplikaw fil-każijiet li ġejjin:

Rakkomandazzjoni A – l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-Istati Membri huma mitluba li jirrapportaw f'żewġ fażijiet:

(a) sat-30 ta' Ġunju 2012, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-Istati Membri jirrapportaw dwar jekk kinux ħarġu jew le, qabel l-adozzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, linji gwida li jkopru l-kwistjonijiet imsemmija fiha. Barra minn hekk għandhom jinnotifikaw l-evalwazzjoni tagħhom dwar il-ħtieġa li jiġu rriveduti dawk il-linji gwida;

(b) sal-31 ta' Diċembru 2012, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw kwalunkwe linji gwida addizzjonali skont ir-rakkomandazzjoni A u l-evalwazzjoni tagħhom dwar l-eżistenza tas-self ipprovdut minn istituzzjonijiet finanzjarji fil-munita domestika, ekwivalenti għal dawk ipprovduti f'munita barranija.

L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw permezz tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali.

Rakkomandazzjoni D – l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma mitluba li jirrapportaw f'żewġ fażijiet:

(a) l-ewwel rapport dwar il-progress huwa dovut sat-30 ta' Ġunju 2012; u

(b) it-tieni rapport dwar il-progress huwa dovut sal-31 ta' Diċembru 2012.

Rakkomandazzjoni E, paragrafu 2 – l-ABE hija mitluba li tirrispondi f'żewġ fażijiet:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2012 l-ABE tirrapporta dwar il-passi meħuda għall-finijiet tal-adozzjoni tal-linji gwida msemmija f'dik ir-Rakkomandazzjoni;

(b) sal-31 ta' Diċembru 2013 l-ABE għandha tadotta dawk il-linji gwida.

3. Il-Bord Ġenerali jista' jestendi l-iskadenzi taħt il-paragrafi 1 u 2 meta jkunu meħtieġa inizjattivi leġiżlattivi fl-Istati Membri sabiex jikkonformaw ma' rakkomandazzjoni waħda jew aktar.

4. **Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Is-Segretarjat tal-BERS:

(a) jassisti lid-destinatarji, inkluż billi jiffaċilita rapportaġġ ikkoordinat, jipprovdi mudelli relevanti u jippreċiża fejn ikun meħtieġ il-modalitajiet u l-iskeda għas-segwitu;

(b) jivverifika s-segwitu mid-destinatarji, inkluż billi jassistihom fuq talba tagħhom, u jirrapporta dwar is-segwitu lill-Bord Ġenerali permezz tal-Kumitat ta' Tmexxija fi żmien xahrejn minn meta jagħlqu l-iskadenzi għas-segwitu.

2. Il-Bord Ġenerali jevalwa l-azzjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet irrapportati mid-destinatarji u, fejn ikun xieraq, jiddeċiedi jekk din ir-Rakkomandazzjoni tkunx segwita u jekk id-destinatarji jkunux naqsu milli jiġġustifikaw b'mod adegwat in-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tagħhom.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Settembru 2011

*Il-President tal-BERS*

Jean-Claude TRICHET

*ANNESS*

## RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-BERS DWAR IS-SELF F'MUNITA BARRANIJA

### WERREJ


| | | *Paġna* |
|---|---|---|
| Sommarju eżekuttiv | | 8 |
| I. | Ħarsa ġenerali lejn is-self f'munita barranija fl-Unjoni | 8 |
| I.1. | Is-self f'munita barranija fl-Unjoni | 8 |
| I.2. | Xi jwassal għall-espansjoni tas-self f'munita barranija | 11 |
| I.2.1. | Fatturi min-naħa tal-provvista | 11 |
| I.2.1.1. | Finanzjament internazzjonali vs. lokali | 11 |
| I.2.1.2. | Żieda fil-preżenza ta' gruppi barranin fil-pajjiżi tal-EĊL | 12 |
| I.2.1.3. | Pressjoni tal-kompetizzjoni | 13 |
| I.2.2. | Fatturi min-naħa tad-domanda | 13 |
| I.2.2.1. | Differenzjali tar-rati tal-imgħax | 13 |
| I.2.2.2. | Il-perċezzjoni dwar ir-riskju tar-rata tal-kambju u l-aspettattivi marbuta mal-adozzjoni tal-euro | 15 |
| II. | Ir-riskji marbuta mas-self f'munita barranija | 15 |
| II.1. | Riskju tal-kreditu marbut mat-tibdil fir-rata tal-kambju u fir-rata tal-imgħax barrani | 16 |
| II.2. | Riskji marbuta mal-finanzjament u l-likwidità | 17 |
| II.3. | Żieda eċċessiva fil-kreditu, ipprezzar ħażin tar-riskji u prezzijiet artifiċjali tal-assi | 17 |
| II.4. | Effetti ta' konċentrazzjoni u tixrid bejn il-pajjiżi domestiċi u ospitanti bħala riskji għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni | 20 |
| II.4.1. | Studji ta' każijiet ta' tixrid transkonfinali: l-Awstrija u l-Isvezja | 23 |
| II.5. | Volatilità aktar għolja tal-proporzjonijiet ta' adegwatezza tal-kapital dovuta għat-tibdil fir-rata tal-kambju | 24 |
| II.6. | Xkiel għall-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja | 24 |
| II.7. | Il-possibbiltà u l-kundizzjonijiet għas-seħħ tar-riskji | 27 |
| III. | Azzjonijiet politiċi fil-livell nazzjonali | 28 |
| III.1. | Miżuri politiċi adottati minn pajjiżi differenti | 28 |
| III.2. | Evalwazzjoni tal-effikaċja tal-miżuri politiċi | 30 |
| IV. | Rakkomandazzjonijiet tal-BERS | 31 |
| | Għanijiet politiċi | 31 |
| | Prinċipji għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet | 31 |
| | Segwitu komuni għar-rakkomandazzjonijiet kollha | 32 |
| | Riskji marbuta mal-kreditu u mas-suq | 32 |
| IV.1. | Rakkomandazzjoni A – Għarfien ta' dawk li jissellfu dwar ir-riskji | 32 |
| IV.1.1. | Ir-raġunament ekonomiku | 33 |
| IV.1.2. | Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi | 33 |
| IV.1.3. | Segwitu | 33 |
| IV.1.3.1. | Skeda | 33 |
| IV.1.3.2. | Kriterji ta' konformità | 33 |
| IV.1.3.3. | Komunikazzjoni dwar is-segwitu | 34 |
| IV.1.4. | Rabtiet mal-qafas legali tal-Unjoni | 35 |

| | | Paġna |
|---|---|---|
| IV.2. | Rakkomandazzjoni B – Affidabbiltà kreditizja ta' dawk li jissellfu | 35 |
| IV.2.1. | Ir-raġunament ekonomiku | 35 |
| IV.2.2. | Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi | 35 |
| IV.2.3. | Segwitu | 36 |
| IV.2.3.1. | Skeda | 36 |
| IV.2.3.2. | Kriterji ta' konformità | 36 |
| IV.2.3.3. | Komunikazzjoni dwar is-segwitu | 37 |
| IV.2.4. | Rabtiet mal-qafas legali tal-Unjoni | 38 |
| | It-tkabbir fil-kreditu | 38 |
| IV.3. | Rakkomandazzjoni C – Tkabbir fil-kreditu kkawżat minn self f'munita barranija | 38 |
| IV.3.1. | Ir-raġunament ekonomiku | 38 |
| IV.3.2. | Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi | 38 |
| IV.3.3. | Segwitu | 38 |
| IV.3.3.1. | Skeda | 38 |
| IV.3.3.2. | Kriterji ta' konformità | 38 |
| IV.3.3.3. | Komunikazzjoni dwar is-segwitu | 39 |
| IV.3.4. | Rabtiet mal-qafas legali tal-Unjoni | 39 |
| | Ipprezzar ħażin tar-riskju u reżiljenza | 39 |
| IV.4. | Rakkomandazzjoni D – Ġestjoni interna tar-riskju | 39 |
| IV.4.1. | Ir-raġunament ekonomiku | 39 |
| IV.4.2. | Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi | 39 |
| IV.4.3. | Segwitu | 40 |
| IV.4.3.1. | Skeda | 40 |
| IV.4.3.2. | Kriterji ta' konformità | 40 |
| IV.4.3.3. | Komunikazzjoni dwar is-segwitu | 40 |
| IV.4.4. | Rabtiet mal-qafas legali tal-Unjoni | 41 |
| IV.5. | Rakkomandazzjoni E – Rekwiżiti ta' kapital | 41 |
| IV.5.1. | Ir-raġunament ekonomiku | 42 |
| IV.5.2. | Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi | 42 |
| IV.5.3. | Segwitu | 42 |
| IV.5.3.1. | Skeda | 42 |
| IV.5.3.2. | Kriterji ta' konformità | 42 |
| IV.5.3.3. | Komunikazzjoni dwar is-segwitu | 43 |
| IV.5.4. | Rabtiet mal-qafas legali tal-Unjoni | 43 |
| | Riskji relatati mal-likwidità u l-finanzjament | 43 |
| IV.6. | Rakkomandazzjoni F – Likwidità u finanzjament | 43 |
| IV.6.1. | Ir-raġunament ekonomiku | 44 |
| IV.6.2. | Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi | 44 |
| IV.6.3. | Segwitu | 45 |
| IV.6.3.1. | Skeda | 45 |

*Paġna*

IV.6.3.2. Kriterji ta' konformità ..... 45

IV.6.3.3. Komunikazzjoni dwar is-segwitu ..... 45

IV.6.4. Rabtiet mal-qafas legali tal-Unjoni ..... 45

Koordinament u applikazzjoni fl-Unjoni kollha ..... 46

IV.7. Rakkomandazzjoni G – Reċiproċità ..... 46

IV.7.1. Ir-raġunament ekonomiku ..... 46

IV.7.2. Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ..... 46

IV.7.3. Segwitu ..... 47

IV.7.3.1. Skeda ..... 47

IV.7.3.2. Kriterji ta' konformità ..... 47

IV.7.3.3. Komunikazzjoni dwar is-segwitu ..... 47

Evalwazzjoni ġenerali tal-miżuri politiċi ..... 47

SOMMARJU EŻEKUTTIV

It-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja minħabba s-self eċċessiv f'munita barranija f'xi Stati Membri ġie diskuss f'forums differenti f'dawn l-aħħar snin.

Fil-livell tal-Unjoni, is-self f'munita barranija lis-settur privat mhux finanzjarju kien prevalenti l-aktar fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (EĊL). F'dawn il-każijiet, dan wassal għal żieda f'diskrepanzi sostanzjali fil-munita fil-karti tal-bilanċ tas-settur privat mhux finanzjarju. Ir-raġunijiet għall-prevalenza tas-self f'munita barranija ġejjin minn fatturi marbuta kemm mad-domanda kif ukoll mal-provvista, inklużi, fost l-oħrajn, id-differenzjali pożittivi tar-rati tal-imgħax u l-aċċess għal fondi mill-banek prinċipali.

Livelli għolja ta' self f'munita barranija jista' jkollhom konsegwenzi sistemiċi għal dawn il-pajjiżi u joħolqu kundizzjonijiet għat-tixrid ta' effetti transkonfinali negattivi. F'xi każijiet, is-self f'munita barranija laħaq livelli eċċessivi u għen fit-tisħiħ taċ-ċikli tal-kreditu, waqt li seta' affettwa wkoll il-prezzijiet tal-assi. Fir-rigward tas-self f'munita barranija, ir-riskju tal-kreditu jġib miegħu riskju tas-suq għal min jissellef *unhedged*, billi l-pagamenti jintlaqtu mir-rati tal-kambju. Dawk li jissellfu jkollhom it-tendenza jaġixxu bl-istess mod, u fl-istess żmien, minħabba l-iżviluppi negattivi fir-rati tal-kambju. Barra dan, id-dipendenza mill-banek prinċipali għall-fondi u, f'xi każijiet, id-dipendenza mis-swieq tal-iswaps tal-munita barranija, jiffurmaw saff ieħor ta' riskju għal-likwidità u r-rifinanzjament fi żminijiet ta' kriżi. Fl-aħħar, il-livell għoli ta' integrazzjoni tal-gruppi finanzjarji joħloq mezz ieħor ta' tixrid transkonfinali fil-każ tal-kristallizzazzjoni tar-riskji minħabba s-self f'munita barranija.

Minħabba l-potenzjal ta' tixrid transkonfinali u l-possibbiltà li jiġu evitati miżuri nazzjonali meta dawn jittieħdu b'mod unilaterali u ma jkunux sottoskritti minn Stati Membri oħrajn, il-BERS fassal xi rakkomandazzjonijiet.

L-għanijiet tar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS huma allinjati mar-riskji identifikati: (i) li tiġi limitata l-iskopertura għar-riskji tal-kreditu u tas-suq, u b'hekk tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema finanzjarja; (ii) li tiġi kkontrollata ż-żieda eċċessiva tal-kreditu f'munita barranija u jiġu evitati l-prezzijiet artfiċjali tal-assi; (iii) li jiġu limitati r-riskji tal-finanzjament u l-likwidità; u (iv) li jitjieb l-ipprezzar tar-riskju. Ir-rakkomandazzjonijiet japplikaw għas-self f'munita barranija, definit bħala kull self fil-muniti li ma jkunux il-valuta legali ta' pajjiż partikolari. Fejn hu rilevanti, ir-rakkomandazzjonijiet ikopru biss lil dawk li jissellfu *unhedged*, i.e. dawk li jissellfu mingħajr *hedges* naturali jew finanzjarji, jiġifieri aġenti li huma esposti għal diskrepanzi fil-munita.

Biex jiġi indirizzat ir-riskju tal-kreditu, ir-rakkomandazzjonijiet jinkludu: (i) li dawk li jissellfu jkollhom aktar għarfien dwar ir-riskji inkorporati fis-self f'munita barranija, billi jkollhom garanzija li jingħataw tagħrif adegwat; u (ii) garanzija li self ġdid f'munita barranija jingħata biss sakemm dawk li jissellfu jkollhom affidabbiltà kreditizja u jkunu kapaċi jilqgħu għal ċaqliq qawwi fir-rati tal-kambju. L-użu ta' proporzjonijiet bejn id-dejn u d-dħul (DTI) u bejn is-self u l-valur (LTV) huwa mħeġġeġ. Meta s-self f'munita barranija jkun qiegħed jikkawża żieda eċċessiva fil-kreditu b'mod ġenerali, għandhom jitqiesu miżuri aktar ibsin jew ġodda fejn jidħol dan it-tip ta' self.

Biex jiġi indirizzat l-ipprezzar ħażin tar-riskji marbuta mas-self f'munita barranija, l-awtoritajiet għandhom jeżiġu li l-istituzzjonijiet (i) jinkorporaw aħjar dawn ir-riskji fl-ipprezzar intern tar-riskji u fl-allokazzjoni interna tal-kapital; u (ii) iżommu kapital addizzjonali, taħt it-Tieni Pilastru, għas-self f'munita barranija minħabba li r-relazzjoni bejn ir-riskji tal-kreditu u tas-suq mhijiex lineari.

L-awtoritajiet għandhom jimmonitorjaw mill-qrib ir-riskji marbuta mal-finanzjament u l-likwidità fir-rigward tas-self f'munita barranija, u jekk ikun meħtieġ għandhom iqisu jimponux limiti fuqhom, waqt li jagħtu attenzjoni partikolari għall-konċentrazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament, għad-diskrepanzi fil-munita u fil-maturità bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet u għad-dipendenza konsegwenti mis-swieq tal-iswaps tal-kambju barrani.

Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu applikati fil-livell individwali, sottokonsolidat u konsolidat, skont il-każ. L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu biex iwaqqfu l-arbitraġġ regolatorju billi japplikaw ir-reċiproċità għal Stati Membri oħrajn li jimplimentaw miżuri biex jiġu limitati r-riskji marbuta mas-self f'munita barranija. Jistgħu jiġu diskussi wkoll azzjonijiet superviżorji fi ħdan il-kulleġġi tas-superviżuri.

## I. ĦARSA ĠENERALI LEJN IS-SELF F'MUNITA BARRANIJA FL-UNJONI

### I.1. Is-self f'munita barranija fl-Unjoni

Il-preżenza ta' self f'munita barranija hija diversifikata ħafna fil-pajjiżi tal-Unjoni. Waqt li fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej tal-Punent is-self f'munita barranija huwa proporzjon relattivament negliġibbli mill-proporzjon totali ta' self, fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (EĊL) ([1]) u fl-Awstrija huwa relattivament għoli (ara **Tabella 1**).

([1]) Il-pajjiżi tal-EĊL huma l-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja, kif ukoll pajjiżi terzi bħall-Kroazja u s-Serbja.

*Tabella 1*

**Self f'munita barranija lil individwi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji fl-Unjoni**




*Sors:* Statistika tal-BĊE dwar il-partiti tal-karta tal-bilanċ (BSI) u kalkoli tiegħu.

*Noti:* Din it-tabella turi s-self f'munita barranija minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs) lil kontropartijiet residenti, bħala % tas-self kollu pendenti, April 2011. Is-settur tal-individwi jinkludi abitazzjonijiet domestiċi u istituzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ li jaqdu lil individwi (NPISH).

Fil-pajjiżi li għandhom proporzjon qawwi ta' self f'munita barranija, il-fenomenu sikwit jidher kemm fis-self lill-individwi kif ukoll fis-self lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Min-naħa l-oħra, fil-pajjiżi fejn is-self f'munita barranija hu proporzjon żgħir mis-self totali, il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji għandhom it-tendenza li jissellfu aktar f'munita barranija milli jagħmlu l-individwi. Dan jista' jintrabat mal-preżenza ta' kumpaniji mitfugħa fuq l-esportazzjoni kif ukoll ma' livell ġenerali ta' kummerċ miftuħ.

**Ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja x'aktarx li jkunu kbar f'pajjiżi li jkollhom stokk kbir ta' self f'munita barranija mogħti lil dawk li jissellfu *unhedged*.** L-individwi u xi korporazzjonijiet mhux finanzjarji (i.e. intrapriżi żgħar u medji (SME) li jkunu attivi fis-suq intern tal-pajjiż) b'mod partikolari x'aktarx li jkunu *unhedged* (i.e. ikunu esposti għad-diskrepanzi fil-munita) billi d-dħul tagħhom ġeneralment ikun fil-munita lokali.

Korporazzjonijiet mhux finanzjarji li jesportaw, min-naħa l-oħra, jistgħu jkunu anqas sensittivi għat-tibdil fir-rata tal-kambju għax ikollhom aktar opportunitajiet li jkunu *hedged* kontra r-riskji tal-munita ([2]). Għalhekk, l-analiżi li tifdal tikkonċentra fuq pajjiżi bi proporzjon konsiderevoli ta' self f'munita barranija lil individwi ([3]).

L-istruttura tal-munita tas-self f'munita barranija hija differenti fost l-Istati Membri (ara **Tabella 2**). Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi eżaminati (il-Bulgarija, il-Latvja, il-Litwanja u r-Rumanija) is-self f'munita barranija ngħata l-aktar fl-euro, li tidher għażla naturali minħabba s-sħubija fl-Unjoni u, b'mod partikolari, minħabba sistemi ta' rati tal-kambju marbuta mal-euro. Min-naħa l-oħra, f'xi pajjiżi, muniti oħrajn kellhom l-akbar proporzjon, l-aktar il-frank Svizzeru (pereżempju fl-Ungerija, l-Awstrija u l-Polonja).

([2]) Il-*hedging* kontra r-riskji tal-munita jista' jieħu suriet differenti, fosthom *hedging* naturali, meta l-individwu jew il-korporazzjoni mhux finanzjarja jirċievu dħul f'munita barranija (pereżempju, trasferimenti ta' flus jew introjtu mill-esportazzjoni), u *hedging* finanzjarju, meta jsir kuntratt ma' istituzzjoni finanzjarja. Dan tal-aħħar sikwit jitqies li ma jkunx disponibbli għall-individwi u għal xi SMEs, l-aktar minħabba l-ispejjeż relattivament kbar. L-inklużjoni tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji *unhedged* – li dwarhom m'hemmx tagħrif disponibbli – x'aktarx li ma tbiddilx il-kampjun tal-pajjiżi meqjusa f'dan l-anness.

([3]) Il-Bulgarija, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja u r-Rumanija.

*Tabella 2*

**Self f'munita barranija lis-settur privat ta' istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji (barra l-amministrazzjoni pubblika) ([4]) fl-Unjoni**




*Sors:* Statistika tal-BĊE dwar il-BSI u kalkoli tiegħu.

*Noti:* Din it-tabella turi s-self f'munita barranija minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji lil kontropartijiet residenti, skont il-munita, bħala % tas-self pendenti totali. Id-dejta tirreferi għal April 2011.

Jekk wieħed jiffoka fuq il-pajjiżi bi proporzjon akbar ta' self f'munita barranija lil dawk li jissellfu *unhedged* (l-aktar minħabba s-self lill-individwi) jista' jidentifika bosta karatteristiċi komuni. L-ewwel, **il-proporzjon tas-self f'munita barranija żdied minn Diċembru 2004 'l hawn** prattikament fil-pajjiżi kollha (ara **Tabella 3**) minbarra l-Awstrija. Fl-istess ħin, il-proporzjon ta' depożiti f'munita barranija miżmuma mis-settur privat mhux finanzjarju f'dawn il-pajjiżi żdied bi ftit jew, f'xi każijiet, naqas (minbarra fil-Latvja, fejn id-depożiti f'munita barranija żdiedu sew). Dan iċ-ċaqliq asimmetriku lejn is-self f'munita barranija jista' jkun sinjal bażiku ta' żieda fid-diskrepanza fil-munita fil-karti tal-bilanċ tas-settur privat mhux finanzjarju. Barra dan, iċ-ċaqliq jindika li jeżistu inċentivi li jħajru lil dak li jkun jieħu self f'munita barranija fl-Istati Membri. F'xi pajjiżi, il-proporzjon tas-self f'munita barranija lis-settur privat mhux finanzjarju kompla jiżdied minn meta l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali laqtet lill-Istati Membri, waqt li f'pajjiżi oħrajn il-proporzjon baqa' bejn wieħed u ieħor l-istess. F'bosta pajjiżi, din iż-żieda seħħet f'ambjent fejn naqset id-domanda għall-kreditu.

*Tabella 3*

**Proporzjon tas-self f'munita barranija u tad-depożiti f'munita barranija fi Stati Membri magħżula**




*Sors:* Statistika tal-BĊE dwar il-BSI u kalkoli tiegħu.

*Nota:* It-tabella turi s-self f'munita barranija lil non-MFIs residenti u d-depożiti f'munita barranija ta' non-MFIs residenti, barra l-amministrazzjoni pubblika, bħala % tas-self u d-depożiti totali pendenti. It-tibdil jirreferi għall-perjodu bejn Diċembru 2004 u April 2011.

([4]) Is-settur privat magħmul minn istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji (barra l-amministrazzjoni pubblika) ikopri s-setturi li ġejjin: korporazzjonijiet mhux finanzjarji, awżiljarji finanzjarji, intermedjarji finanzjarji oħra, korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni, individwi u istituzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ li jaqdu lil individwi.

Meta wieħed ifittex is-sorsi tal-finanzjament taż-żieda fil-kreditu f'dawn il-pajjiżi, il-proporzjon tas-self mad-depożitu (LTD) jista' jintuża bħala indikatur approssimattiv tas-sorsi ta' finanzjament disponibbli lokalment. Min-naħa l-oħra, żieda qawwija fil-proporzjon LTD tindika dipendenza qawwija mill-kapital barrani għall-finanzjament tas-self f'dawn l-ekonomiji (ara **Tabella 4**). F'xi pajjiżi tal-EĊL, iddaħħal kapital barrani l-aktar permezz ta' self minn kumpaniji prinċipali ta' istituzzjonijiet finanzjarji li joffru l-kreditu [5] u li joperaw f'dawn il-pajjiżi, kif ukoll billi ġew sfruttati s-swieq monetarji bl-ingrossa barranin.

*Tabella 4*

**Proporzjon tas-self f'munita barranija u proporzjon tas-self mad-depożiti fi Stati Membri magħżula**




*Sors:* Statistika tal-BĊE dwar il-BSI u kalkoli tiegħu.

*Nota:* It-tabella turi d-differenzi fil-proporzjonijiet f'punti perċentwali (p.p.). Il-proporzjon tas-self mad-depożiti jirreferi għall-muniti kollha flimkien. Is-settur tal-kontroparti għas-self u d-depożiti huwa dak tal-istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji residenti, barra l-amministrazzjoni pubblika. It-tibdil jirreferi għall-perjodu bejn Diċembru 2004 u April 2011.

## I.2. **Xi jwassal għall-espansjoni tas-self f'munita barranija**

Hemm bosta fatturi li jistimulaw is-self f'munita barranija, kemm min-naħa tal-provvista kif ukoll min-naħa tad-domanda. Min-naħa tal-provvista, iż-żieda f'daqqa ta' kreditu f'munita barranija fir-reġjuni tal-EĊL ġiet b'konsegwenza tal-aċċess faċli għal finanzjament bl-ingrossa (iffaċilitat mill-kundizzjonijiet pożittivi tal-likwidità globali u mill-finanzjament minn entitajiet prinċipali barranin). Min-naħa tad-domanda, id-differenzjali tar-rati tal-imgħax jidher li kellhom l-akbar sehem. Għalkemm wieħed jista' jidentifika raġunijiet komuni, l-importanza tagħhom ma tkunx l-istess għall-pajjiżi kollha.

Jekk wieħed jinjora bosta fatturi individwali min-naħa tal-provvista u min-naħa tad-domanda, l-espansjoni tas-self f'munita barranija f'xi ekonomiji tal-EĊL kienet parti minn fenomenu aktar wiesa' ta' żieda qawwija fid-domanda għal finanzjament barrani u/jew fil-prezzijiet tal-assi. Barra dan, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bi proporzjon qawwi ta' self f'munita barranija għandhom ekonomiji konverġenti, sikwit b'potenzjal qawwi ta' rkupru. Il-proċess reali ta' konverġenza f'dawn il-pajjiżi kien jistrieħ fil-biċċa l-kbira fuq id-dħul ta' kapital barrani, billi t-tfaddil intern ma kienx biżżejjed.

### I.2.1. *Fatturi min-naħa tal-provvista*

#### I.2.1.1. Finanzjament internazzjonali vs. lokali

Fil-pajjiżi tal-EĊL li qegħdin nirreferu għalihom, is-self f'munita barranija kien iffinanzjat fil-biċċa l-kbira minn self transkonfinali fis-sura ta' linji ta' kreditu minn istituzzjonijiet prinċipali li jinsabu fil-bqija tal-Unjoni. Istituzzjonijiet oħrajn ta' kreditu b'depożiti kbar tal-munita lokali sfruttaw is-swieq tal-iswaps tal-kambju barrani.

Kull fejn kien hemm nuqqas ta' sorsi lokali ta' finanzjament, l-istituzzjonijiet daru għall-finanzjament barrani [6] (ara **Tabella 5**). Il-fatt li s-swieq kapitali nazzjonali tal-pajjiżi tal-EĊL jinsabu f'livell iktar baxx ta' żvilupp minn dawk tal-pajjiżi oriġinali taż-żona tal-euro seta' wkoll ta sehmu. B'mod aktar speċifiku, in-nuqqas relattiv ta' strumenti ta' dejn b'maturità twila fil-munita lokali – li jistgħu jservu ta' referenza għall-ipprezzar jew jintużaw biex jinġabar finanzjament fit-tul – seta' gerrex lill-istituzzjonijiet milli jidħlu għal self fit-tul fil-munita lokali. Fattur ieħor kien l-ispiża għolja tat-titolizzazzjoni għal strumenti fil-munita lokali, u dan wassal għall-fatt li l-banek kisbu l-finanzjament tagħhom għal self b'ipoteka f'munita barranija.

[5] Minn hawn 'il quddiem, meta niltaqgħu mat-termini "istituzzjonijiet", "istituzzjonijiet finanzjarji li joffru kreditu" u "istituzzjonijiet finanzjarji" dawn se jfissru l-istess u jirreferu għall-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li jistgħu joffru kreditu. Dawn x'aktarx li jkunu banek, iżda jinkludu wkoll dawk l-istituzzjonijiet kollha li mhumiex banek u li jistgħu joffru kreditu.

[6] Fl-Ungerija u r-Rumanija, il-finanzjament minn kumpaniji prinċipali kien jammonta għal madwar 50-70 % tal-obbligazzjonijiet barranin totali tas-settur bankarju. Għal aktar dettalji, ara Walko, Z., *The refinancing structure of banks in selected CESEE countries*, Rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja, Nru 16, Oesterreichische Nationalbank, Novembru 2008.

*Tabella 5*

**Self f'munita barranija u proporzjon tas-self mad-depożiti fil-munita lokali fi Stati Membri magħżula**




*Sors:* Statistika tal-BĊE dwar il-BSI u kalkoli tiegħu.
*Nota:* It-tabella turi d-differenzi fil-proporzjonijiet f'p.p. li jirreferu għall-perjodu bejn Diċembru 2004 u April 2011.

Barra dan, il-finanzjament fi ħdan grupp finanzjarju internazzjonali kien jikkostitwixxi sors relattivament orħos ta' finanzjament meta jitqabbel mas-sorsi għad-dispożizzjoni tal-banek lokali li ma jkunux f'dawn il-gruppi. Dan kompla saħħaħ fatturi oħrajn li kattru s-self f'munita barranija, bħad-differenzjali tar-rati tal-imgħax u l-marġini tal-qligħ.

Bis-saħħa tad-disponibbiltà tal-finanzjament barrani u bit-trasferiment tar-riskju tar-rata tal-kambju għal fuq dawk li jissellfu, dawn l-istituzzjonijiet setgħu joffru prodotti ta' self b'rati tal-imgħax ferm aktar baxxi minn dawk fuq is-self fil-munita lokali. F'xi pajjiżi (pereżempju, il-Bulgarija) ikkaratterizzati minn sehem qawwi ta' depożiti f'munita barranija, l-istituzzjonijiet setgħu ġew motivati biex joħorġu self f'munita barranija billi kellhom aċċess għal bażi kbira u stabbli għall-finanzjament lokali f'munita barranija (l-aktar l-euro). Barra dan, is-sistemi ta' rati tal-kambju fissi jew stabilizzati qatgħu l-ispejjeż marbuta mal-*hedging* tar-rata tal-kambju ([7]).

I.2.1.2. Żieda fil-preżenza ta' gruppi barranin fil-pajjiżi tal-EĊL

L-espansjoni tal-kreditu ġiet faċilitata bl-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji Ewropej, u din ġiet riflessa, inter alia, fil-preżenza li kulma tmur bdiet tikber jew fiż-żieda fl-attività ta' istituzzjonijiet finanzjarji barranin li kienu diġà preżenti fis-sistemi finanzjarji ta' dawn l-ekonomiji.

Taqta' l-Awstrija, il-proporzjon tal-assi tal-banek barranin mill-assi totali tas-settur bankarju fis-seba' pajjiżi eżaminati fil-parti analitika ta' dan l-anness joqrob lejn, jew hu aktar minn, 60 % (ara **Tabella 6**). L-involviment tal-istituzzjonijiet prinċipali fil-finanzjament f'munita barranija tas-sussidjarji tagħhom kien motivat fil-biċċa l-kbira mill-profitabilità akbar tal-attivitajiet ta' kreditu fl-ekonomiji li qegħdin jirkupraw u mit-tfittxija għal proporzjon akbar tas-swieq f'dawn il-pajjiżi. Il-proporzjon kbir ta' banek barranin fis-setturi finanzjarji interni tal-pajjiżi tal-EĊL b'hekk ħoloq mezz ieħor ta' dħul ta' kapital, maħsub l-aktar għas-swieq tal-kreditu.

([7]) Dan kien il-każ fil-Bulgarija, il-Latvja u l-Litwanja, li għandhom arranġamenti ma' bord tal-munita jew għandhom il-munita tagħhom marbuta b'mod stabbli mal-euro.

*Tabella 6*

**Proporzjon tal-assi ta' sussidjarji u fergħat ikkontrollati mill-barranin fis-settur bankarju totali (%)**




*Sors:* Dejta konsolidata dwar il-banek (BĊE) għal Ġunju 2010.

I.2.1.3. Pressjoni tal-kompetizzjoni

Il-proporzjon kbir imsemmi hawn fuq ta' banek barranin fis-setturi finanzjarji tal-pajjiżi tal-EĊL, flimkien mal-potenzjal sostanzjali tagħhom għal tkabbir, għen biex kibret il-pressjoni tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-kreditu, ikkonċentrata l-aktar fis-suq tas-self għad-djar ([8]). Minħabba li kibret il-kompetizzjoni, l-istituzzjonijiet kabbru l-linja tal-prodotti tagħhom billi bdew joffru self b'ipoteka f'munita barranija u b'hekk setgħu jipprovdu lill-individwi bi kreditu orħos. It-tentattiv biex jiġu offruti prodotti b'rati tal-imgħax aktar baxxi kien ukoll wieħed mill-fatturi li għen l-espansjoni ta' self fil-frank Svizzeru f'xi pajjiżi tal-EĊL u fl-Awstrija. Il-banek li ħarġu self fil-frank Svizzeru u fil-yen Ġappuniż setgħu jikkompetu għal proporzjon tas-suq billi offrew spiża aktar baxxa għall-manutenzjoni tad-dejn milli setgħu joffru l-banek li ħarġu self fl-euro.

L-impatt tal-pressjoni tal-kompetizzjoni kellu żewġ dimensjonijiet. Min-naħa l-waħda, f'ambjent kompetittiv, l-istituzzjonijiet l-aktar konservattivi ġew "sfurzati" jidħlu fis-suq tas-self f'munita barranija biex ma jitilfux il-proporzjon tagħhom tas-suq, u dan seta' wassal biex tbaxxew l-istandards tal-kreditu. Min-naħa l-oħra, minħabba d-differenzjali sinifikanti tar-rati tal-imgħax, l-istituzzjonijiet setgħu jiffissaw marġini tal-qligħ u tal-ispejjeż aktar għoljin minn dawk tas-self fil-munita lokali u b'hekk setgħu jtejbu r-riżultati finanzjarji tagħhom (u dan kompla żied il-pressjoni kompetittiva fuq dawk il-banek li ma offrewx self f'munita barranija). Fil-każ ta' self f'munita barranija indiċizzat, l-istituzzjonijiet għamlu qligħ addizzjonali mill-ispreads tar-rati tal-kambju, kull darba li kienu jaqilbu l-pagamenti tas-self mill-munita lokali jew għall-munita lokali.

I.2.2. *Fatturi min-naħa tad-domanda*

I.2.2.1. Differenzjali tar-rati tal-imgħax

Id-differenzjali tar-rati tal-imgħax bejn il-pajjiżi analizzati u l-ekonomiji avvanzati ewlenin fl-Ewropa kienu l-forza ewlenija wara d-domanda qawwija għas-self f'munita barranija fil-pajjiżi tal-EĊL u l-Awstrija (ara **Tabella 8** Pajjiżi b'rati tal-kambju varjabbli, **Tabella 8** Pajjiżi b'rati tal-kambju varjabbli u **Tabella 9** Differenzjali tar-rati tal-imgħax għal self fil-munita lokali u fil-frank Svizzeru **fl-Ungerija, l-Awstrija u l-Polonja (f'p.p.)**). Is-self f'munita barranija sar attraenti b'mod partikolari fil-qasam tas-self fit-tul (pereżempju, is-self b'ipoteka) billi f'dan il-każ l-effett tad-differenzjali tal-imgħax fuq l-ewwel pagament ta' xahar huwa akbar milli fil-każ ta' self b'maturità qasira. Fil-każ tas-sistemi b'rati tal-kambju fissi, is-self f'munita barranija kellu t-tendenza li jkun orħos minħabba diversi fatturi, fosthom primjums aktar baxxi kontra r-riskju (pereżempju, tal-kreditu, tal-likwidità).

([8]) Ir-raġunijiet għal din il-preferenza huma: li l-ispejjeż ta' oriġinazzjoni tas-self b'ipoteka huma relattivament baxxi, li tiġi stabbilita relazzjoni fit-tul mal-klijenti (opportunitajiet ta' *cross-selling*), u li s-self b'ipoteka tipikament ikun kbir u jkollu maturità twila, u b'hekk l-assi tal-banek jikbru malajr. Barra dan, l-istituzzjonijiet jiffavorixxu s-self b'ipoteka għax iqisu li dan it-tip ta' self għandu inqas riskji minn self ieħor minħabba l-garanzji li jkollu.

**Differenzjali tar-rati tal-imgħax għal self lil individwi fil-munita lokali u fl-euro** (p.p.)

*Tabella 7*

**Pajjiżi b'rati tal-kambju stabilizzati u fissi**




*Sors:* BĊE u l-kalkoli tiegħu.

*Nota:* Din id-dejta tirreferi għal rati tal-imgħax miftiehma kull sena fir-rigward ta' negozju ġdid għas-self għal xiri ta' djar, li ma jinkludix self li jdur u overdrafts, dejn ta' konvenjenza u dejn estiż fuq il-karta tal-kreditu. Jirreferi għal rati varjabbli, b'perjodi ta' ssettjar ta' mhux aktar minn sena.

*Tabella 8*

**Pajjiżi b'rati tal-kambju varjabbli**




*Sors:* BĊE u l-kalkoli tiegħu.

*Nota:* Din id-dejta tirreferi għal rati tal-imgħax miftiehma kull sena fir-rigward ta' negozju ġdid għas-self għal xiri ta' djar, li ma jinkludix self li jdur u overdrafts, dejn ta' konvenjenza u dejn estiż fuq il-karta tal-kreditu. Jirreferi għal rati varjabbli, b'perjodi ta' ssettjar ta' mhux aktar minn sena.

*Tabella 9*

**Differenzjali tar-rati tal-imgħax għal self fil-munita lokali u fil-frank Svizzeru fl-Ungerija, l-Awstrija u l-Polonja (f'p.p.)**




*Sors:* BĊE u banek ċentrali nazzjonali u kalkoli tagħhom.

*Nota:* Id-dejta dwar l-Ungerija tasal biss sa Marzu 2010, billi l-prodotti fil-frank Svizzeru ma baqgħux disponibbli wara dik id-data. Id-dejta għall-Polonja hija disponibbli biss minn Jannar 2007.

Fil-każ tal-Ungerija, it-tagħrif jirreferi għall-medja ta' kull xahar tar-rata tal-imgħax miftiehma għas-self fil-frank Svizzeru għall-konsum u d-djar lil individwi, ippeżata bl-ammont ta' negozju ġdid. Din hija rata varjabbli, issettjata għal perjodu ta' mhux aktar minn sena. Fil-każ tal-Awstrija, jirreferi għar-rata tal-imgħax miftiehma kull sena għas-self ġdid kollu lil individwi u lil intrapriżi mhux finanzjarji fil-frank Svizzeru. Fil-każ tal-Polonja, jirreferi għall-medja tar-rata tal-imgħax tas-self ġdid użat għad-djar.

I.2.2.2. Il-perċezzjoni dwar ir-riskju tar-rata tal-kambju u l-aspettattivi marbuta mal-adozzjoni tal-euro

Il-fatt li s-self fl-euro laħaq l-ogħla livelli tiegħu fl-ekonomiji li joperaw b'sistemi fissi ta' kambju jista' jkun dovut għal bosta raġunijiet, fosthom primjums ta' likwidità aktar baxxi għal strumenti ta' dejn fl-euro u l-fatt li r-riskju tar-rata tal-kambju ma kienx meqjus daqstant u dan seta' wassal għal domanda akbar għas-self fl-euro f'dawn il-pajjiżi. Jista' jkun li xi wħud fost dawk li ssellfu ma kinux jafu bir-riskji li kienu deħlin għalihom meta ħadu self f'munita barranija. Anki dawk li kienu infurmati setgħu ħadu pożizzjonijiet *unhedged* dwar is-self f'munita barranija billi assumew li dan kien garantit b'mod impliċitu mis-sistema eżistenti tal-kambju. Sa ċertu punt, dawn il-presuppożizzjonijiet jidhru li ġew validati b'mod pożittiv fil-kriżi reċenti, l-aktar fl-ekonomiji tal-pajjiżi tal-EĊL li kellhom arranġamenti mal-bord tal-munita jew sistemi stabilizzati ta' rati tal-kambju, billi dawn ma żvalutawx, għalkemm fil-Latvja kien jinħtieġ programm ta' sostenn min-naħa tal-Unjoni u tal-Fond Monetarju Internazzjonali biex ir-rata tal-kambju baqgħet stabbli, l-aktar minħabba l-politika fiskali proċiklika u l-kriżi tal-likwidità fis-swieq finanzjarji dinjin.

L-iżviluppi fir-rati tal-kambju setgħu sostnew ukoll id-domanda għal self f'munita barranija f'xi pajjiżi b'sistemi ta' rati tal-kambju varjabbli (9). Fl-Awstrija, il-volatilità storikament baxxa bejn l-euro u l-frank Svizzeru wasslet biex il-perċezzjoni tar-riskju tar-rata tal-kambju kienet baxxa. Fl-ekonomji tal-pajjiżi tal-EĊL b'rati tal-kambju varjabbli, dawk li ssellfu nġibdu lejn is-self f'munita barranija minħabba l-apprezzament nominali fit-tul tar-rata tal-kambju u minħabba l-aspettattivi li dan l-apprezzament kien se jkompli. L-aspettattivi ta' dawk li ssellfu dwar l-apprezzament nominali tar-rata tal-kambju sa ċertu punt seħħew kif kien mistenni (10). Dan l-apprezzament kattar l-iżbilanċi esterni li akkumulaw minħabba li d-domanda interna żdiedet b'mod qawwi.

Ir-riskji perċepiti marbuta mas-self bl-euro f'uħud minn dawn il-pajjiżi setgħu ġew affettwati mill-aspettattivi fir-rigward tal-adozzjoni tal-euro fi żmien qasir. Dawn l-aspettattivi sostnew kemm il-presuppożizzjoni ta' riskju "żero" marbut mar-rata tal-kambju fil-każ ta' pajjiżi b'sistemi ta' rati tal-kambju fissi jew stabilizzati kif ukoll il-presuppożizzjoni ta' xejra sostnuta ta' apprezzament nominali tar-rata tal-kambju fil-każ ta' pajjiżi b'sistemi ta' rati tal-kambju varjabbli.

## II. **IR-RISKJI MARBUTA MAS-SELF F'MUNITA BARRANIJA**

Waqt li din it-taqsima tiffoka fuq ir-riskji ewlenin li jġib miegħu s-self f'munita barranija, wieħed irid jirrikonoxxi l-benefiċċji kemm mill-integrazzjoni finanzjarja kif ukoll minn livelli sostenibbli ta' self f'munita barranija.

### II.1. **Riskju tal-kreditu marbut mat-tibdil fir-rata tal-kambju u fir-rata tal-imgħax barrani**

Il-banek li jisilfu f'munita barranija huma esposti għar-riskju indirett tar-rata tal-kambju (bħala komponent tar-riskju tal-kreditu) minħabba d-diskrepanzi fil-munita fil-karti tal-bilanċ tal-klijenti tagħhom. Deprezzament sinifikanti tal-munita

(9) Analiżi ta' bosta studji dwar is-self f'munita barranija wriet li l-volatilità tal-munita barranija hija l-aktar fattur determinanti b'saħħtu tas-self f'munita barranija, minbarra d-depożiti f'munita barranija u l-volatilità reali tar-rata tal-kambju u tal-inflazzjoni: ara Hake, M., *Determinants of foreign currency loans in CESEE countries: a meta-analysis*, preżentazzjoni fid-69 East Jour Fixe tal-Oesterreichische Nationalbank, Ġunju 2011.

(10) Is-self fil-biċċa l-kbira kien denominat f'munita barranija, jew kien indiċizzat ma' munita barranija, u l-finanzjament sar f'munita barranija (jew inbidel f'munita barranija), għalkemm is-self ingħata lis-selliefa fil-munita lokali. Dan ifisser li l-istituzzjonijiet bdew ibigħu fondi f'munita barranija, ġejjin minn kumpaniji prinċipali jew minn swieq bl-ingrossa, jew akkwistati b'kuntratti ta' swaps, fis-suq b'konsenja immedjata (*spot market*), u dan żied il-pressjoni fuq il-muniti lokali.

lokali jfisser żieda fil-valur f'munita lokali tad-dejn pendenti (anki fi proporzjon mal-valur tal-garanziji) kif ukoll fil-ħruġ ta' ħlasijiet għall-manutenzjoni tad-dejn. Bħala konsegwenza, il-kapaċità ta' manutenzjoni tad-dejn ta' dawk li jissellfu *unhedged* lokalment teħżien u dan iwassal biex tiddgħajjef b'mod sinifikanti l-kundizzjoni finanzjarja tas-settur privat. It-tnaqqis fil-kapaċità ta' dawk li jissellfu li jmantnu d-dejn tagħhom ([11]) u rata ta' rkupru aktar baxxa jaffettwaw il-kwalità tal-portafoll tas-self, iżidu t-telf tal-banek mis-self u joħolqu pressjoni fuq l-ilqugħ tal-qligħ u l-kapital. Filwaqt li dan ma daħalx fis-sitwazzjoni tal-istress test li l-ABE għamlet fl-UE kollha, l-ABE enfasizzat fir-rapport tagħha dwar l-istress test li f'xi ġurisdizzjonijiet ir-riskju ewlieni jista' jkun iċ-ċaqliq negattiv tal-muniti marbut mal-impatt fuq is-self f'munita barranija ([12]).

Hu diffiċli li wieħed jikkalkula bl-eżatt kemm huma r-riskji marbuta mar-rata tal-kambju (u mar-rata tal-imgħax) tas-self f'munita barranija. Il-metodi tradizzjonali tal-kalkolu tar-riskju ma jqisux li s-self tal-banek f'munita barranija lil dawk li jissellfu *unhedged* jgħaqqad ir-riskju tas-suq ma' dak tal-kreditu b'mod li xejn ma huwa lineari ([13]). Xi dokumenti ta' riċerka juru li l-metodi standard tal-ġestjoni tar-riskji li jindirizzaw tipi differenti ta' riskji b'mod separat jistgħu jwasslu għal valutazzjoni ferm aktar baxxa tar-riskju totali involut. Jekk sempliċement tgħodd il-komponenti tar-riskju, imkejla b'mod separat, tar-rata tal-kambju ma' dawk tar-riskju fil-każ li s-self ma jitħallasx, tkun qiegħed tagħti valutazzjoni aktar baxxa tal-livell reali tar-riskju, immultiplikata għal ħafna drabi.

Fl-aħħar, il-profil tar-riskju tas-self f'munita barranija hu differenti minn dak tas-self fil-munita lokali. Dan jista' jkun ta' ħsara għall-kwalità tas-self f'munita barranija jekk iċ-ċikli tar-rati tal-imgħax tal-munita barranija jkunu differenti minn dawk tal-ekonomija lokali. Madankollu, id-daqs tar-riskji tar-rata tal-kambju u tar-rata tal-imgħax barrani jvarja b'mod konsiderevoli għal kull żewġ muniti differenti, kif ukoll minħabba s-sistemi ta' pprezzar imħaddma f'kull pajjiż.

F'pajjiżi li għandhom sistemi ta' rati tal-kambju fissi jew stabilizzati, ma kien hemm l-ebda riskju tal-kambju għas-self f'munita barranija waqt il-kriżi, billi l-muniti lokali ma żvalutawx u baqgħu marbuta mal-euro. B'hekk, dawk li ssellfu f'munita barranija ma batewx mill-iżvalutazzjoni tal-munita iżda x'aktarx gawdew mit-tnaqqis fir-rati tal-imgħax bl-euro.

Fil-każ ta' pajjiżi li għandhom rati tal-kambju varjabbli, l-impatt tad-deprezzament tal-munita lokali kien jiddependi ħafna mis-sistema ta' pprezzar użata mill-banek li joffru tipi differenti ta' self. Billi f'xi pajjiżi (pereżempju, l-Awstrija, il-Polonja u r-Rumanija) ir-rata tal-imgħax fuq is-self b'ipoteka f'munita barranija hija marbuta b'mod espliċitu mar-rata tal-imgħax tas-suq, it-tnaqqis fir-rata tal-imgħax fl-euro u fil-frank Svizzeru għamel tajjeb għall-biċċa l-kbira tal-effetti negattivi tad-deprezzament tal-munita lokali. Madankollu, ta' min jgħid li l-interazzjoni deskritta bejn it-tibdil fir-rata tal-kambju lokali u r-rati tal-imgħax barrani seħħet minħabba sitwazzjoni speċifika fl-ekonomiji avvanzati u fis-swieq finanzjarji dinjin waqt il-kriżi. Fil-każ tad-deprezzament tal-munita lokali flimkien ma' żieda fir-rata tal-imgħax barrani, il-pajjiżi b'rata tal-kambju varjabbli kien ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' żieda fir-riskju li dawk li jissellfu ma jħallsux is-self, kienet x'kienet is-sistema ta' pprezzar tal-kreditu.

Min-naħa l-oħra, il-materjalizzazzjoni tar-riskju tar-rata tal-kambju kibret minħabba żieda fir-rati tal-imgħax fuq self f'munita barranija fl-Ungerija (ċaqliq simultanju fir-rata tal-kambju u fir-rata tal-imgħax). Is-sistema ta' pprezzar mħaddma mill-banek Ungeriżi tippermettilhom jissettjaw ir-rata tal-imgħax għas-selliefa żgħar b'mod unilaterali waqt li jinjoraw kull tibdil fir-rata tal-imgħax barrani. B'hekk, il-piżijiet tar-rata tal-imgħax għas-selliefa żgħar ta' self f'munita barranija fl-Ungerija żdiedu f'dawn l-aħħar sentejn tlieta, u saħħew l-effett negattiv tad-deprezzament sinifikanti tal-forint Ungeriż mal-frank Svizzeru.

F'xi pajjiżi, is-self f'munita barranija għandu proporzjonijiet aktar għoljin NPL (*non-performing loan*) u livelli ogħla ta' ristrutturazzjoni tas-self (pereżempju, fl-Ungerija u fir-Rumanija). Wieħed jasal għal din il-konklużjoni meta titqies il-maturità tas-self, i.e. ġeneralment, dawk li jieħdu self b'ipoteka denominat f'munita barranija b'rata tal-kambju aktar qawwija jkollhom tendenza akbar li ma jaslux biex iħallsu s-self. Dan ikompli juri li wħud minn dawk li jissellfu x'aktarx li ma jkunux jafu bir-riskju li jidħlu għalihom meta joħorġu self f'munita barranija.

F'pajjiżi oħrajn, bħall-Polonja, id-dejta turi li s-self f'munita barranija għandu t-tendenza li jrendi aktar minn dak fil-munita lokali. Madankollu, dan ma jistax ikun dovut biss għall-fatt li l-klijenti li jieħdu self f'munita barranija jkunu f'sitwazzjoni finanzjarja aħjar. Fir-realtà, dan huwa dovut għall-prattika tal-banek li jaqilbu self f'munita barranija għall-munita lokali meta jaraw li s-self ma jkunx se jitħallas jew li jkun se jiġi ristrutturat, kif ukoll għall-interventi tal-awtoritajiet li jillimitaw l-aċċess għas-self f'munita barranija biss għall-aħjar minn fost dawk li jissellfu.

Fl-aħħar, il-kwalità tal-kreditu tiddependi wkoll mit-tip ta' self, billi normalment is-self għall-konsum ikollu riskju akbar mis-self b'ipoteka (jew minn self ieħor iggarantit).

([11]) Id-deprezzament tal-munita lokali jista' jnaqqas ukoll mir-rieda ta' dawk li jissellfu biex iħallsu minħabba, pereżempju, li l-valur tas-self jaqbeż il-valur tal-garanzija. Dan il-mekkaniżmu madankollu hu prevalenti l-aktar fi swieq (pereżempju, il-parti l-kbira tas-suq residenzjali tas-self b'ipoteka fl-Istati Uniti) fejn il-banek jillimitaw l-isforzi tagħhom ta' rkupru għall-ġbir tal-garanziji u ma jfittxux ħlas minn assi oħra u minn dħul ieħor ta' min jissellef.

([12]) Ara *2011 EU-wide stress test aggregate report*, Awtorità Bankarja Ewropea, 15 ta' Lulju 2011, p. 28.

([13]) Din il-kwistjoni ġiet investigata fi studju li sar mill-Oesterreichische Nationalbank u tmexxa minn grupp ta' ħidma tat-Task Force ta' Riċerka tal-Kumitat ta' Basel. Ara Breuer, T., Jandacka, M., Rheinberger, K. u Summer, M., *Does adding up of economic capital for market- and credit risk amount to conservative risk assessment?*, Journal of Banking and Finance, Volum 34(4), 2010, pp. 703-712.

Kollox ma' kollox, il-provi juru li r-riskju tal-kreditu seħħ tabilħaqq, b'mod partikolari f'dawn l-aħħar sentejn, għalkemm mhux bl-istess mod fil-pajjiżi kollha eżaminati. Madankollu, huwa diffiċli tindika l-impatt fuq il-kwalità tal-kreditu li jkun ġej kemm mir-rata tal-kambju kif ukoll mir-rata tal-imgħax barrani. Dan hu dovut għal bosta fatturi, iżda l-aktar minħabba li (i) il-kwalità tal-kreditu tiddependi wkoll minn kundizzjonijiet ekonomiċi oħra, bħal-livelli tal-qgħad, kif ukoll mill-istruttura taż-żmien tal-portafoll; (ii) il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi milquta kienu qegħdin jimplimentaw miżuri politiċi biex jindirizzaw il-fenomenu, u dan kellu impatt fuq il-karatteristiċi tal-portafoll tas-self f'munita barranija; (iii) id-dejta mogħtija kienet limitata.

## II.2. **Riskji marbuta mal-finanzjament u l-likwidità**

F'ċerti pajjiżi tal-EĊL, ir-riskji tal-finanzjament u l-likwidità li s-soltu jkunu marbuta mal-attività ta' self tal-banek huma akbar minħabba l-prevalenza ta' self f'munita barranija. F'dawn il-pajjiżi żdiedu r-riskji tal-finanzjament minħabba li l-banek komplew jiffinanzjaw lilhom infushom mis-swieq monetarji interbankarji, kif ukoll mill-istituzzjonijiet prinċipali, minflok mid-depożiti tal-massa. Dan żied b'mod sinifikanti kemm id-dipendenza tal-banek lokali mill-fondi barranin kif ukoll il-vulnerabbiltajiet esterni ta' ċerti pajjiżi. B'mod partikolari, id-dipendenza ta' xi banek tal-pajjiżi tal-EĊL mill-fondi ta' banek oħrajn tista' ġġib magħha riskji rilevanti fejn il-banek prinċipali jkunu stabbiliti f'pajjiżi li jkollhom vulnerabbiltajiet fiskali persistenti. Ir-riskju li l-gvern ta' pajjiż domestiku ma jirrikonoxxix self jista' jinxtered minħabba d-disponibbiltà u l-ispiża marbuta mal-finanzjament min-naħa tal-istituzzjonijiet prinċipali lil kumpaniji sussidjarji u fergħat fil-pajjiżi tal-EĊL. Għalhekk, jinħtieġ ippjanar b'attenzjoni (pereżempju, fis-sura ta' pjanijiet ta' finanzjament) biex jiġi limitat il-potenzjal li r-riskji jixterdu fil-pajjiżi ospitanti.

F'dawn l-aħħar sentejn tlieta, madankollu, dawn ir-riskji marbuta mal-finanzjament ma seħħewx u l-istituzzjonijiet prinċipali żammew l-impenji mas-sussidjarji tagħhom billi pprovdewlhom u għaddewlhom il-fondi meħtieġa. Il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet Ewropej u tal-istituzzjonijiet prinċipali għenet ukoll biex dan it-tip ta' riskju għall-finanzjament ma seħħx (pereżmpju, l-inizjattiva ta' Vjenna, ara **Kaxxa 3**). Madankollu, dan it-tip ta' riskju għadu jeżisti u jirrifletti, inter alia, konċentrazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament. Barra dan, l-ispiża tal-finanzjament tista' tvarja jekk tinbidel il-perċezzjoni tar-riskji. Fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jkollhomx kumpanija prinċipali, ir-riskju ta' konċentrazzjoni jista' ma jkunx daqstant rilevanti, għalkemm aspetti oħra tar-riskji ta' finanzjament bl-ingrossa jistgħu jkunu aktar għoljin.

Min-naħa l-oħra, deher sors ġdid ta' riskju marbut mal-likwidità użata għall-finanzjament f'xi pajjiżi (l-aktar fl-Ungerija u l-Polonja) billi l-banek bdew jużaw id-depożiti fil-munita lokali biex jiffinanzjaw self f'munita barranija permezz tas-suq tal-iswaps. Biex ma jkollhomx pożizzjoni miftuħa għall-kambju barrani, il-banek lokali swoppjaw id-depożiti tagħhom fil-munita lokali ma' fondi f'munita barranija, f'ħafna każijiet għal żmien qasir u b'hekk bdew jesponu ruħhom għar-riskju ta' *rollover*. Meta faqqa' l-inkwiet finanzjarju fis-swieq tal-bonds u tal-iswaps u dawk is-swieq nixfu, il-banek kellhom jitħabtu biex jerġgħu jdawru l-iswaps tagħhom f'munita barranija għal żmien qasir. Barra dan, bid-deprezzament tal-muniti lokali, il-banek lokali kellhom jikkonformaw ma' sejħiet għal marġini aktar wesgħin (rekwiżiti tad-depożiti) fuq it-tranżazzjonijiet swap tagħhom, u dan żidilhom il-ħtieġa ta' likwidità f'munita barranija. Il-konsegwenzi ta' dan ir-riskju marbut mal-finanzjament tal-likwidità, li ġie mill-iskoperturi għas-suq tal-iswaps, ittaffew mill-banek ċentrali li introduċew linji swap u faċilitajiet ta' self biex jipprovdu likwidità ta' emerġenza f'munita barranija lill-banek lokali, kif ukoll billi pprovdew swaps f'munita barranija min-naħa tal-istituzzjonijiet prinċipali lis-sussidjarji tagħhom. F'xi każijiet l-azzjonijiet tal-banek ċentrali kellhom jiġu sostnuti b'self, kreditu u linji swap mill-FMI, mill-BĊE u mill-Bank Nazzjonali Svizzeru.

Madankollu, ta' min jisħaq mill-ġdid fuq id-differenzi bejn il-pajjiżi, billi dawn kellhom sorsi ta' finanzjament differenti. Fil-każ tal-ekonomiji kkaratterizzati minn proporzjon kbir ta' depożiti f'munita barranija u konsegwentement minn proporzjon aktar baxx bejn is-self f'munita barranija u d-depożiti f'munita barranija, l-aċċess għal bażi lokali kbira u stabbli ta' finanzjament f'munita barranija seta' kien ifisser li r-riskji marbuta mal-finanzjament kienu anqas evidenti.

## II.3. **Żieda eċċessiva fil-kreditu, ipprezzar ħażin tar-riskji u prezzijiet artifiċjali tal-assi**

Is-self f'munita barranija jista' joħloq vulnerabbiltajiet importanti billi jwassal għal żieda eċċessiva fil-kreditu ([14]).

Dan sikwit iwassal għal prezzijiet artifiċjali tal-assi, u jista' jkollu implikazzjonijiet negattivi għall-istabbiltà finanzjarja kif ukoll għar-rendiment ġenerali tal-ekonomija. B'mod partikolari, id-diskrepanzi fil-karti tal-bilanċ minħabba self eċċessiv f'munita barranija minn dawk li jissellfu *unhedged* fis-settur privat mhux finanzjarju jista' jwassal biex tiżdied il-vulnerabbiltà għal ċaqliq finanzjarju estern u għal ċaqliq fl-ekonomija reali. Dawn il-vulnerabbiltajiet jistgħu jkunu kbar ħafna jekk iż-żieda fil-kreditu tkun ikkonċentrata fis-settur tal-proprjetà. Il-konċentrazzjoni eċċessiva ta' self mill-banek fis-suq tal-proprjetà tista' tiffaċilita l-ħolqien ta' bużżieqa billi jekk id-domanda għall-proprjetà tkompli tikber, il-prezzijiet jogħlew u dan iwassal biex tikber il-provvista ta' kreditu minħabba li l-valur tal-garanziji jogħla kif ukoll tiżdied id-domanda minħabba l-aspettattivi li l-prezzijiet tal-assi jkunu se jkomplu jogħlew. Jekk is-self ikun iffinanzjat mid-dħul ta' kapital, il-pajjiż iżid

([14]) Skont il-FMI, żieda qawwija fil-kreditu tiġi identifika jekk it-tkabbir fil-kreditu jaqbeż b'1.75 darba d-devjazzjoni standard tal-medja tal-varjazzjoni fil-kreditu fix-xejra osservata f'pajjiż partikolari. Ara FMI, *Are credit booms in emerging markets a concern?*, World Economic Outlook, April 2004, p.151. Il-loġika ta' dan l-argument hi li jekk l-osservazzjonijiet dwar iż-żieda fil-kreditu jkunu saru permezz ta' distribuzzjoni normali, hemm biss probabbiltà ta' 5 % li dawn jaqbżu d-devjazzjoni standard b'fattur ta' aktar minn 1.75. Ara wkoll Boissay et al, *Is lending in central and eastern Europe developing too fast?*, abbozz ta' rapport preliminari, 31 ta' Ottubru 2005. Perjodi ta' żieda qawwija fil-kreditu huma definiti mill-FMI bħala perjodi li fihom il-medja taż-żieda reali fil-kreditu taqbeż 17 % fi żmien tliet snin.

id-dejn barrani waqt li l-potenzjal produttiv tiegħu jiżdied ftit li xejn. L-esperjenza preċedenti, inkluża dik tal-Irlanda, Spanja u l-pajjiżi Baltiċi fil-kriżi finanzjarja reċenti, turi li l-proċess biex jitreġġgħu lura dawn l-effetti reċiproċi negattivi li jsostnu lilhom infushom jista' jkollu konsegwenzi serji għall-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja.

Jidher li hemm rabta mill-qrib bejn żieda rapida fil-kreditu u s-self f'munita barranija fl-Istati Membri l-ġodda (SMĠ) ([15]), l-aktar fil-pajjiżi fejn id-dejn tas-settur privat mhux finanzjarju żdied malajr ġmielu f'dawn l-aħħar snin, kif sabu Rosenberg u Tirpak ([16]). L-istudju jikkonkludi li, anki jekk wieħed iqis żieda fil-proporzjon tal-kreditu mal-prodott domestiku gross (PDG) minħabba l-approfondiment finanzjarju, xi SMĠ esperjenzaw żieda "eċċessiva" fil-kreditu, fis-sens li t-tkabbir tal-kreditu osservat kien akbar minn dak li setgħu jissuġġerixxu fatturi makroekonomiċi varjabbli. Pajjiżi li kellhom żidiet partikolarment qawwija fil-kreditu qabel il-kriżi finanzjarja dinjija kellhom it-tendenza wkoll li jkollhom proporzjon akbar ta' self f'munita barranija (ara **Tabella 10**). Dejta storika turi li ż-żieda fis-self f'munita barranija tista' tkun marbuta ma' żidiet kbar fil-kreditu fl-Istati Membri l-ġodda ffinanzjati mid-dħul ta' kapital barrani. Iż-żieda qawwija fil-kreditu lis-settur privat mhux finanzjarju tista' tkun marbuta ma' proporzjon akbar ta' self f'munita barranija (ara **Tabella 11**). Waqt li l-preżenza ta' korrelazzjoni ma timplikax rabta kawżali bejn is-self f'munita barranija u ż-żidiet kbar fil-kreditu, wieħed għandu josserva x-xebh storiku bejniethom.

*Tabella 10*

**Proporzjon ta' self f'munita barranija u l-proporzjon tal-kreditu mal-PDG fi Stati Membri magħżula**




*Sors:* Banek ċentrali nazzjonali u uffiċċji nazzjonali tal-istatistika.

*Nota:* Is-settur tal-kontroparti għas-self u l-kreditu f'munita barranija huwa s-settur ta' non-MFIs residenti, bl-esklużjoni tal-amministrazzjoni pubblika. Id-dejta tirreferi għal Marzu 2011.

*Tabella 11*

**Differenzi fil-proporzjon tas-self f'munita barranija u fil-proporzjon tal-kreditu mal-PDG fi Stati Membri magħżula** (p.p.)




*Sors:* Statistika tal-BĊE dwar il-BSI u kalkoli tiegħu.

*Nota:* Is-settur tal-kontroparti għas-self u l-kreditu f'munita barranija huwa s-settur ta' non-MFIs residenti, bl-esklużjoni tal-amministrazzjoni pubblika. Id-differenzi fil-proporzjonijiet jirreferu għall-perjodu bejn Diċembru 2004 u Marzu 2011.

([15]) Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja.

([16]) Rosenberg, C. u Tirpak, M., *Determinants of foreign currency borrowing in the new Member States of the EU*, Dokument ta' Ħidma tal-FMI Nru 8/173, Lulju 2008.

Fattur li seta' kkontribwixxa għall-espansjoni tas-self f'munita barranija kien il-fatt li, qabel il-kriżi, il-prezzijiet interni ta' trasferiment fi ħdan grupp finanzjarju (i.e. bejn il-kumpanija prinċipali u kumpanija sussidjarja jew fergħa tagħha) ma kinux jirriflettu biżżejjed ir-riskji inkorporati fis-self f'munita barranija, jiġifieri r-riskju tar-rata tal-kambju, il-primjum tar-riskju tal-pajjiż u r-riskju tal-finanzjament. Huwa diffiċli li s-self f'munita barranija jiġi evalwat tajjeb minħabba li mhuwiex faċli li tingħata valutazzjoni tajba ta' whud minn dawn ir-riskji. Fir-realtà, il-livelli osservati ta' self f'munita barranija setgħu kienu sintomu li kienu qegħdin jittieħdu aktar riskji.

B'mod ġenerali, l-iżbalji fl-ipprezzar tal-primjums tar-riskju fuq in-naħa tal-provvista huma karatteristika komuni fi żminijiet ta' żieda kbira fil-kreditu. It-tnaqqis fil-primjums tar-riskju minħabba fiduċja żejda fir-rigward tal-prospetti ta' tkabbir u tar-riskju tal-pajjiż jista' jgħin biex jitbaxxew ir-rati nominali tal-imgħax fuq is-self f'munita barranija. Rati tal-imgħax aktar baxxi u kundizzjonijiet aktar ħfief għall-akkwist ta' kreditu jinfluwenzaw bil-kbir il-prezzijiet tal-assi – u l-aktar il-prezzijiet tad-djar. B'hekk ikun hemm il-periklu li r-riżorsi jiġu allokati b'mod mgħawweġ u li jinħolqu prezzijiet artifiċjali tal-assi. Il-prezzijiet għolja tal-proprjetà flimkien ma' kundizzjonijiet aktar ħfief għall-akkwist ta' kreditu u inċentivi għall-ispekulazzjoni u għall-azzjonijiet ta' lieva wasslu għal żieda qawwija fil-prezzijiet tad-djar f'għadd ta' pajjiżi.

Billi s-self f'munita barranija normalment jinvolvi rati tal-imgħax aktar baxxi mis-self fil-munita lokali, dan jinfluwenza r-rata reali tal-imgħax kif jarawha dawk li jissellfu. Meta joħorġu self f'munita barranija, l-individwi sikwit jużaw l-inflazzjoni lokali mistennija fil-prezzijiet tal-konsum jew iż-żieda lokali fil-pagi biex jnizzlu r-rata nominali tal-imgħax fuq is-self f'munita barranija, l-aktar jekk ir-riskju tar-rata tal-kambju jitqies bħala negliġibbli. Rati tal-kambju fissi jew ikkontrollati b'mod strett kif ukoll episodji ta' apprezzament qawwi u sostnut tal-munita lokali jistgħu jwasslu biex jiġi sottovalutat ir-riskju tar-rata tal-kambju marbut ma' self denominat f'munita barranija.

Dan jista' jwassal għal rati reali tal-imgħax baxxi ħafna jew, f'ħafna każijiet, negattivi ferm, li jistimulaw bil-qawwa d-domanda ġenerali għall-kreditu, u jistgħu jżidu bil-kbir il-prezzijiet tal-assi.

Dawn il-fatturi kollha flimkien qabel il-kriżi rriżultaw fi dħul ta' kapital f'bosta pajjiżi tal-EĊL li kien marbut ma' żieda kbira fil-kreditu, denominat l-aktar f'munita barranija. Il-fondi marru l-aktar fil-proprjetà u l-bini, u b'hekk żdied sew il-konsum u nħolqu prezzijiet artifiċjali tal-assi. Barra dan, dawn il-pajjiżi kellhom tkabbir sostanzjali kemm fl-għadd ta' djar ġodda kif ukoll fl-istandards ġenerali tal-għajxien. Dawn l-iżviluppi stimulaw bil-qawwa d-domanda ġenerali għall-kreditu u wasslu għal żidiet kbar fil-prezzijiet tal-assi. B'hekk, il-prezzijiet tal-proprjetà splodew (ara **Tabella 12**).

*Tabella 12*

**Prezzijiet tad-djar u żieda fil-kreditu fi Stati Membri magħżula (%)**




*Sors:* Eurostat, BĊE u kalkoli tiegħu.

*Nota:* Żieda annwali medja fil-kreditu u żieda annwali medja fil-prezzijiet tad-djar residenzjali għall-perjodu 2006/2010. Għal raġunijiet ta' disponibbiltà tad-dejta, fil-każ tal-Polonja u r-Rumanija ntużat id-dejta tal-2009.

Għandu jingħad li proporzjon kbir ta' self f'munita barranija lis-settur privat *unhedged* u l-prezzijiet artifiċjali tal-assi għandhom xehta li jaggravaw il-vulnerabbiltajiet esterni.

Billi s-self minn pajjiżi barranin maż-żmien jikkontribwixxi għall-akkumulazzjoni ta' volumi totali aktar kbar ta' dejn barrani, dan jista' jwassal biex pajjiż isir aktar vulnerabbli għat-telfien f'daqqa ta' fiduċja jew għall-effetti ta' tixrid ta' kriżijiet f'pajjiżi li jidhru li jkollhom l-istess nuqqasijiet. F'dan il-każ, id-dubji tas-suq dwar is-sostenibbiltà tal-ħażna kbira ta' obbligazzjonijiet barranin jew xi ċaqliq estern li jwassal għal żvalutazzjoni tar-rata tal-kambju jistgħu jikkawżaw it-tneħħija diżordinata tal-iżbilanċi akkumulati.

Kif ġie diskuss fit-Taqsima **II.1**, il-karta tal-bilanċ tas-settur privat mhux finanzjarju hija esposta għal riskji li jistgħu jseħħu fil-każ ta' deprezzament reali u f'daqqa tar-rata tal-kambju. Dan l-effett jista' jaggrava jekk isseħħ korrezzjoni simultanja kbira tal-prezzijiet tal-assi. Barra dan, wieħed ma jistax jinjora l-fatt li ċaqliq intern li jwassal biex tinfaqa' l-bużżieqa tal-prezzijiet artifiċjali tal-assi jista' jġib miegħu telfien ta' fiduċja minħabba problemi kbar fil-karta tal-bilanċ.

Ma jidhirx li hemm riskju fi żmien qasir li se jerġa' jkun hemm żidiet kbar fil-kreditu u fl-assi minħabba s-self f'munita barranija billi l-eżerċizzju tat-tnaqqis tal-azzjonijiet ta' lieva għadu mhux lest f'ħafna mill-Istati Membri l-ġodda. Għal żmien medju, madankollu, wieħed ma jistax jeskludi li dan il-fenomenu jerġa' jidher meta l-ambjent ekonomiku jiġi għal kollox għan-normal u jerġgħu jbattu r-riskji internazzjonali b'xejra ta' tnaqqis. Għalkemm il-kreditu barrani reġa' beda jiżdied xi ftit dan l-aħħar, l-inċentivi fuq in-naħa tal-provvista u tad-domanda kif ukoll l-istrutturi tas-swieq ftit li xejn jidhru li nbidlu. Fir-realtà, l-esperjenza tal-kriżi finanzjarja dinjija ma jidhirx li ġabet magħha xi evalwazzjoni ġdida fundamentali tar-riskji marbuta mas-self f'munita barranija min-naħa tal-konsumaturi. Anzi, f'xi każijiet, l-inċentivi għal self f'munita barranija bis-saħħa tad-differenzjali tar-rata tal-imgħax saħansitra żdiedu, minħabba r-rati tal-imgħax baxxi ferm fiż-żona tal-euro u fl-Isvizzera. Fl-aħħar, il-proċessi ta' approfondiment finanzjarju fl-Istati Membri l-ġodda x'aktarx li għadhom ma tlestewx, għalkemm il-livelli tal-proporzjon tal-kreditu mal-PDG żdiedu b'mod sinifikanti qabel il-kriżi finanzjarja. Barra dan, għalkemm il-banek diġà għamlu sforz biex ikabbru l-bażi tagħhom ta' depożiti lokali, il-finanzjament fil-munita lokali għadu mrażżan min-nuqqas ta' swieq lokali profondi u likwidi biżżejjed.

F'dan il-kuntest, irid jingħad li l-qafas Basel III ppropona strument ieħor għall-awtoritajiet nazzjonali li jista' jikkontribwixxi biex tittaffa żieda kbira oħra fil-kreditu. Waqt li l-għan ewlieni tal-ilqugħ kapitali kontroċikliku ([17]) hu li s-sistema bankarja tibni lqugħ suffiċjenti fi żminijiet tajba biex tkun tiflaħ aktar għat-telf wara żieda kbira fil-kreditu, effett sekondarju pożittiv jista' jkun żieda fil-kreditu b'mod aktar gradwali minħabba rekwiżiti ta' kapital aktar għoljin. Madankollu, fl-Istati Membri l-ġodda, il-kalkolu taż-żieda eċċessiva fil-kreditu abbażi tal-kwantifikazzjoni tal-ilqugħ ċikliku jista' jkun problematiku minħabba li m'hemmx tagħrif biżżejjed u minħabba l-proċess ta' konverġenza ([18]).

### II.4. Effetti ta' konċentrazzjoni u tixrid bejn il-pajjiżi domestiċi u ospitanti bħala riskji għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni

Iċ-ċaqliq fir-rati tal-kambju jolqot, simultanjament, l-affidabbiltà kreditizja ta' grupp sħiħ ta' dawk li jissellfu *unhedged* f'munita barranija. Dan it-tip ta' riskju ta' konċentrazzjoni jista' jseħħ kemm f'pajjiż jew istituzzjoni kif ukoll fl-Istati Membri kollha. Dan il-fenomenu jaggrava ruħu b'dawk li huma magħrufa bħala karatteristiċi *tail-event* (i.e. għalkemm x'aktarx li dawn ma jseħħux, jista' jkollhom impatt qawwi jekk ikun hemm ċaqliq kbir fil-kambju barrani). Forom oħrajn ta' riskju ta' konċentrazzjoni jistgħu jkunu preżenti fis-self f'munita barranija, l-aktar fil-finanzjament u fil-garanziji. Il-konċentrazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament tfisser li dan it-tip ta' negozju hu sensittiv ħafna għaċ-ċaqliq fejn jidħlu l-kumpaniji prinċipali u/jew is-swieq tal-iswaps tal-kambju barrani. Fl-aħħar, minħabba li l-biċċa l-kbira ta' dan is-self huwa self b'ipoteka, tidħol ukoll konċentrazzjoni ta' garanziji, billi dan għandu x'jaqsam l-aktar ma' proprjetà residenzjali jew kummerċjali, b'valur li jonqos fil-każ ta' żviluppi negattivi fir-rati tal-kambju, u b'hekk iħalli impatt fuq ir-rati tal-proporzjon bejn is-self u l-valur u r-rati ta' rkupru.

Il-prevalenza ta' livelli għoljin ta' self f'munita barranija tista' twassal għal żieda fil-mezzi ta' tixrid.

L-ewwel, hemm relazzjoni mill-qrib ħafna bejn is-sussidjarji li joffru dan il-kreditu u l-kumpaniji prinċipali tagħhom. Min-naħa l-waħda, fil-każ ta' ċaqliq negattiv li jolqot lis-sussidjarji, x'aktarx li l-ħtiġijiet ta' kapital u/jew ta' likwidità jmorru flimkien f'bosta pajjiżi minħabba vulnerabbiltajiet simili, li mbagħad jistgħu jkunu ta' piż fuq ir-riżorsi tal-grupp prinċipali. B'hekk din l-iskopertura fil-grupp torbot lill-bank prinċipali aktar mill-qrib mal-kumpanija sussidjarja tiegħu u l-probabbiltà ta' sostenn min-naħa tal-bank prinċipali f'sitwazzjoni ta' tensjoni bħal din tiżdied mal-kobor tal-iskopertura. Anki jekk il-probabbiltà ta' sostenn min-naħa tal-bank prinċipali tista' tidher bħala sinjal pożittiv għall-pajjiż ospitanti, dan hu eżempju ta' riskju ta' tixrid bejn is-sistema finanzjarja tal-pajjiż ospitanti u dik tal-pajjiż domestiku, waqt li r-riskju tal-kreditu marbut mas-self f'munita barranija jista' jolqot lill-pajjiż domestiku (ara Kaxxa 2 dwar l-esperjenza Svediża).

([17]) Kumitat ta' Basel għas-Superviżjoni Bankarja, *Guidance for national authorities operating the countercyclical buffer*, Diċembru 2010. Għal diskussjoni dwar l-ilqugħ kontroċikliku fil-kuntest tat-tkabbir eċċessiv tal-kreditu u l-prezzijiet artifiċjali tal-assi fil-pajjiżi Nordiċi, are r-Rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja Nru 1/2011, Sveriges Riksbank, 2011, p. 52.

([18]) Għal diskussjoni dwar il-problemi marbuta mal-kalkolu tat-tkabbir eċċessiv tal-kreditu fil-pajjiżi tal-EĊL bl-użu tal-filtru Hodrick-Prescott kif ukoll għal ħarsa ġenerali dwar metodi alternattivi, ara Geršl, A. u Seidler, J., *Excessive credit growth as an indicator of financial (in)stability and its use in macroprudential policy*, Rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja 2010/2011, Česká národni banka, p. 112.

F'xi każijiet tipiċi, il-banek prinċipali jaġixxu biss bħala intermedjarji tal-finanzjament bejn l-investituri barranin u l-kumpaniji sussidjarji. Meta l-banek prinċipali joħorġu debitu fis-swieq kapitali internazzjonali li jkollu maturità aqsar minn dik tal-portafoll tas-self tal-kumpaniji sussidjarji u jgħadduh immedjatament lis-sussidjarji, mhux biss ikunu qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' riskju tal-kontroparti fir-rigward tas-sussidjarji tagħhom, iżda wkoll ma' riskju marbut mar-rifinanzjament. Ir-riskju marbut ma' din l-istrateġija ta' finanzjament jista' jġiegħel lill-banek ċentrali tal-pajjiżi domestiċi jżommu aktar riżervi milli jkun meħtieġ mill-perspettiva tagħhom u dan jista' jwassal biex fl-aħħar mill-aħħar ikunu dawk li jħallsu t-taxxi fil-pajjiż domestiku li jerfgħu l-piż tas-self f'munita barranija tal-kumpaniji sussidjarji.

Id-dejta tal-BIS dwar il-klejms internazzjonali bejn il-banek tista' tintuża bħala prokura għall-iskoperturi tal-banek tal-pajjiżi domestiċi mas-sussidjarji barranin tagħhom ([19]). Skont id-dejta miġbura fuq il-bażi ta' selliefa immedjati (*immediate borrower basis*) ([20]), dawn il-klejms laħqu kważi USD 339 biljun fi tmiem l-2010, li jġibu madwar 0.7 % tal-assi bankarji fil-pajjiżi domestiċi. Madankollu, kif turi **Tabella 13**, aktar minn 75 % tal-klejms huma kkonċentrati f'ħames pajjiżi biss: il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, l-Awstrija u l-Isvezja. B'hekk, f'xi każijiet, l-iskoperturi individwali għas-sistemi bankarji fil-pajjiżi ospitanti jistgħu jitqiesu bħala sostanzjali (pereżempju, madwar 6 % tal-assi tas-settur bankarju fl-Awstrija).

*Tabella 13*

**Proporzjon ta' klejms mas-sistemi bankarji ta' pajjiżi ospitanti minn pajjiżi domestiċi (sa tmiem l-2010)**




*Sors:* Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, kalkoli tiegħu.

Din il-konċentrazzjoni kbira tidher ukoll f'**Tabella 14**, li turi l-istruttura tal-klejms bankarji internazzjonali ta' pajjiżi domestiċi magħżula. L-ewwel, jidher li l-finanzjament provdut lis-sistemi bankarji tal-pajjiżi ospitanti jirrappreżenta proporzjon kbir mill-klejms bankarji internazzjonali fil-pajjiżi domestiċi magħżula.

*Tabella 14*

**Proporzjon tal-klejms bankarji ma' pajjiżi ospitanti mit-total ta' klejms bankarji internazzjonali**




*Sors:* Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, kalkoli tiegħu.

*Nota:* Din it-tabella turi l-proporzjon ta' klejms bankarji min-naħa tal-pajjiżi domestiċi bl-akbar proporzjon ta' klejms bankarji ma' pajjiżi ospitanti, mit-total tagħhom ta' klejms bankarji internazzjonali.

([19]) Pajjiżi domestiċi: l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, l-Olanda, il-Portugall, Spanja, l-Isvezja, l-Isvizzera u r-Renju Unit. Pajjiżi ospitanti: il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija.

([20]) Klejms bankarji internazzjonali, konsolidati - *immediate borrower basis*. Klejms internazzjonali ta' banek tal-pajjiż A dwar banek tal-pajjiż B jikkonsistu fi klejms bankarji transkonfinali dwar banek tal-pajjiż B fil-muniti kollha bbukkjati mill-uffiċċji kollha tal-banek tal-pajjiż A fid-dinja kollha, flimkien ma' klejms f'muniti mhux lokali dwar banek mhux affiljati residenti fil-pajjiż B fil-kotba ta' affiljati barranin ta' banek tal-pajjiż A lokalizzati fil-pajjiż B.

It-tieni, l-iskopertura lejn il-pajjiżi tal-EĊL żdiedet ferm bejn l-2005 u l-2010, u dan wassal biex is-sistemi bankarji tal-pajjiżi domestiċi saru aktar vulnerabbli għaċ-ċaqliq li laqat lis-sussidjarji barranin tagħhom.

Iż-żieda fl-iskopertura hija kkonfermata wkoll mid-dejta dwar il-klejms bankarji internazzjonali mal-grupp ta' pajjiżi ospitanti, kif jidher f'**Tabella 15**.

*Tabella 15*

**Klejms bankarji ma' pajjiżi ospitanti fil-grupp ta' pajjiżi domestiċi bl-akbar skoperturi fi tmiem l-2010 (f'biljuni ta' dollari Amerikani)**




*Sors:* Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali.

It-trażmissjoni tar-riskju bejn is-sistemi bankarji tal-pajjiżi domestiċi u dawk ospitanti mhuwiex fenomenu li jiġbed lejn naħa waħda. Ir-riskji jistgħu jgħaddu wkoll mill-pajjiżi domestiċi għall-pajjiżi ospitanti. Il-limitazzjonijiet tal-kapital u/jew tal-likwidità fil-livell tal-kumpaniji prinċipali jistgħu jolqtu lill-pajjiżi ospitanti li jkollhom sussidjarji jew fergħat tal-istess grupp.

Barra dan, iċ-ċaqliq fl-istrateġija tal-gruppi prinċipali jista' jkollu impatt makroekonomiku permezz, pereżempju, tat-tneħħija tal-użu tal-azzjonijiet ta' lieva, ir-restrizzjoni tal-kriterji ta' kreditu jew *fire sales*.

Jekk ir-riskji tal-kreditu u l-finanzjament iseħħu f'pajjiżi b'livelli għoljin ta' self f'munita barranija, ikun hemm il-possibbiltà serja li dawn jinxterdu lejn Stati Membri oħrajn. Anki jekk is-self f'munita barranija huwa prevalenti l-aktar fil-pajjiżi tal-EĊL, ir-riskju ta' tixrid permezz ta' dak magħruf bħala mezz ta' selliefa komuni (*common lender channel*) ([21]) jista' joħloq pressjoni fuq l-istabbiltà finanzjarja taż-żona kollha tal-Unjoni.

Jekk wieħed janalizza r-riskju ta' tixrid mill-mezz ta' selliefa komuni, min-naħa l-waħda jara li l-grad ta' vulnerabbiltà ta' kull pajjiż għaċ-ċaqliq reġjonali huwa bejn wieħed u ieħor l-istess. Dan juri li s-setturi bankarji fir-reġjun tal-EĊL huma dominati minn gruppi bankarji barranin ta' ftit pajjiżi biss tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, xi pajjiżi (pereżempju r-Repubblika Ċeka u l-Polonja) jista' jkollhom impatt qawwi fuq ir-reġjuni tal-EĊL jekk jibdew jidhru sinjali ta' riskji fis-setturi bankarji tagħhom. Fl-aħħar, kemm is-sensittività ta' pajjiżi individwali għaċ-ċaqliq reġjonali kif ukoll l-importanza reġjonali ta' pajjiż għaż-żona naqsu xi ftit (T4/2010 imqabbel ma' T4/2009).

Mezz ieħor ta' tixrid jistgħu jkunu s-swieq, b'mod partikolari minħabba li l-"imġiba ta' merħla" min-naħa tal-investituri tista' tgħin fenomenu bħal dan. Dan it-tixrid jista' jiġi motivat jew aggravat minn vulnerabbiltajiet simili tal-pajjiżi dovuti għas-self f'munita barranija, anki jekk il-kapaċità ta' dawk li jissellfu u tal-istituzzjonijiet finanzjarji tvarja minn pajjiż għall-ieħor. Il-kristallizzazzjoni tar-riskji marbuta mas-self f'munita barranija f'pajjiż tista' tolqot pajjiżi oħra fejn is-self f'munita barranija huwa prevalenti, billi s-sentiment tal-investituri jservi bħala mezz li jittrażmetti kemm il-volatilità tar-rati tal-kambju kif ukoll kriżi ta' likwidità fis-swieq lokali.

([21]) Ara Fratzscher, M., *On currency crises and contagion*, Dokument ta' Ħidma tal-BĊE Nru 139, April 2002. Dan id-dokument jipproponi metodoloġija li tevalwa l-importanza tal-mezz ta' trażmissjoni bejn żewġ pajjiżi bbażata fuq l-iskopertura għas-sellief komuni, li tqis biss il-mezz ta' trażmissjoni tas-self tal-banek u tassumi li ċ-ċaqliq bejn il-pajjiżi jiġi trażmess b'mod ibbilanċjat.

II.4.1. *Studji ta' każijiet ta' tixrid transkonfinali: l-Awstrija u l-Isvezja*

**KAXXA 1: L-esperjenza tal-Awstrija mis-self f'munita barranija tal-banek Awstrijaċi fil-pajjiżi tal-EĊL u l-Commonwealth tal-Istati Indipendenti (CSI)**

Waqt li l-iskopertura tal-banek Awstrijaċi għall-pajjiżi tal-EĊL u tal-CSI kollox ma' kollox tat prova ta' reżiljenza fil-kriżi reċenti u kienet ta' sostenn għall-ekonomiji rilevanti fil-proċess ta' rkupru tagħhom, hija ġabet magħha riskji ta' tixrid għas-settur finanzjarju Awstrijak kif ukoll għall-istat Awstrijak. Is-self f'munita barranija huwa wieħed mis-sorsi li jista' jwassal għal riskji ta' tixrid f'dan ir-rigward. Minn nofs l-2010, is-self denominat f'munita barranija tas-sussidjarji fl-EĊL u fil-CSI tal-"aqwa sitt" banek tal-Awstrija ([22]) naqas bi ftit abbażi tal-aġġustament tal-munita u kien ta' madwar EUR 80 biljun fi tmiem l-2010. Bħala medja, dan jikkorrispondi għal proporzjon ta' self f'munita barranija ta' 47.5 % tat-total ta' self maħruġ mis-sussidjarji fil-pajjiżi tal-EĊL u tal-CSI. Bħal fil-perjodu preċedenti ta' rappurtar, is-self f'munita barranija, bħala medja, kien ikkaratterizzat minn kwalità ta' kreditu li kienet agħar minn dik tas-self fil-munita lokali. Il-medja tal-proporzjon NPL tas-self f'munita barranija, 15.9 %, għall-pajjiżi tal-EĊL u tal-CSI, kienet 2.5 p.p. ogħla minn dik tas-self kollu. Minkejja li kien hemm ammonti sinifikanti ta' garanziji disponibbli, is-self kien kopert ukoll b'mod limitat minn dispożizzjonijiet kontra r-riskji.

Fattur ieħor rilevanti għar-riskju tas-self f'munita barranija hu l-fatt li dan jinvolvi l-ħtieġa ta' finanzjament f'munita barranija. Waqt li l-finanzjament ta' self denominat fl-euro huwa relattivament stabbli billi jkun iffinanzjat jew minn depożiti denominati fl-euro fis-settur bankarju partikolari jew minn trasferimenti ta' likwidità bejn il-banek, il-finanzjament ta' self mhux denominat fl-euro (l-aktar self denominat fil-frank Svizzeru) jiġi minn sorsi ta' finanzjament li jkunu anqas stabbli, bħas-swieq monetarji u l-iswaps tal-munita. Fl-aqwa tal-kriżi, il-gruppi bankarji Awstrijaċi għalhekk kellhom joqogħdu fuq l-iswap bejn l-euro u l-frank Svizzeru provduta mill-Bank Nazzjonali Svizzeru. It-trasferimenti ta' likwidità bejn il-banek (EUR 44 biljun fi tmiem l-2010) lis-sussidjarji ta' banek Awstrijaċi fl-EĊL u fil-CSI huma importanti wkoll, u dawn ġew riflessi wkoll fi proporzjon ta' self mad-depożiti (LTD) ta' 108.1 % bħala medja għall-pajjiżi tal-EĊL u tal-CSI, għalkemm b'differenzi kbar bejn ir-reġjuni. B'hekk, il-finanzjament fi ħdan il-gruppi wkoll jista' jkun mezz ta' tixrid fi żmien ta' kriżi, jekk il-banek ċentrali ma jkunux jistgħu jipprovdu sostenn b'likwidità fit-tul kif għamlu fl-aħħar kriżi.

Għalhekk, is-self f'munita barranija fil-pajjiżi tal-EĊL u tal-CSI jġib miegħu mezzi ta' tixrid minħabba r-riskju kbir fuq il-kreditu min-naħa l-waħda u l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat f'munita barranija min-naħa l-oħra. Madankollu, ir-riskji ta' tixrid ma jgħaddux biss minn mezzi diretti iżda wkoll minn mezzi "ta' informazzjoni". Fl-ewwel nofs tal-2009, pereżempju, l-inċertezza dwar ir-riskji tal-iskopertura tal-banek Awstrijaċi fl-EĊL u fil-CSI kkawżat żieda qawwija fl-ispreads tal-*credit default swaps* (CDS) 5Y tal-banek Awstrijaċi kif ukoll fl-ispreads tal-CDS 5Y tal-gvern Awstrijak mal-bonds tal-gvern Ġermaniż (b'aktar minn 450 punt bażi (pb) u aktar minn 250 pb rispettivament). Wara li l-investituri kellhom stampa aktar ċara u l-Inizjattiva ta' Vjenna rnexxielha tevita l-irtirar bla koordinament tal-iskopertura ta' banek tal-Unjoni mill-pajjiżi tal-EĊL u tal-CSI, l-ispreads tal-CDS Awstrijaċi malajr reġgħu naqsu.

Sabiex jillimitaw ir-riskji ta' tixrid, l-awtoritajiet Awstrijaċi ħarġu prinċipji ta' gwida dwar is-self f'munita barranija fir-rebbiegħa tal-2010, li japplikaw għas-sussidjarji ta' banek Awstrijaċi li jinnegozjaw fil-pajjiżi tal-EĊL u tal-CSI. L-ewwel, il-banek intalbu ma jkomplux joħorġu self f'munita barranija li jkun partikolarment ta' riskju. Iddaħħlu wkoll inizjattivi, f'livell internazzjonali, bil-ħsieb li jissaħħu s-swieq tal-muniti lokali u b'hekk jiġi evitat li s-self f'munita barranija jerġa' jaqbad fil-pajjiżi tal-EĊL.

Fattur ieħor li jtaffi r-riskju jiġi mill-fatt li s-sitwazzjoni tal-kapital tas-sussidjarji kompliet titjieb maż-żmien u qabżet ir-rekwiżiti minimi regolatorji fil-pajjiżi u r-reġjuni kollha, f'uħud minnhom b'mod konsiderevoli.

**KAXXA 2: L-esperjenza Svediża mis-self f'munita barranija tal-banek Svediżi fil-pajjiżi Baltiċi**

Meta faqqgħet il-kriżi finanzjarja fl-Istati Baltiċi fl-2008, iż-żewġ banek Svediżi bl-akbar skopertura fil-pajjiżi Baltiċi, SEB u Swedbank, malajr saru problema għall-istabbiltà sistemika fl-Isvezja. Ir-raġuni ewlenija kienet li l-biċċa l-kbira tas-self f'dawn il-pajjiżi kien denominat fl-euro u bosta parteċipanti fis-swieq kienu tal-fehma li l-Istati Baltiċi kien se jkollhom jiżvalutaw il-muniti tagħhom. L-iżvalutazzjoni, b'mod speċjali jekk ma tkunx ikkontrollata, dak iż-żmien kien ikollha effett negattiv għall-aħħar fuq il-banek Svediżi attivi fl-Istati Baltiċi. F'din is-sitwazzjoni, l-evalwazzjoni ta' Sveriges Riksbank kienet li t-telf tal-banek mis-self kien se jkun kbir iżda seta' jiġi mmaniġġjat, għalkemm dan seta' jolqot l-aċċess tal-banek għall-finanzjament mis-swieq.

([22]) L-"aqwa sitt" banek huma s-sitt gruppi bankarji Awstrijaċi bl-akbar skopertura (f'termini ta' assi esterni) fil-pajjiżi tal-EĊL u tal-CSI.

Meta l-kriżi daħlet f'fażi kritika fil-Latvja f'Diċembru 2008 u ammonti kbar ta' kapital ħarġu mill-pajjiż, f'qasir żmien ġie ffirmat ftehim dwar swaps bejn Sveriges Riksbank u Danmarks Nationalbank minn naħa waħda u Latvijas Banka min-naħa l-oħra. Il-ftehim ammonta għal EUR 500 miljun, għalkemm fir-realtà ġiet irtirata parti biss minn dan l-ammont. L-iskop ewlieni tal-ftehim kien li jsostni r-riżerva tal-Latvja f'munita barranija sakemm saru disponibbli l-ewwel pagamenti min-naħa tal-FMI u tal-Unjoni.

Ir-Riksbank għen ukoll lill-Estonja. Fi Frar 2009, daħal f'arranġament prekawzjonarju mal-Eesti Pank biex isostni l-munita tal-Estonja għal żmien qasir. Dan l-arranġament, madankollu, qatt ma ntuża. L-iskop tiegħu kien li jagħti lil Eesti Pank il-possibbiltà li jipprovdi likwidità skont l-arranġament tal-bord tal-munita.

Il-partijiet involuti fis-self f'munita barranija fil-pajjiżi Baltiċi evidentement issottovalutaw ir-riskju tar-rata tal-kambju. Fiż-żmien tal-kriżi, it-tliet pajjiżi Baltiċi pparteċipaw fl-ERM II bħala tħejjija għad-dħul tal-euro u, unilateralment, it-tlieta li huma kellhom il-muniti tagħhom marbuta mal-euro jew permezz ta' rabta stabbli stretta (il-Latvja) jew permezz ta' bords tal-munita sħaħ (l-Estonja u l-Litwanja). Barra dan, il-pjanijiet għall-adozzjoni tal-euro min-naħa tal-awtoritajiet ta' dawn il-pajjiżi u l-impenn qawwi tagħhom biex iżommu mar-rata ta' parità ċentrali ħolqu l-perċezzjoni li dan it-tip ta' self ma setax jintlaqat mir-riskji tal-kambju.

Waqt li r-rabta stabbli stretta u l-bords tal-munita eventwalment żammew sod, ir-riskju ta' żvalutazzjoni fil-pajjiżi Baltiċi kellu impatt sostanzjali fuq l-Isvezja fil-kapaċità tagħha bħala l-pajjiż domestiku. Is-self f'munita barranija tal-banek Svediżi fl-Istati Baltiċi kien mirfud sew mill-finanzjament provdut mill-banek prinċipali. Meta l-banek prinċipali ħarġu debitu fis-swieq kapitali internazzjonali li kellu maturità aqsar minn dak tal-portafoll tas-self tal-kumpaniji sussidjarji u għaddewh immedjatament lis-sussidjarji, mhux biss kienu qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' riskju tal-kontroparti fir-rigward tas-sussidjarji Baltiċi tagħhom, iżda wkoll ma' riskju marbut mar-rifinanzjament u mal-finanzjament.

Il-biża' tal-investituri privati rigward il-kobor tat-telf potenzjali mis-self tal-operazzjonijiet Baltiċi tal-banek Svediżi u l-impatt fuq is-sistema bankarja Svediża kienu r-raġunijiet ewlenin għall-pressjoni qawwija li kien hemm waqt il-kriżi fuq il-finanzjament kollu tal-gruppi bankarji Svediżi, u mhux biss fuq il-finanzjament marbut mal-Istati Baltiċi. Dan b'mod speċjali kien il-każ fir-rigward tal-finanzjament kollu tal-banek denominat f'munita barranija. Il-problema ta' finanzjament tal-banek min-naħa l-oħra ġabet magħha żieda fl-obbligazzjonijiet kontinġenti tas-settur pubbliku Svediż. Anki jekk il-banek kellhom iħallsu biex joħorġu dejn permezz ta' garanzija statali megħjuna mill-Uffiċċju tad-Dejn Nazzjonali Svediż, il-Gvern Svediż fl-aħħar mill-aħħar kellu jidħol garanti għall-parti l-kbira tad-dejn ta' Swedbank, il-bank bl-akbar skopertura fil-pajjiżi Baltiċi. Barra dan, is-self bid-dollaru Amerikan mir-Riksbank u banek ċentrali oħra ħa post parti mill-finanzjament bl-ingrossa normali tal-gruppi bankarji Svediżi f'munita barranija. L-għan ta' dan is-self straordinarju mir-Riksbank kien li jsostni s-self tal-banek f'muniti oħra barra l-krona Svediża. Fl-aqwa tiegħu fil-bidu tal-2009, id-dejn pendenti f'munita barranija skont il-programm ta' garanzija statali u dak fid-dollaru Amerikan mir-Riksbank lill-kontropartijiet tiegħu (i.e. il-biċċa l-kbira tal-banek li joperaw fl-Isvezja) kien ta' SEK 430 biljun, li jirrappreżenta madwar 15 % tal-PDG Svediż. Għalhekk, ir-riskju tal-kreditu maħluq mis-self f'munita barranija fl-Istati Baltiċi nbidel f'riskju għall-finanzjament u fl-aħħar mill-aħħar f'riskju għal kull min iħallas it-taxxa fl-Isvezja.

### II.5. **Volatilità aktar għolja tal-proporzjonijiet ta' adegwatezza tal-kapital dovuta għat-tibdil fir-rata tal-kambju**

Iċ-ċaqliq fir-rati tal-kambju jikkawża volatilità fil-valur tal-assi f'munita barranija u wkoll fil-valur ta' assi ppeżati għar-riskju li jintużaw biex jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' kapital. Il-kapital tal-banek jinżamm fil-munita lokali, anki jekk il-kapital li jiġi mill-istituzzjoni prinċipali jkun ingħata f'munita barranija. Hekk, il-varjazzjonijiet li jistgħu jseħħu fir-rati tal-kambju jbiddlu l-ħtiġijiet ta' kapital tal-banek, bla ma jħallu l-impatt tagħhom fuq l-ammont ta' kapital, u dan jolqot ħażin il-proporzjon tal-adegwatezza tal-kapital fil-każ ta' deprezzament tal-munita lokali, u bil-maqlub.

Dan ir-riskju mhuwiex rilevanti għall-pajjiżi li jkollhom arranġamenti fissi għar-rati tal-kambju (sakemm dawn ikunu sostenibbli). Fil-pajjiżi li għandhom sistema varjabbli, il-banek irnexxielhom jilqgħu għal dan it-tip ta' riskju. Dan seta' jseħħ kemm minħabba lqugħ qawwi għall-kapital kif ukoll minħabba l-fatt li d-deprezzamenti l-kbar aktarx kienu bejn żewġ muniti, li waħda minnhom kienet il-frank Svizzeru, li hu dominanti fil-każ tas-self b'ipoteka. Billi dan jammonta għal frazzjoni biss tar-rekwiżiti ta' kapital minħabba li s-self hu ppeżat biex ikollu riskju baxx, il-banek setgħu jkopru l-ħtiġijiet addizzjonali tagħhom ta' kapital permezz tal-ilqugħ eżistenti li kellhom għall-kapital.

### II.6. **Xkiel għall-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja**

L-impatt negattiv tas-self f'munita barranija fuq il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja jista' jieħu mill-inqas erba' suriet differenti, li se nitħaddtu dwarhom hawn taħt: l-impatt tal-flussi tas-self f'munita barranija u tal-istokk akkumulat ta' self f'munita barranija fuq ir-rata tal-imgħax, kif ukoll l-impatt tal-flussi tas-self f'munita barranija u tal-istokk akkumulat ta' self f'munita barranija fuq ir-rata tal-kambju.

Fejn tidħol ir-rata tal-imgħax, l-istudji juru li s-sostitwibbiltà bejn is-self lokali u dak f'munita barranija tista' tfixkel it-trażmissjoni tal-politika monetarja [23]. Ir-restrizzjoni tal-politika monetarja permezz ta' żieda fir-rati tal-imgħax

[23] Ara Brzoza-Brzezina, M., Chmielewski, T. u Niedźwiedzińska, J., *Substitution between domestic and foreign currency loans in central Europe. Do central banks matter?*, Dokument ta' Ħidma tal-BĊE Nru 1187, April 2010.

lokali tgħolli l-prezz tas-self fil-munita lokali. Madankollu, minħabba d-disponibbiltà ta' self f'munita barranija b'rati tal-imgħax aktar baxxi, it-tnaqqis fit-tkabbir tas-self fil-munita lokali jista' jittaffa b'żieda fis-self f'munita barranija li relattivament isir aktar attraenti għal dawk li jissellfu lokalment. B'hekk, ikun hemm xkiel min-naħa tar-rata tal-imgħax fit-trażmissjoni tal-politika monetarja.

L-istokk akkumulat ta' self f'munita barranija jista' jolqot ir-rata tal-imgħax ukoll. Jekk is-self fl-ekonomija jkun f'munita barranija u jkollu rati tal-imgħax varjabbli, ir-restrizzjoni tal-politika monetarja tnaqqas id-dħul disponibbli ta' dawk li jissellfu u d-domanda interna. Jekk il-biċċa l-kbira tas-self ikun f'munita barranija, dan l-effett jonqos bl-istess proporzjon.

Il-flussi tas-self f'munita barranija jolqtu wkoll in-naħa tar-rata tal-kambju fit-trażmissjoni tal-politika monetarja. Madankollu, din in-naħa tat-trażmissjoni tal-politika monetarja tista' ssir anqas effettiva billi t-tibdil fir-rati tal-kambju jiġi influwenzat l-aktar mix-xejra ġenerali tas-swieq finanzjarji. Il-banek ibiddlu l-finanzjament f'munita barranija f'self denominat li sikwit jitħallas fil-munita lokali ([24]). B'hekk, żieda f'daqqa fis-self f'munita barranija tagħmel pressjoni fuq ir-rata tal-kambju tal-munita lokali u dan jista' jwassal għal apprezzament. Iż-żieda fis-self f'munita barranija mbagħad tgħin in-naħa tar-rata tal-kambju tal-politika monetarja f'ċiklu ta' restrizzjoni billi tkattar l-apprezzament tal-munita lokali minħabba l-flussi ta' kapital b'reazzjoni għaż-żieda fir-rati tal-imgħax. Barra dan, ix-xejra għal apprezzament tista' toħloq effetti reċiproċi negattivi li jsostnu lilhom infushom, billi x-xerrejja prospettivi jistgħu jistennew li x-xejra għal apprezzament tkompli. Dan jista' jkun inċentiv ieħor biex wieħed jidħol għal self f'munita barranija.

Min-naħa l-oħra, meta l-politika monetarja lokali ma tibqax restrittiva, selliefa ġodda x'aktarx jagħżlu li jissellfu fil-munita lokali. Għalkemm il-pressjoni għal apprezzament tal-munita lokali tonqos, m'għandhiex tibda tinħass pressjoni għal deprezzament, minħabba li l-flussi tas-self f'munita lokali huma newtrali għas-suq tal-kambju barrani. Il-flussi ta' self f'munita barranija għalhekk jintroduċu ħoss (possibilment asimmetriku) fil-mekkaniżmu ta' trażmissjoni monetarja, u dan iżid mal-komplessità tiegħu.

L-istokk kbir ta' self f'munita barranija huwa sors ieħor ta' tfixkil għall-mekkaniżmu ta' trażmissjoni monetarja, minħabba dawk magħrufa bħala "limitazzjonijiet tar-rata tal-kambju", i.e. il-benefiċċju mid-deprezzament tal-munita permezz ta' żieda fil-kompetittività jittaffa sa ċertu punt bl-effetti negattivi fil-karta tal-bilanċ. Fl-agħar każ, id-deprezzamenti – b'mod partikolari fil-pajjiżi tas-swieq emerġenti – jista' jkollhom effett ta' kontrazzjoni minħabba livell qawwi ta' self f'munita barranija ([25]). Għalhekk, bosta awtoritajiet f'pajjiżi li għandhom livell qawwi ta' self f'munita barranija jħaddmu politika ta' kontrazzjoni biex jistabilizzaw ir-rata tal-kambju waqt kriżi u jevitaw l-implikazzjonijiet negattivi għall-istabbiltà finanzjarja minħabba l-effetti tal-karta tal-bilanċ. Fl-istudji akkademiċi, din ir-reazzjoni għall-pressjonijiet ta' deprezzament hi magħrufa bħala *fear of floating* ([26]). Ta' min josserva li politika bħal din tista' tkun eċċellenti *ex post* billi t-telf mill-produzzjoni dovut għar-restrizzjoni monetarja jista' jittaffa sew mill-fatt li jiġu evitati l-effetti sekondarji negattivi tal-karta tal-bilanċ. Madankollu, *ex ante*, iż-żieda fid-diskrepanzi fil-muniti titkattar jekk l-aġenti ekonomiċi jantiċipaw din it-tip ta' reazzjoni fil-linja politika ([27]).

F'kampjun ta' 22 pajjiż tal-Unjoni u tas-swieq emerġenti ([28]) li għandhom għad-dispożizzjoni dejta dwar is-self f'munita barranija, id-dejta ssostni l-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq waqt il-kriżi. Jidher b'mod ġenerali li l-pajjiżi b'livell qawwi ta' self f'munita barranija kienu xi ftit jew wisq limitati fir-reazzjoni monetarja tagħhom waqt il-kriżi, kif ukoll fir-rigward tar-rata tal-kambju. L-ewwel, il-pajjiżi b'livell qawwi ta' self f'munita barranija x'aktarx kellhom deprezzamenti nominali żgħar fir-rati tal-kambju lokali tagħhom, u dan kien jirrifletti wkoll is-sistemi tar-rati tal-kambju (ara **Tabella 19** Self f'munita barranija u provvista tal-flus **(Bidla minima f'% bejn Lulju 2008 u Ġunju 2009)**). Billi kien hemm pressjoni għal deprezzament fuq ir-rati tal-kambju ta' ħafna pajjiżi f'dan il-perjodu, il-banek ċentrali tilfu mir-riżervi biex jipproteġu l-muniti tagħhom. Kollox ma' kollox, il-pajjiżi b'livell qawwi ta' self f'munita barranija x'aktarx li tilfu aktar riżervi mill-pajjiżi li ma kellhomx dawn id-diskrepanzi fil-muniti (ara **Tabella 19** Self f'munita barranija u provvista tal-flus **(Bidla minima f'% bejn Lulju 2008 u Ġunju 2009)**). Ta' min jgħid, madankollu, li l-pajjiżi b'arranġamenti mal-bord tal-munita ma jħaddmux il-politika monetarja tagħhom huma stess (i.e. ir-rati tal-imgħax, ir-riżervi u l-provvista tal-flus mhumiex aspett varjabbli tal-politika tagħhom). Ta' min jgħid ukoll madankollu li l-korrelazzjoni bejn id-deprezzamenti tal-munita u t-telf fir-riżervi u d-diskrepanzi fil-karta tal-bilanċ tista' tkun aktar għolja li kieku l-iskoperturi transkonfinali kellhom jiġu inklużi fl-analiżi ([29]).

([24]) Anki jekk is-self jitħallas f'munita barranija, fl-aħħar mill-aħħar il-flus jinqalbu għall-munita lokali meta r-riċevent aħħari (pereżempju, il-bejjiegħ ta' proprjetà) ikun irid jixtri prodotti u servizzi.

([25]) Ara Galindo, A., Panizza, U., u Schiantarelli, F., *Debt composition and balance sheet effects of currency depreciation: a summary of the micro evidence*, Emerging Markets Review, Volum 4, Nru 4, 2010, pp. 330–339.

([26]) Ara pereżempju Hausmann, R., Panizza, U., u Stein, E., *Why do countries float the way they float?*, Journal of Development Economics, Volum 66, Nru 2, 2001, pp. 387-414.

([27]) Ara Caballero, R., u Krishnamurthy, A., *Inflation targeting and sudden stops*, f'Bernanke, B., u Woodford, M., (edituri), The Inflation Targeting Debate, National Bureau of Economic Research, Chicago, 2005.

([28]) Il-pajjiżi huma l-Albanija, il-Bulgarija, iċ-Ċili, il-Kolombja, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Eġittu, l-Ungerija, l-Indoneżja, Iżrael, il-Każakstan, il-Latvja, il-Maċedonja, il-Messiku, il-Polonja, ir-Rumanija, ir-Russja, is-Serbja, Singapor, il-Korea t'Isfel, it-Turkija u l-Ukraina.

([29]) Pereżempju, fir-Russja, li tilfet madwar 40 % tar-riżervi tagħha f'munita barranija waqt il-kriżi, it-tħassib ewlieni kien is-self transkonfinali f'munita barranija min-naħa tal-banek, waqt li l-proporzjon ta' self lokali f'munita barranija kien moderat.

*Tabella 16*

**Self f'munita barranija u aġġustament tar-rata tal-kambju (Bidla massima f'% bejn Lulju 2008 u Ġunju 2009)**




*Sors:* Kalkoli tal-BĊE, Haver Analytics, FMI u sorsi nazzjonali.

*Tabella 17*

**Self f'munita barranija u telf fir-riżervi (Bidla minima f'% bejn Lulju 2008 u Ġunju 2009)**




*Sors:* Kalkoli tal-BĊE, Haver Analytics, FMI u sorsi nazzjonali.

Minbarra l-interventi fis-swieq tar-rati tal-kambju, xi pajjiżi – b'mod partikolari dawk b'livell qawwi ta' self f'munita barranija – kellhom jgħollu r-rati tal-imgħax waqt il-kriżi biex jipproteġu r-rati tal-kambju tagħhom (ara **Tabella 19** Self f'munita barranija u provvista tal-flus (**Bidla minima f'% bejn Lulju 2008 u Ġunju 2009**)). Kemm iż-żidiet fir-rati tal-imgħax kif ukoll il-bejgħ ta' riżervi barranin għandhom impatt b'effett ta' kontrazzjoni fuq it-tkabbir tal-provvista tal-flus, li x'aktarx naqset jekk mhux ukoll saret negattiva fil-pajjiżi b'livell qawwi ta' self f'munita barranija (ara **Tabella 19** Self f'munita barranija u provvista tal-flus (**Bidla minima f'% bejn Lulju 2008 u Ġunju 2009**)).

*Tabella 18*

**Self f'munita barranija u rati tal-imgħax (Bidla massima f'pb bejn Lulju 2008 u Ġunju 2009)**




*Sors:* Kalkoli tal-BĊE, Haver Analytics, FMI u sorsi nazzjonali.

*Tabella 19*

**Self f'munita barranija u provvista tal-flus (Bidla minima f'% bejn Lulju 2008 u Ġunju 2009)**




*Sors:* Kalkoli tal-BĊE, Haver Analytics, FMI u sorsi nazzjonali.

II.7. **Il-possibbiltà u l-kundizzjonijiet għas-seħħ tar-riskji**

Ir-riskji marbuta mas-self f'munita barranija jistgħu jseħħu, pereżempju, fil-każ fejn kollox jieqaf f'daqqa, u dan jimplika l-ħruġ ta' kapital u d-deprezzament tal-muniti fis-swieq emerġenti, kif ukoll f'xi Stati Membri fejn is-self f'munita barranija għandu sehem importanti. Dan iwassal biex iseħħu riskji tal-kreditu marbuta mas-self f'munita barranija u possibilment ukoll riskji marbuta mal-finanzjament min-naħa tal-banek. Dan il-waqfien f'daqqa jista' jseħħ minħabba kollass fil-prezzijiet tal-assi jew minħabba kriżi sistemika bankarja f'waħda mill-ekonomiji emerġenti ewlenin, minħabba ċaqliq fil-prospetti ta' tkabbir, minħabba żieda mhux mistennija fir-rati tal-politika monetarja ta' waħda mill-ekonomiji avvanzati ewlenin jew minħabba żieda fil-biża' mir-riskji min-naħa tal-investituri.

Fir-rigward ta' x'jista' jkun iż-żmien għall-kristallizzazzjoni tas-sitwazzjoni, ir-riskji marbuta mas-self f'munita barranija aktar jistgħu jseħħu fil-perspettiva ta' żmien medju, għalkemm apprezzament ieħor tal-muniti li sar dan l-aħħar, b'mod partikolari tal-frank Svizzeru, aggrava l-livelli tar-riskju tal-kreditu f'xi pajjiżi fejn is-self fil-frank Svizzeru huwa aktar prevalenti.

Jekk wieħed iħares 'il quddiem, ir-riskji marbuta mas-self f'munita barranija jistgħu jinfirxu permezz ta' żieda ġdida fil-kreditu fil-pajjiżi tal-EĊL hekk kif l-irkupru ekonomiku u l-aspettattivi pożittivi dwar l-iżviluppi ekonomiċi għall-ġejjieni jkomplu jissaħħu. Studju ta' Bijsterboch u Dahlhaus ([30]) jidentifika elementi li jikkontribwixxu għal dawk magħrufa bħala rkupri mingħajr kreditu, i.e. titjib ekonomiku li ma jkunx akkumpanjat minn żieda fil-kreditu dovuta għal raġunijiet ta' domanda jew provvista. Kalkoli dwar il-probabbiltajiet ta' rkupri mingħajr kreditu għal grupp ta' pajjiżi tal-EĊL jindikaw tkabbir ieħor fil-kreditu marbut mal-livell ta' titjib ekonomiku fir-reġjun, fejn l-Istati Baltiċi biss jista' jkollhom rkupru

([30]) Bijsterbosch, M. u Dahlhaus, T., *Determinants of credit-less recoveries*, Dokument ta' Ħidma tal-BĊE Nru 1358, Ġunju 2011.

ekonomiku li ma jkunx sostnut minn żieda fil-kreditu. Għalhekk, iż-żieda mrażżna attwali fil-kreditu f'ħafna pajjiżi tal-EĊL ma tistax titqies bħala sitwazzjoni permanenti, kif lanqas ma jista' jitqies bħala ineżistenti r-riskju ta' self eċċessiv f'munita barranija fil-ġejjieni qrib.

Ta' min jgħid li din il-lista ta' fatturi li jistgħu jwasslu għal riskju marbut mas-self f'munita barranija m'għandhiex titqies bħala lista sħiħa billi l-evalwazzjoni tista' tinbidel fix-xhur li ġejjin, pereżempju minħabba tibdil fir-ritmu tal-irkupru dinji. Għalkemm pajjiżi differenti għandhom probabbiltajiet differenti ta' riskji ġodda marbuta mal-kreditu f'munita barranija, hemm bosta fatturi li jistgħu jwasslu biex dawn ir-riskji jseħħu tassew. Minkejja l-kriżi reċenti, il-mudelli tan-negozju segwiti mill-banek u l-karatteristiċi fundamentali tal-ekonomiji emerġenti bażikament baqgħu l-istess u għad jistgħu jikkontribwixxu biex jiżdied il-kreditu f'munita barranija fil-ġejjieni.

Fl-aħħar, hemm differenzi rigward kemm iseħħu r-riskji, u dan jiddependi mis-sistemi tar-rati tal-kambju mħaddma mill-pajjiżi. Għal sistemi ta' rati tal-kambju varjabbli, iċ-ċaqliq fis-swieq tar-rati tal-kambju jolqot mill-ewwel l-affidabbiltà kreditizja ta' dawk li jissellfu. Waqt li għal sistemi ta' rati tal-kambju varjabbli dan jippreżenta riskju kontinwu, għal sistemi ta' rati tal-kambju marbuta ma' bord tal-munita jew stabilizzati, meta jsir self fil-munita ankrata jew stabilizzata, ir-riskju jseħħ fil-każ ta' żvalutazzjoni unika li, jekk tiġri, tħalli impatt qawwi. Dawk li huma tal-fehma li jeżistu riskji wkoll għal sistemi ta' rati tal-kambju fissi jisħqu fuq il-fatt li evalwazzjoni prudenti għandha tqis ukoll il-possibbiltà li dawn is-sistemi jistgħu jċedu jew jiżvalutaw bil-goff, u jfakkru f'sitwazzjonijiet fl-imgħoddi meta ġara dan, b'konsegwenzi serji għall-istabbiltà finanzjarja. Madankollu, il-probabbiltà ta' riskji fil-pajjiżi b'sistemi ta' rati tal-kambju stabbli jew marbuta ma' bord tal-munita tiddependi wkoll mill-istabbiltà tal-arranġamenti tagħhom tar-rati tal-kambju, mill-konsistenza tal-politika fiskali u mill-azzjoni restrittiva tal-politika superviżorja li jħaddmu.

## III. AZZJONIJIET POLITIĊI FIL-LIVELL NAZZJONALI

### III.1. Miżuri politiċi adottati minn pajjiżi differenti

L-awtoritajiet ta' xi Stati Membri ħadu miżuri politiċi biex jindirizzaw ir-riskji marbuta maż-żieda eċċessiva ta' self f'munita barranija sa minn kmieni fl-2000, għalkemm il-biċċa l-kbira tal-azzjoni ttieħdet mill-2007/2008 'l hawn. Mill-2010, bosta pajjiżi daħħlu aktar miżuri u/jew ħarrxuhom. Fost il-miżuri kien hemm twissijiet, regoli mandatorji u rakkomandazzjonijiet, li kienu ta' natura prudenzjali, amministrattiva u ta' politika monetarja. Il-miżuri ġeneralment iddaħħlu bħala pakkett, iktar milli individwalment.

Minn analiżi tal-miżuri li ttieħdu joħorġu żewġ xejriet. L-ewwel, il-pajjiżi b'sistemi ta' rati tal-kambju fissi jew ma aġixxew xejn dwar il-livelli ta' self f'munita barranija jew aġixxew, b'mod ġenerali, fuq is-self eċċessiv globali. Għal dawn il-pajjiżi, is-self f'munita barranija kien l-aktar fid-denominazzjoni tal-munita stabilizzata. Għas-swieq, id-dħul ta' miżuri kontra s-self f'munita barranija fih innifsu seta' jidher bħala tħassib dwar il-kapaċità li jinżammu r-rabtiet stabbli, speċi ta' profezija li sseħħ kif imħabbar. Il-pajjiżi b'sistemi ta' rati tal-kambju varjabbli daħħlu bosta miżuri biex ma jħallux livelli eċċessivi ta' self f'munita barranija.

It-tieni, il-miżuri indirizzaw kemm id-domanda kif ukoll il-provvista ta' self f'munita barranija. Il-miżuri min-naħa tad-domanda kienu jikkonsistu l-aktar fil-limitazzjoni tal-proporzjonijiet LTV jew DTI kif ukoll fi kriterji ta' eliġibbiltà għal dawk li jissellfu. Dawn l-istrumenti kellhom l-għan l-aktar li jiżguraw l-affidabbiltà kreditizja ta' dawk li jissellfu, u f'xi każijiet kienu indirizzati biss lejn dawk li kienu *unhedged*. Il-miżuri min-naħa tal-provvista ffukaw l-aktar fuq l-assigurazzjoni tal-kapaċità tal-istituzzjoni ta' kreditu li tkopri t-telf, darba dan isir, i.e. billi jkollha kapital addizzjonali għal dan l-iskop. Waqt li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-banek ma kellhomx diskrepanzi kbar fil-muniti dovuti għas-self f'munita barranija, minħabba li l-fondi li kienu jirċievu kienu f'munita barranija wkoll, jew minħabba li kienu jipproteġu l-pożizzjoni tagħhom permezz ta' swaps, kien hemm żewġ pajjiżi li implimentaw ukoll limitazzjonijiet u/jew rekwiżiti ta' kapital dwar pożizzjonijiet miftuħa fir-rigward tal-munita barranija. Fl-2010, l-Ungerija żammet is-self f'munita barranija [31]. **Skeda 1** tagħti ħarsa ġenerali lejn il-miżuri.

*Skeda 1*

**Miżuri implimentati biex jitrażżan is-self eċċessiv f'munita barranija**

| Miżuri li ttieħdu | Pajjiżi (sena) [1] |
|---|---|
| Twissijiet dwar riskji marbuta mas-self f'munita barranija | il-Latvja (2007); l-Ungerija (2004-2008); l-Awstrija (2001) |
| Rekwiżiti ta' trasparenza u tagħrif | il-Latvja (2007 u 2011); l-Awstrija (2006); il-Polonja (2006) |
| **Miżuri min-naħa tad-domanda** | |
| Kriterji ta' eliġibbiltà għal dawk li jissellfu: *hedging* jew affidabbiltà kreditizja [2] | l-Awstrija (2008 u 2010); il-Polonja (2006) |
| Proporzjonijiet LTV jew DTI aktar stretti għal self f'munita barranija (milli għal self fil-munita lokali) [2] | l-Ungerija (2010); il-Polonja (2010 u 2012); ir-Rumanija (2008) |

[31] Il-Kummissarju Barnier stqarr fi tweġiba tat-3 ta' Diċembru 2010 għal mistoqsija tal-Parlament Ewropew (E-8389/2010) li "projbizzjoni sħiħa fuq il-provvediment ta' self f'munita barranija bil-liġi ma tidhirx li tissodisfa l-kriterju tal-proporzjonalità".

| Miżuri li ttiehdu | Pajjiżi (sena) ([1]) |
|---|---|
| **Miżuri min-naħa tal-provvista** | |
| Piżijiet għar-riskju jew rekwiżiti ta' kapital aktar għoljin | il-Latvja (2009); l-Ungerija (2008) ([3]); il-Polonja (2008 u 2012); ir-Rumanija (2010) ([4]) |
| Standards minimi għall-kambju barrani u self *bullet* marbut b'mezzi ta' pagament li jindirizzaw is-sistemi ta' ġestjoni tar-riskji tal-banek | l-Awstrija (2003) |
| Koeffiċjenti aktar għolja ta' provvediment għal dawk li jissellfu *unhedged* | ir-Rumanija (2008) |
| Limitazzjoni tas-self f'munita barranija għal dawk li jissellfu *unhedged* għal 300 % tal-fondi proprji tal-istituzzjonijiet ta' kreditu | ir-Rumanija (2005-2007) |
| Limitazzjonijiet fir-rigward tal-pożizzjonijiet miftuħa tal-munita barranija jew rekwiżiti ta' kapital għal pożizzjonijiet miftuħa tal-munita barranija | il-Latvja (1995); il-Litwanja (2007); ir-Rumanija (2001) |
| Rekwiżiti minimi ta' riżerva differenzjati | ir-Rumanija (2004) |
| Il-miżuri kollha għal-limitazzjoni ta' żieda f'daqqa fil-kreditu estiżi wkoll għal istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji | ir-Rumanija (2006) |
| **Oħrajn** | |
| Projbizzjoni ta' self b'ipoteka f'munita barranija lil dawk li jissellfu *unhedged* ([5]) | l-Ungerija (2010) |
| Kontribuzzjoni biex jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju, minn superviżuri domestiċi | l-Italja (2007 u 2010); l-Awstrija (2010) |

*Sors:* Banek ċentrali nazzjonali u awtoritajiet superviżorji nazzjonali.

([1]) Is-sena tirreferi għal meta daħlet il-miżura. Fejn tidher aktar minn sena waħda, din tirreferi għal meta ssaħħet il-miżura.

([2]) Il-miżuri jissemmew anki meta jirreferu biss għal rakkomandazzjonijiet u mhux għal liġijiet.

([3]) Fil-każ tal-Ungerija, din il-miżura tħabbret iżda qatt ma ġiet implimentata, u kienet tirreferi biss għal self fil-yen Ġappuniż.

([4]) Fil-każ tar-Rumanija, dawn ir-rekwiżiti ta' kapital aktar għolja ġew imposti fuq istituzzjonijiet ta' kreditu bi skoperturi għolja żżejjed għas-self f'munita barranija mqabbla mal-industrija.

([5]) F'Lulju 2011 il-Gvern Ungeriż abolixxa l-liġi li tipprojbixxi s-self b'ipoteka f'munita barranija ([6]), iżda fl-istess waqt adotta digriet ([7]) li jillimita l-ħruġ ta' self b'ipoteka f'munita barranija biss għal dawk li jissellfu li setgħu jagħtu prova ta' dħul ta' xahar fil-munita tas-self li jaqbeż il-paga minima bi 15-il darba. Għalkemm dawn il-miżuri neħħew il-projbizzjoni totali fuq is-self b'ipoteka f'munita barranija, il-kriterji tant huma stretti li aktar minn 99 % tal-Ungeriżi ma jistgħux joħorġu self bħal dan.

([6]) Att XC tal-2010 dwar il-ħolqien u l-emendar ta' ċerti liġijiet dwar kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji.

([7]) Digriet Governattiv Nru 110/2011 dwar l-emenda tad-Digriet Governattiv Nru 361/2009 dwar il-kundizzjonijiet għal self żgħir prudenzjali u l-eżami tal-affidabbiltà kreditizja.

**KAXXA 3: L-Inizjattiva ta' Vjenna u każijiet ta' koordinament bejn l-awtoritajiet domestiċi u ospitanti**

L-Inizjattiva (ta' Vjenna) ta' Koordinament bejn il-Banek Ewropej (EBCI) hija forum pubbliku u privat imwaqqaf f'Jannar 2009 bi tweġiba għall-kriżi finanzjarja biex jgħin l-ekonomiji Ewropej emerġenti jirreżistu għat-taqlib. Il-grupp jiġbor fih istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (il-FMI, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank Ewropew għall-Investiment, il-Bank Dinji), istituzzjonijiet tal-Unjoni (il-Kummissjoni Ewropea, il-BĊE bħala osservatur), il-banek ċentrali u l-awtoritajiet regolatorji ta' pajjiżi domestiċi u ospitanti kif ukoll l-akbar gruppi bankarji tal-Punent li huma attivi fil-pajjiżi Ewropej emerġenti.

L-akbar kisbiet tal-EBCI f'dawn l-aħħar sentejn kienu li għenet biex tiżgura li l-banek prinċipali barranin jibqgħu impenjati lejn il-ħtiġijiet ta' finanzjament tas-sussidjarji tagħhom fl-Ewropa tal-Lvant u li l-pakketti ta' għajnuna min-naħa tal-gvernijiet tal-Punent jiġu estiżi għas-sussidjarji tal-banek fl-Ewropa tal-Lvant.

Wieħed mill-għanijiet għal żmien medju tal-EBCI hu li tiġi indirizzata l-kwistjoni tas-self f'munita barranija fl-Ewropa tal-Lvant permezz tal-iżvilupp tat-tfaddil u s-swieq fil-munita lokali. Għal dan il-għan, f'Marzu 2010, l-EBCI stabbiliet il-Grupp ta' Ħidma għas-Settur Pubbliku-Privat dwar l-Iżvilupp tal-Munita Lokali u tas-Swieq Kapitali. Il-grupp ta' ħidma

dan l-aħħar għamel sensiela ta' rakkomandazzjonijiet u kkonkluda li kull linja politika **għandha tqis l-ispeċifiċitajiet tal-pajjiżi u teżiġi koordinament mill-qrib bejn l-awtoritajiet domestiċi u ospitanti biex jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju u biex il-miżuri ma jinqabżux permezz tas-self transkonfinali**.

L-EBCI diġà tat prova li kienet kapaċi twettaq il-kompitu li tipprovdi pjattaforma lesta għal koordinament bħal dan meta fl-2010 l-awtoritajiet Awstrijaċi implimentaw żewġ inizjattivi biex irażżnu s-self f'munita barranija fl-Awstrija kif ukoll fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u tal-CSI.

L-ewwel inizjattiva kellha l-għan li tnaqqas il-proporzjon qawwi ta' self f'munita barranija (l-aktar fil-frank Svizzeru) fl-Awstrija. F'Marzu 2010, l-Awtorità Awstrijaka tas-Swieq Finanzjarji (FMA) adottat standards minimi biex jingħata u jiġi amministrat self f'munita barranija u self b'mezzi ta' pagament lil individwi privati Awstrijaċi *unhedged* (konsumaturi).

Il-Banca d'Italia approvat l-inizjattiva biex jiġi limitat is-self f'munita barranija fl-Awstrija. Meta awtorizzat il-mudell intern ibbażat fuq il-klassifikazzjoni (IRB) ta' grupp bankarju Taljan li jopera fl-Awstrija (xi snin qabel l-istandards minimi ġodda adottati mill-FMA) hija talbet b'mod espliċitu lill-intermedjarju jevita l-arbitraġġ regolatorju permezz tal-allokazzjoni tal-iskoperturi fil-portafoll lokali għall-karta tal-bilanċ prinċipali jew permezz ta' self transkonfinali dirett. Din id-dispożizzjoni spiċċat kienet utli wkoll biex ma jinqabżux l-istandards ġodda tal-FMA dwar is-self f'munita barranija fl-Awstrija.

It-tieni inizjattiva kellha l-għan li tnaqqas l-iskoperturi tal-kreditu tas-sussidjarji tal-banek Awstrijaċi fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u tal-CSI permezz tal-ħruġ ta' prinċipji ta' gwida mill-Oesterreichische Nationalbank u mill-FMA. Biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet l-aktar urġenti, il-prinċipji ta' gwida jeżiġu li l-banek Awstrijaċi li joperaw f'dawk il-pajjiżi ma jkomplux jagħtu self ġdid f'munita barranija li ma tkunx l-euro lil individwi *unhedged* u lis-settur tal-intrapriżi żgħar u medji (self denominat fl-euro għall-iskopijiet ta' konsum jista' jingħata biss lil dawk li jissellfu bl-akbar affidabbiltà kreditizja). F'fażi oħra li għadha ma ġietx implimentata, il-prinċipji ta' gwida jaħsbu wkoll biex irażżnu s-self b'ipoteka lil individwi u lil intrapriżi żgħar u medji *unhedged* fil-muniti barranin kollha skont il-pajjiż partikolari u permezz tal-koordinament mas-superviżuri ospitanti.

Għal dak li għandu x'jaqsam mat-trażżin tas-self f'munita barranija fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u tal-CSI, l-awtoritajiet Awstrijaċi stiednu lis-superviżuri tal-Belġju, il-Greċja, Franza u l-Italja (is-superviżuri domestiċi tal-banek li huma l-aktar involuti f'dawk il-pajjiżi) biex isibu pożizzjoni komuni.

Il-Banca d'Italia, li approvat din l-inizjattiva, tenniet li kien jinħtieġ ftehim mal-awtoritajiet ospitanti biex il-pjan jirnexxi, waqt li titqies l-evalwazzjoni tagħhom tas-sinifikat u l-perikli tas-self f'munita barranija fil-pajjiżi tagħhom.

Madankollu, meta ħareġ mudell IRB ta' grupp bankarju Taljan li jopera fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u tal-CSI fl-2011, il-Banca d'Italia talbet lill-intermedjarju biex il-projbizzjoni dwar l-allokazzjoni tal-iskoperturi lokali lill-kumpanija prinċipali tiġi estiża wkoll għall-kumpaniji sussidjarji f'dawk il-pajjiżi.

### III.2. **Evalwazzjoni tal-effikaċja tal-miżuri politiċi**

L-effikaċja tal-miżuri tiddependi l-aktar minn żewġ elementi: (i) x'jattiva l-iżviluppi tas-self f'munita barranija; u (ii) x'inhi l-possibbiltà li l-miżuri jinqabżu.

It-twissijiet, li normalment ikunu l-ewwel passi kontra r-riskju, jidhru li ma kinux effikaċi biex irażżnu l-livelli eċċessivi ta' self f'munita barranija. Dan seta' jseħħ għax ir-riskju ġie kkalkulat ħażin (i.e. l-aġenti ma evalwawx ir-riskju fl-istess livell tal-awtoritajiet), iżda x'aktarx seħħ minħabba inċentivi perversi. Fir-realtà, hemm tħassib dwar periklu morali billi l-istituzzjonijiet jistennew appoġġ min-naħa tal-pubbliku meta l-attivitajiet li jidħlu għalihom ikunu daqstant riskjużi u mifruxa, hekk li n-nuqqas ta' sostenn ikompli jagħmel ħsara lill-istabbiltà finanzjarja u l-ekonomija reali. Barra dan, l-individwu jista' jkollu raġun jidħol għal attivitajiet bħal dawn, minkejja li jkunu ta' riskju. L-azzjonijiet razzjonali individwali flimkien jistgħu madankollu jgħinu biex jikber ir-riskju aggregat, u dan jiġġustifika reazzjoni politika.

Teoretikament, ir-rakkomandazzjonijiet ibatu mill-istess problema fejn jidħlu l-inċentivi. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali jqisu li r-rakkomandazzjonijiet b'xi mod kienu effikaċi biex irażżnu s-self eċċessiv f'munita barranija, jew għall-inqas biex itejbu l-kwalità ta' dawk li jissellfu, billi ma jkunx hemm arbitraġġ transkonfinali.

Il-miżuri min-naħa tad-domanda, bħall-proporzjonijiet LTV u DTI, jidhru li huma aktar effiċjenti biex jillimitaw is-self eċċessiv f'munita barranija u r-riskji marbuta miegħu ([32]). Dawn jistgħu jiġu applikati wkoll bħala miżuri ta' ħarsien għall-konsumatur (u għalhekk jistgħu jiġu imposti wkoll fuq il-fergħat) u b'hekk jillimitaw l-arbitraġġ regolatorju. Madankollu, is-self transkonfinali dirett dejjem joħroġ 'il barra mill-ambitu tal-miżuri nazzjonali. Jekk inqisu li d-differenzjali tar-rati tal-imgħax (fattur min-naħa tad-domanda) huma dawk li jħajru l-aktar is-self f'munita barranija, il-miżuri li jolqtu d-domanda jidhru li aktar jiksbu r-riżultati mixtieqa.

([32]) Dan hu kkonfermat minn analiżi tal-istudji ta' każijiet fl-Ungerija, Ħong Kong u l-Korea t'Isfel.

Hu aktar diffiċli tikkalkula l-effikaċja ta' miżuri min-naħa tal-provvista minħabba d-diffikultà biex tevalwa kif, pereżempju, l-ispejjeż aktar għolja kontra r-riskju jwasslu għal tnaqqis fil-provvista ta' self f'munita barranija.

Kollox ma' kollox, u minħabba li dawn il-miżuri jistgħu jinqabżu, l-effikaċja tagħhom s'issa kienet x'aktarx modesta u battiet maż-żmien hekk kif is-self f'munita barranija kompla għaddej bix-xejra tiegħu.

IV. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-BERS**

GĦANIJIET POLITIĊI

L-għanijiet politiċi li għandhom jiggwidaw id-diskussjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS dwar is-self f'munita barranija jduru madwar ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja li ġew identifikati qabel. Ir-riskji, li jistgħu jsiru sistemiċi u għalhekk jixirqilhom l-attenzjoni, huma r-riskji tal-kreditu, minsuġa mar-riskji tas-suq, iż-żieda eċċessiva tal-kreditu, u r-riskji marbuta mal-finanzjament u l-likwidità. Għalhekk, l-għan tar-rakkomandazzjonijiet għandu jkun:

(i) li jiġu limitati l-iskoperturi għar-riskji tal-kreditu u tas-suq, u b'hekk tikber ir-reżiljenza tas-sistema finanzjarja;

(ii) li tiġi kkontrollata ż-żieda eċċessiva tal-kreditu (f'munita barranija) u jiġu evitati l-prezzijiet artifiċjali tal-assi; u

(iii) li jiġu limitati r-riskji għall-finanzjament u l-likwidità, u b'hekk jiċkien dan il-mezz ta' tixrid.

Madankollu, l-iżviluppi s'issa wrew li waħda mir-raġunijiet għaliex is-self f'munita barranija laħaq livelli ta' tħassib kienet l-ipprezzar ħażin tar-riskji. B'hekk, għan ieħor għandu jkun li jinħolqu inċentivi biex isir ipprezzar aħjar tar-riskji marbuta mas-self f'munita barranija.

Fl-aħħar, il-miżuri nazzjonali li ttieħdu s'issa ġew evitati, f'livelli differenti, permezz tal-arbitraġġ regolatorju. Għalhekk, ir-rakkomandazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni għandhom ikunu msejsa fuq il-koordinament fl-Unjoni kollha.

PRINĊIPJI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-miżuri politiċi mniżżla hawn taħt huma sensiela ta' rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu implimentati skont il-każ. Għalkemm huma konkreti, ir-rakkomandazzjonijiet jistabbilixxu prinċipji, billi hu magħruf li m'hemmx soluzzjoni waħda għal livelli eċċessivi ta' self f'munita barranija. Bħala eżempju, ir-rakkomandazzjonijiet ma jirreferux għal livelli speċifiċi ta' self eċċessiv f'munita barranija, billi dawn jistgħu ma jkunux l-istess għall-pajjiżi kollha.

Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri kollha. Madankollu, il-livell ta' prevalenza u tas-sinifikat sistemiku tas-self f'munita barranija jvarja fost il-pajjiżi tal-Unjoni. Għalhekk, meta jevalwa l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet B sa F, il-BERS se jqis il-prinċipju ta' proporzjonalità b'referenza għar-rilevanza sistemika differenti tas-self f'munita barranija fost l-Istati Membri u se jqis ukoll l-għan u l-kontenut ta' kull rakkomandazzjoni. Għal dan l-iskop, il-BERS se juża b'mod partikolari t-tagħrif mogħti mid-destinatarji, li jistgħu jirreferu għall-indikaturi mniżżla f'Taqsima IV.2.3.2. Il-prinċipju ta' proporzjonalità għandu japplika bla ħsara għall-monitoraġġ regolari u adegwat tas-self f'munita barranija.

Barra dan, ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu bla ħsara għall-mandati tal-politika monetarja tal-banek ċentrali nazzjonali.

Fejn hu rilevanti, il-miżuri diskussi hawnhekk huma maħsuba biex ikopru biss lil dawk li jissellfu *unhedged*, i.e. dawk li jissellfu mingħajr *hedge* naturali jew finanzjarja. Il-*hedges* naturali jinkludu b'mod partikolari l-każijiet fejn min jissellef jirċievi dħul f'munita barranija (pereżempju, trasferimenti ta' flus/introjtu mill-esportazzjoni). Il-*hedges* finanzjarji normalment jipprezumu kuntratt ma' istituzzjoni finanzjarja. Xi rakkomandazzjonijiet, madankollu, jindirizzaw riskji li jeżistu indipendentement minn jekk min jissellef ikunx *hedged* jew le, bħar-rakkomandazzjoni dwar il-likwidità u l-finanzjament.

Għall-iskop tar-rakkomandazzjonijiet, is-self f'munita barranija hu definit bħala kwalunkwe self f'muniti li ma jkunux il-valuta legali ta' min jissellef.

Il-bqija ta' din it-taqsima fiha r-rakkomandazzjonijiet tal-BERS. Għal kull rakkomandazzjoni, l-aspetti li ġejjin huma koperti:

1. ir-raġunament ekonomiku għaliha;

2. evalwazzjoni, li tinkludi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi;

3. is-segwitu speċifiku għaliha; u

4. fejn hu rilevanti, il-kuntest legali.

Dan ir-rapport hu tal-fehma li hemm tħassib dwar ir-riskju sistemiku marbut ma' livelli eċċessivi ta' self f'munita barranija. Madankollu, m'hemmx miżuri makroprudenzjali naturali politiċi li jistgħu jintużaw biex jindirizzaw riskji bħal dawn. Fuq dan l-isfond, ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin għandhom l-għan li jittrattaw dawn ir-riskji makroprudenzjali bl-istrumenti disponibbli bħalissa, li jindirizzaw jew xi jwassal għas-self eċċessiv f'munita barranija jew xi komponent tal-problema.

SEGWITU KOMUNI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET KOLLHA

Għar-rakkomandazzjonijiet kollha, id-destinatarji għandhom:

— jidentifikaw u jiddeskrivu l-miżuri kollha li jkunu ttieħdu (fosthom l-iskadenzi applikati u s-sustanza essenzjali) bi tweġiba għal kull rakkomandazzjoni,

— għal kull rakkomandazzjoni, jispeċifikaw kif il-miżuri li ttieħdu jkunu ħadmu biex laħqu l-iskop tagħhom, waqt li jitqiesu l-kriterji ta' konformità,

— fejn ikun il-każ, jagħtu ġustifikazzjoni bir-reqqa għaliex ma jkunux ittieħdu l-miżuri rrakkomandati jew għaliex kien hemm devjazzjoni mir-rakkomandazzjoni.

Kif mitlub mill-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 ([33]), dawn it-tweġibiet għandhom jintbagħtu lill-BERS u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Fil-każ ta' tweġiba min-naħa tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, il-BERS għandu jgħarrafha wkoll lill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) (waqt li jsegwi r-regoli ta' konfidenzjalità).

RISKJI MARBUTA MAL-KREDITU U MAS-SUQ

IV.1. **Rakkomandazzjoni A – Għarfien ta' dawk li jissellfu dwar ir-riskji**

Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-Istati Membri:

1. jeżiġu li l-istituzzjonijiet finanzjarji jipprovdu lil dawk li jissellfu b'informazzjoni adegwata dwar ir-riskji involuti fis-self f'munita barranija. Dik l-informazzjoni għandha tkun suffiċjenti biex tippermetti lil dawk li jissellfu jieħdu deċiżjonijiet infurmati sew u prudenti u għandha tal-anqas tħaddan l-impatt fuq il-ħlasijiet bin-nifs ta' deprezzament qawwi fil-valuta legali tal-Istat Membru fejn ikun iddomiċiljat min jissellef u ta' żieda fir-rata tal-imgħax barrani;

2. iħeġġu lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex joffru lill-klijenti self fil-munita domestika għall-istess finijiet bħal self f'munita barranija kif ukoll strumenti finanzjarji bħala *hedge* kontra r-riskju tal-kambju barrani.

([33]) Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

IV.1.1. *Ir-raġunament ekonomiku*

Din ir-rakkomandazzjoni għandha għadd ta' raġunijiet sottostanti. L-ewwel, mill-perspettiva tal-politika prudenzjali, jekk tiġi indirizzata l-informazzjoni asimmetrika bejn dawk li jissellfu u dawk li jsellfu, dan jista' jnaqqas it-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja. Fir-realtà, tagħrif xieraq dwar il-karatteristiċi tal-prodotti jnaqqas l-għażla negattiva u r-riskju għall-kreditu billi s-selliefa "ħżiena" jew mhumiex mgħarrfa aktarx jagħżlu li jissellfu f'munita barranija. It-tieni, mill-aspett tal-politika monetarja, tagħrif xieraq jgħin biex jonqos id-diżgwid fis-swieq, li hu impediment komuni fis-self bankarju u fil-mezzi wesgħin tat-trażmissjoni tal-kreditu. Fl-aħħar, mill-aspett tal-ħarsien tal-konsumatur, l-għoti ta' tagħrif komprensiv u trasparenti, flimken ma' standards uniformi, hu essenzjali biex jittieħdu deċiżjonijiet tajbin.

IV.1.2. *Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi*

Il-***vantaġġi*** ta' din ir-rakkomandazzjoni huma:

a. **Titjib fl-għarfien dwar ir-riskji**. Tagħrif adegwat dwar ir-riskji tas-self f'munita barranija (pereżempju, ir-riskju tal-munita, ir-restrizzjoni tal-politika monetarja fil-pajjiż barrani, eċċ.) jgħin lil dawk li jissellfu *unhedged* jifhmu li s-self f'munita barranija mhuwiex ħieles mir-riskji ([34]).

b. Jekk ikunu mgħarrfa aħjar bir-riskji li jidħlu għalihom meta jieħdu self f'munita barranija, dawk li jissellfu jistgħu jassimilaw ir-riskji inkorporati f'dan is-self u (i) ma jonfqux daqshekk fiż-żmien meta l-munita lokali tkun apprezzata; jew (ii) jagħżlu minflok li jieħdu self fil-munita lokali. Fl-aħħar, dan jista' **jistabilizza d-dħul ta' dawk li jissellfu maż-żmien** u jnaqqas il-possibbiltà li ma jħallsux u, għalhekk, it-telf.

c. **Aktar mitigazzjoni tar-riskji**. L-għarfien dwar ir-riskji għandu jistimula lil dawk li jissellfu biex jevitaw azzjonijiet eċċessivi ta' lieva jew biex jixtru assigurazzjoni għall-ħarsien tal-pagamenti (pereżempju biex ikopru r-riskju tal-qgħad, eċċ.) fosthom kontra l-volatilità tal-kambju barrani. Madankollu, ix-xiri tal-assigurazzjoni jġib miegħu spejjeż.

d. **Jonqos il-bejgħ ta' prodotti finanzjarji mhux adattati għall-ħtiġijiet tal-klijenti u tiżdied is-sostitwibbiltà tas-self**. Tagħrif xieraq u komprensiv iħajjar lill-klijent, billi r-rappreżentant tal-bank ikollu jfisser ir-riskji marbuta mas-self f'munita barranija, u b'hekk ikun aktar diffiċli li jintużaw tattiċi kummerċjali aggressivi. Jekk l-istituzzjonijiet ikollhom joffru self fil-munita lokali għall-istess skop, dan iżid is-sostitwibbiltà tas-self (munita barranija v. munita lokali) kif ukoll il-kompetizzjoni, u minn dan igawdu dawk li jissellfu.

Madankollu hemm ukoll ***żvantaġġi***:

e. **Sostituzzjoni imperfetta tas-self.** Minħabba li teżisti biss sostituzzjoni imperfetta għas-self f'munita barranija permezz tas-self fil-munita lokali (pereżempju, minħabba nuqqas ta' finanzjament) jew li r-rati tal-imgħax fuq is-self f'munita barranija huma aktar baxxi u bħalissa anqas varjabbli milli fuq is-self fil-munita lokali fiċ-ċiklu tan-negozju, jista' jkun hemm xi spejjeż tal-output ([35]).

f. **Spejjeż ta' konformità** għall-istituzzjonijiet finanzjarji, li jinkludu l-ispiża marbuta mal-ħin għat-tħejjija tad-dokumentazzjoni meħtieġa u għall-ispjegazzjoni lil dawk li jissellfu dwar ir-riskji potenzjali marbuta ma' self bħal dan. Jidħlu wkoll spejjeż ta' konformità għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali biex jiżviluppaw u jirrevedu l-linji gwida.

IV.1.3. *Segwitu*

IV.1.3.1. Skeda

Id-destinatarji huma mitluba li jikkomunikaw lill-BERS l-azzjoni meħuda biex tiġi implimentata din ir-rakkomandazzjoni f'żewġ fażijiet, l-ewwel sat-30 ta' Ġunju 2012; u t-tieni sal-31 ta' Diċembru 2012.

IV.1.3.2. Kriterji ta' konformità

Għal rakkomandazzjoni A, ġew definiti l-kriterji ta' konformità li ġejjin:

---

([34]) Min jissellef *unhedged*, i.e. l-aktar l-individwi, tipikament ma jkunux jafu bir-riskji marbuta mas-self f'munita barranija. Jistgħu jinġibdu mir-rati tal-imgħax nominali aktar baxxi tas-self f'munita barranija mqabbla ma' dawk tas-self fil-munita lokali u aktarx ma jagħtux biżżejjed importanza lir-riskju ta' deprezzament tal-munita lokali jew ma jaslux biex jifhmu l-impatt li deprezzament bħal dan jista' jkollu fuq l-ispiża tal-manutenzjoni tad-dejn u fuq l-ammont kollu dovut.

([35]) It-tibdil fl-output matul iċ-ċiklu sħiħ huwa konklużjoni mistennija min-naħa tar-rakkomandazzjonijiet kollha. Minkejja li jirrepeti ruħu, dan l-element se ssir referenza għalih fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti kollha, billi jista' jkun hemm differenza fil-mod kif kull rakkomandazzjoni teffettwa l-output. Barra minn hekk, dan jgħin lill-qarrej, li inkella jkollu jaqra t-taqsimiet kollha dwar l-evalwazzjoni.

— Għad-destinatarji li diġà ħarġu linji gwida li jkopru l-kwistjonijiet msemmija fir-rakkomandazzjoni:

a. għandha ssir evalwazzjoni dwar il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-linji gwida, fid-dawl ta' dak li hu mitlub mid-destinatarji li għadhom ma ħarġux linji gwida bħal dawn:

b. jekk jinstab li l-linji gwida mhumiex suffiċjenti (biex jikkonformaw mar-rakkomandazzjoni A) id-destinatarji għandhom jirreveduhom biex ikopru l-kriterji kollha ta' konformità.

— Għad-destinatarji li għadhom ma ħarġux linji gwida:

c. ħruġ u pubblikazzjoni tal-linji gwida;

d. dawn il-linji gwida għandu tal-anqas ikollhom:

(i) referenza għall-istituzzjonijiet finanzjarji li tobbligahom juru l-impatt ta' deprezzament qawwi tal-munita lokali fuq il-pagamenti;

(ii) referenza għall-istituzzjonijiet finanzjarji li tobbligahom juru l-impatt ta' deprezzament qawwi fuq il-pagamenti, flimkien ma' żieda fir-rati tal-imgħax barrani.

— Għad-destinatarji kollha

e. għandha ssir evalwazzjoni tal-eżistenza ta' self ekwivalenti fil-munita lokali għal dak offrut mill-istituzzjonijiet finanzjarji f'munita barranija.

IV.1.3.3. Komunikazzjoni dwar is-segwitu

Il-komunikazzjoni għandha tirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità.

L-ewwel rapport, li għandu jsir sat-30 ta' Ġunju 2012, irid ikollu:

— Għad-destinatarji li diġà ħarġu linji gwida:

a. il-linji gwida adottati qabel;

b. evalwazzjoni dwar il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-linji gwida, fid-dawl tal-kriterji ta' konformità;

— Għad-destinatarji li għadhom ma ħarġux linji gwida:

c. m'hemmx bżonn isir rapport.

It-tieni rapport, li għandu jsir sal-31 ta' Diċembru 2012, irid ikollu:

— Għad-destinatarji li diġà ħarġu linji gwida:

d. il-linji gwida riveduti, jekk id-destinatarji jkunu kkonkludew li l-linji gwida adottati qabel kellhom bżonn reviżjoni.

— Għad-destinatarji li għadhom ma ħarġux linji gwida:

e. il-linji gwida maħruġa wara din ir-rakkomandazzjoni.

— Għad-destinatarji kollha

f. evalwazzjoni tal-eżistenza ta' self ekwivalenti fil-munita lokali għal dak offrut mill-istituzzjonijiet finanzjarji f'munita barranija. Din tibbenefika, pereżempju, minn rapporti ta' spezzjoni fuq il-post li jikkonfermaw din l-eżistenza.

IV.1.4. *Rabtiet mal-qafas legali tal-Unjoni*

Il-BERS jirrikonoxxi u jilqa' l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà residenzjali, li fiha dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-self f'munita barranija u l-ħarsien tal-konsumatur ([36]). Din il-proposta tipprevedi sentejn biex l-Istati Membri jittrasponu d-Direttiva wara li din tidħol fis-seħħ. L-abbozz ta' rapport tal-Parlament dwar il-proposta ta' direttiva jinkludi aktar referenzi għas-self f'munita barranija, jiġifieri f'termini tal-possibbiltà li jinqaleb is-self f'munita barranija ([37]).

Madankollu, ir-rakkomandazzjoni tal-BERS tibqa' rilevanti billi tkopri ambitu aktar wiesa' (ma tapplikax biss għall-proprjetà residenzjali) u hija aktar tassattiva billi tirreferi b'mod speċifiku għall-"impatt fuq il-pagamenti ta' deprezzament **qawwi** fil-valuta legali tal-Istat Membru fejn dak li jissellef huwa ddomiċiljat u ta' żieda fir-rata tal-imgħax barrani" u tinkludi wkoll dispożizzjoni dwar is-sostitwibbiltà tas-self (bejn il-munita barranija u l-munita lokali).

IV.2. **Rakkomandazzjoni B – Affidabbiltà kreditizja ta' dawk li jissellfu**

Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali:

1. jimmonitorjaw il-livelli ta' self f'munita barranija u tad-diskrepanzi fil-munita tas-settur privat mhux finanzjarju u li jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jillimitaw is-self f'munita barranija;

2. jippermettu li jingħata self f'munita barranija biss lil dawk li jissellfu li juru l-affidabbiltà kreditizja tagħhom, waqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istruttura ta' ħlas lura tas-self u l-kapaċità ta' min jissellef li jiflaħ għal skossi negattivi fir-rati tal-kambju u fir-rati tal-imgħax barrani;

3. jikkunsidraw li jistabbilixxu standards aktar stretti ta' sottoskrizzjoni, bħal proporzjonijiet bejn il-manutenzjoni ta' dejn u d-dħul (DTI) u bejn is-self u l-valur (LTV).

IV.2.1. *Ir-raġunament ekonomiku*

Din il-miżura hi maħsuba biex iżżid ir-reżiljenza tas-sistema finanzjarja għal żviluppi negattivi fir-rati tal-kambju li jolqtu l-kapaċità ta' dawk li jissellfu li jmantnu d-dejn tagħhom. Dan iseħħ billi tintalab prova tal-affidabbiltà kreditizja ta' min jissellef fil-bidu ta' kuntratt u billi din tiġi riveduta matul il-ħajja tal-kuntratt, u b'hekk jiġu limitati l-kwantità u l-ammont ta' self f'munita barranija.

Barra dan, il-proporzjonijiet LTV u DTI jagħżlu bejn dawk li jissellfu: min isellef jista' jillimita l-provvista ta' fondi addizzjonali minkejja r-rieda ta' min jissellef li jħallas il-prezz dikjarat (i.e. l-imgħax).

IV.2.2. *Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi*

Il-***vantaġġi*** ta' din ir-rakkomandazzjoni huma:

a. Din mistennija tkun **l-aktar miżura effikaċi** biex jintlaħaq l-għan li jonqsu l-livelli eċċessivi ta' self f'munita barranija.

b. Fi żminijiet ta' prosperità u meta l-muniti jkunu apprezzati, l-istituzzjonijiet finanzjarji jagħmlu anqas qligħ meta l-miżuri politiċi jkunu qegħdin jiffunzjonaw, billi jibdew deħlin għal negozju li jkun anqas u anqas ta' riskju. Madankollu, matul iċ-ċiklu, l-impatt jista' jkun bil-maqlub u din il-miżura tista' tgħin biex ikun hemm **ċikli ta' kreditu aktar trankwilli** ([38]). Il-limiti għall-proporzjonijiet LTV jipproteġu l-banek milli jieħdu riskji eċċessivi, billi proporzjonijiet bħal dawn itaffu t-telf tal-bank fil-każ li dak li jissellef ma jasalx biex iħallas (***lower loss-given-default***) ([39]). Il-proporzjonijiet DTI jipproteġu lil dawk li jissellfu minn livelli għolja ta' dejn u minn spejjeż tat-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-ftuħ jew l-għeluq irresponsabbli ta' pożizzjoni ta' self (***fewer defaults***).

([36]) COM/2011/0142 finali. Ara abbozz tal-artikoli 9(1)(f) u 11.

([37]) Abbozz ta' rapport dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ftehimiet ta' kreditu dwar il-proprjetà residenzjali Nru 2011/0062(COD) tat-18 ta' Lulju 2011. Ara l-proposti għal emendi Nri 32, 140, 152, 153 u 154.

([38]) Waħda mil-lezzjonijiet l-aktar importanti li ttieħdu mill-kriżi reċenti kienet li t-tkabbir ekonomiku kkawżat mil-livell tad-dejn hu dgħajjef u li l-għan għandu jkun it-tkabbir ekonomiku għal żmien medju jew fit-tul.

([39]) F'dan il-każ min jissellef jista' jitlef il-proprjetà. Għalkemm f'xi pajjiżi mingħajr drittijiet *walk-away* għal dawk li jissellfu, proporzjonijiet LTV għolja faċilment jistgħu jqiegħdu lil min jissellef f'pożizzjoni ta' ekwità negattiva. (Id-dritt *walk-away* hu d-dritt ta' min jissellef b'ipoteka li jtemm tranżazzjoni ta' self bla ma jkun responsabbli għall-ammont ta' self pendenti li jkun ogħla mill-valur tal-garanzija.)

c. L-istituzzjonijiet finanzjarji jidħlu għal anqas riskju tal-kreditu (billi jagħżlu l-aħjar fost dawk li jkunu jridu jissellfu) minħabba livelli regolatorji minimi ta' dħul u garanziji. Dan ifisser li xi **kapital** li altrimenti jintuża biex jassorbi telf mhux mistenni marbut mas-self f'munita barranija jkun jista' jitwarrab għal negozju ieħor li jkun vijabbli.

d. L-iskopertura għad-diskrepanzi fil-munita tas-settur privat mhux finanzjarju tiġi limitata għal dawk li jissellfu li jkunu kapaċi jifilħu l-aktar għal żviluppi negattivi fir-rati tal-kambju. Rekwiżiti aktar stretti dwar l-affidabbiltà kreditizja ta' dawk li jissellfu għandhom jissarrfu f'impatt anqas qawwi tal-iżviluppi negattivi fir-rati tal-kambju fuq il-portafoll tal-bank ta' self f'munita barranija.

e. Biex jibda jitħaddem l-għan ta' affidabbiltà kreditizja akbar min-naħa ta' dawk li jissellfu, l-introduzzjoni ta' limiti għall-proporzjonijiet DTI u LTV espliċiti hi miżura trasparenti li tapplika b'mod uniformi f'ġurisdizzjoni għal dawk li jsellfu. Il-proporzjonijiet DTI u LTV iqisu wkoll l-akbar żewġ aspetti biex tiġi determinata l-pożizzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' dawk li jissellfu: il-garanzija li jistgħu jipprovdu u l-kapaċità tagħhom li jissodisfaw l-obbligi tal-ħlas bin-nifs.

Madankollu hemm ukoll ***żvantaġġi***:

f. **Spejjeż potenzjali f'termini ta' negozju vijabbli**. Id-definizzjoni tal-aqwa livelli ta' affidabbiltà kreditizja (i.e. il-kalibrazzjoni tajba tal-proporzjonijiet LTV u DTI) li jkunu prattiċi biex jiġu implimentati hija sfida. B'hekk, jekk wieħed mil-livelli tal-affidabbiltà kreditizja jkun limitu prudenti, x'aktarx li xi wħud minn dawk li jkunu jixtiequ jissellfu, li altrimenti jistgħu jitqiesu bħala affidabbli, jiġu mċaħħda minn self f'munita barranija, minħabba l-minimu regolatorju biss. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, wieħed jistenna li dawn l-ispejjeż immedjati jitpattew minħabba li ċ-ċikli ta' kreditu jekwilibraw ruħhom.

g. Għalkemm jistgħu jagħmlu anqas qligħ fi żmien ta' prosperità jew meta l-muniti jkunu apprezzati, l-istituzzjonijiet finanzjarji jista' jkollhom inċentivi biex jieħdu riskji f'attivitajiet oħra u jagħmlu tajjeb għal dan it-telf ta' qligħ.

h. Sfidi oħrajn jinkludu l-valutazzjoni tal-garanzija (illikwida u immobbli) fil-każ ta' proporzjonijiet LTV u d-definizzjoni ta' dħul fil-każ ta' proporzjonijiet DTI, kif ukoll il-proċiklikalità li tista' tidħol meta l-limiti LTV u DTI jinżammu kostanti għal tul ta' żmien. Madankollu, **l-issettjar ta' proporzjonijiet LTV u DTI li jvarjaw maż-żmien** jibqa' sfida fih innifsu. L-ewwel, l-awtoritajiet jeħtiġilhom jiddeterminaw il-fażi ta' ċiklu ekonomiku u ta' kreditu; it-tieni, iridu jħabbtu wiċċhom mal-isfida ta' restrizzjoni fl-istandards meta x-xejra ġenerali f'ekonomija tkun ta' ottimiżmu żejjed. Sfida oħra għandha x'taqsam maż-żmien li jista' jgħaddi fil-każijiet fejn il-leġiżlazzjoni tkun trid tiġi implimentata u/jew fejn dawn il-proporzjonijiet li jvarjaw maż-żmien ikunu jridu jinbidlu.

i. Hemm **spejjeż ta' konformità** għall-istituzzjonijiet finanzjarji, billi dawn iridu jimmonitorjaw il-livelli tal-affidabbiltà kreditizja ta' dawk li jissellfu mingħandhom. Hu kkalkulat li dawn l-ispejjeż ikunu żgħar, billi l-istituzzjonijiet huma mistennija jagħmlu dan fi kwalunkwe każ. Hemm spejjeż ta' konformità għall-awtoritajiet superviżorji wkoll, billi jridu jimmonitorjaw jekk l-istituzzjonijiet finanzjarji jkunux qegħdin jikkonformaw mar-rakkomandazzjoni.

IV.2.3. *Segwitu*

IV.2.3.1. Skeda

Id-destinatarji huma mitluba li jikkomunikaw lill-BERS l-azzjoni meħuda biex tiġi implimentata din ir-rakkomandazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2012.

IV.2.3.2. Kriterji ta' konformità

Għal rakkomandazzjoni B, ġew definiti l-kriterji ta' konformità li ġejjin:

a. Il-monitoraġġ tal-livelli ta' self f'munita barranija u tad-diskrepanzi fil-munita tas-settur privat mhux finanzjarju, li għandhom jinkludu, għall-inqas, il-monitoraġġ tal-indikaturi li ġejjin:

— Is-self tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFI) residenti

Ħażniet

(i) is-self totali pendenti lil individwi ddenominat f'munita li ma tkunx dik lokali/is-self totali pendenti lil individwi;

(ii) is-self totali pendenti lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji ddenominat f'munita li ma tkunx dik lokali/is-self totali pendenti lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji;

(iii) is-self totali pendenti lil individwi ddenominat f'munita li ma tkunx dik lokali/l-aħħar erba' trimestri tal-PDG ikkumulat (prezzijiet nominali);

(iv) id-depożiti totali pendenti minn individwi ddenominati f'munita li ma tkunx dik lokali/l-aħħar erba' trimestri tal-PDG ikkumulat (prezzijiet nominali);

(v) is-self totali pendenti lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji ddenominat f'munita li ma tkunx dik lokali/l-aħħar erba' trimestri tal-PDG ikkumulat (prezzijiet nominali);

(vi) id-depożiti totali pendenti minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji ddenominati f'munita li ma tkunx dik lokali/l-aħħar erba' trimestri tal-PDG ikkumulat (prezzijiet nominali).

Flussi:

(vii) flussi grossi ta' self ġdid u self innegozjat mill-ġdid iddenominati f'munita li ma tkunx dik lokali, analizzati skont, fejn ikun rilevanti, l-euro, il-frank Svizzeru u l-yen.

— Self minn istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji (i.e. kumpaniji tal-kiri, entitajiet finanzjarji impenjati fis-self għall-konsum, kumpaniji li joħorġu jew jamministraw karti tal-kreditu, eċċ.):

(viii) total tas-self f'munita barranija lil individwi minn istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji/total tas-self lil individwi minn istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji;

(ix) total ta' self f'munita barranija lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji minn istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji/total ta' self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji minn istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji.

b. Ġbir ta' tagħrif dwar self ġdid f'munita barranija fir-rigward tal-affidabbiltà kreditizja ta' min jissellef.

c. Garanzija li dawk biss li jissellfu u li jagħtu prova tal-affidabbiltà kreditizja tagħhom kif ukoll tal-kapaċità li jifilħu għal skossi qawwija fir-rati tal-kambju u fir-rati tal-imgħax barrani jingħataw self ġdid f'munita barranija.

d. Fejn teżisti, id-definizzjoni nazzjonali ta' proporzjonijiet minimi li jiżguraw l-affidabbiltà kreditizja ta' dawk li jissellfu u/jew l-eżistenza ta' garanzija suffiċjenti (pereżempju, proporzjonijiet DTI u LTV).

IV.2.3.3. *Komunikazzjoni dwar is-segwitu*

Il-komunikazzjoni għandha tirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità. Ir-rapport għandu jinkludi:

a. l-indikaturi msemmija hawn fuq minn (i) sa (ix) f'format ta' istogramma (skont iż-żmien). Id-dejta għandha tkopri tal-anqas sena wara l-ħruġ tar-rakkomandazzjoni u għandu joħroġ tal-anqas kull xahar għall-indikaturi (i) u (ii) u kull trimestru għall-oħrajn. L-awtoritajiet għandhom jagħtu wkoll l-istogramma sottostanti għal kull proporzjon biex ikun jista' jsir studju bir-reqqa tad-dejta (i.e. il-kalkolu tar-rati ta' tkabbir, eċċ.). Barra dan, meta tkun disponibbli, għandha tiġi inkluża ukoll dejta storika għat-tliet snin ta' qabel il-ħruġ tar-rakkomandazzjoni. Dejta dwar is-self miġbura skont ir-Regolament BĊE/2008/32 tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (tfassil mill-ġdid) ([40]) hija ppreferuta minn dejta minn sorsi mhux standardizzati. It-trażmissjoni ta' dejta dwar is-self f'munita barranija minn istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji (l-indikaturi (viii) u (ix)) għandha tkun fuq il-bażi tal-aħjar sforz ([41]).

b. evalwazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' dawk li joħorġu self ġdid, kif ukoll id-dejta disponibbli dwar din l-affidabbiltà kreditizja. Jekk tkun disponibbli, dejta dwar il-proporzjonijiet DTI u LTV tas-self il-ġdid.

([40]) ĠU L 15, 20.1.2009, p. 14.

([41]) Il-pajjiżi li ma jkollhomx tagħrif dwar il-livell ta' dejn f'munita barranija minn istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji u minn istituzzjonijiet esterni ta' kreditu għandhom joqogħdu attenti kif jittrattaw ir-riskji marbuta mas-self f'munita barranija u huma mħeġġa jiġbru dan it-tagħrif fil-ġejjieni. Hu rikonoxxut li l-preżentazzjoni ta' ġabra mill-aktar komprensiva ta' tagħrif (i.e. li tkun tinkludi s-self f'munita barranija minn istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji) tista' tagħti ċifri aktar għoljin dwar il-livell ta' dejn f'munita barranija għal dawk il-pajjiżi li jagħmlu dan. Madankollu, l-evalwazzjoni tal-pajjiżi li jagħtu dan it-tagħrif ma tmurx kontrihom, meta titqabbel mal-pajjiżi li ma jistgħux jagħtu dan it-tagħrif.

IV.2.4. *Rabtiet mal-qafas legali tal-Unjoni*

Il-proposta msemmija hawn fuq għal direttiva dwar l-arranġamenti ta' kreditu marbuta mal-proprjetà residenzjali ([42]) tintroduċi l-obbligu fuq l-Istati Membri li "jiżguraw li l-konsumaturi jipprovdu lill-kredituri u, fejn ikun applikabbli, lill-intemedjarji tal-kreditu b'tagħrif sħiħ u korrett dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u ċ-ċirkostanzi personali tagħhom fil-kuntest tal-proċess għall-applikazzjoni tal-kreditu." ([43]) Din hija xejra ġenerali u ma tiffukax b'mod speċifiku fuq is-self f'munita barranija iżda tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-konsumaturi jagħtu dan it-tagħrif. Ir-rakkomandazzjoni tal-BERS tmur lilhinn mir-rekwiżiti tal-proposta, billi teżiġi li l-kreditur jevalwa l-affidabbiltà kreditizja ta' min jissellef u tippermetti l-ħruġ ta' self ġdid lil dawk biss li huma affidabbli fir-rigward ta' kreditu.

IT-TKABBIR FIL-KREDITU

IV.3. **Rakkomandazzjoni Ċ – Tkabbir fil-kreditu kkawżat minn self f'munita barranija**

Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jimmonitorjaw jekk is-self f'munita barranija huwiex jikkawża tkabbir eċċessiv fil-kreditu b'mod ġenerali u, jekk dan huwa l-każ, li jadottaw regoli ġodda jew aktar stretti minn dawk stipulati fir-Rakkomandazzjoni B.

IV.3.1. *Ir-raġunament ekonomiku*

L-ekwilibrar bejn iċ-ċikli tajbin u ħżiena, permezz ta' livelli ta' kreditu aktar ibbilanċjati, jista' jgħin biex jiġi mminimizzat it-telf intertemporali fl-output u l-probabbiltà u s-severità tal-prezzijiet artifiċjali tal-assi. Ir-regoli li għandhom jiġu implimentati skont din ir-rakkomandazzjoni jaħdmu b'mod kontroċikliku fil-fażijiet ta' prosperità meta jkunu mixtieqa miżuri ta' kontroll fuq il-kreditu kemm fil-munita lokali kif ukoll f'dik barranija.

IV.3.2. *Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi*

a. Il-***vantaġġ*** ewlieni ta' din ir-rakkomandazzjoni hu li **tikkalma ċ-ċiklu tal-kreditu** meta dan ikun ikkawżat mis-self f'munita barranija, billi tillimita l-eżuberanza u l-pressjonijiet inflazzjonarji u għalhekk tnaqqas ir-riskju li tikber bużżieqa u li din wara tinfaqa'. Mill-perspettiva intertemporali, wieħed jistenna flussi ta' kreditu aktar stabbli u anqas telf ta' valur (pereżempju, tal-garanzija) matul iċ-ċiklu sħiħ. Minħabba li teżerċita pressjoni fuq it-tkabbir ekonomiku fi żmien immedjat, din ir-rakkomandazzjoni tħeġġeġ lis-superviżuri japplikaw miżuri aktar ibsin meta l-parteċipanti fis-swieq, fosthom il-politiċi, ikunu qegħdin jieħdu riskji żejda, jekk ma jkunux saħansitra ewforiċi. Il-miżura tagħti wkoll lill-awtoritajiet il-flessibbiltà meħtieġa meta jkun hemm bżonn regoli aktar ibsin dwar l-affidabbiltà kreditizja ta' dawk li jissellfu f'munita barranija.

b. ***L-iżvantaġġ*** ewlieni tar-rakkomandazzjoni, **l-ispejjeż ta' konformità**, hu mistenni li jkun negliġibbli jekk l-awtoritajiet ikunu diġà implimentaw miżuri li jiggarantixxu l-affidabbiltà kreditizja ta' dawk li jissellfu.

IV.3.3. *Segwitu*

IV.3.3.1. Skeda

Id-destinatarji huma mitluba li jikkomunikaw lill-BERS l-azzjoni meħuda biex tiġi implimentata din ir-rakkomandazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2012.

IV.3.3.2. Kriterji ta' konformità

Għal rakkomandazzjoni C, ġew definiti l-kriterji ta' konformità li ġejjin:

a. monitoraġġ tal-kontribut tal-livelli ta' self f'munita barranija, analizzati skont il-muniti ewlenin (mill-istituzzjonijiet finanzjarji interni u esterni) u tad-diskrepanzi fil-munita tas-settur privat mhux finanzjarju (is-setturi tal-individwi u tal-kumpaniji mhux finanzjarji għandhom jiġu mmonitorjati separatament) għaż-żieda globali fil-kreditu. L-indikaturi msemmija f'**IV.2.3.2** jistgħu jintużaw għal dan l-iskop.

b. definizzjoni fuq bażi nazzjonali dwar meta s-self f'munita barranija jikkawża żieda eċċessiva fil-kreditu;

c. ġustifikazzjoni għal meta l-awtoritajiet isibu li ż-żieda fil-kreditu tkun ikkawżata biss minn ċerti tipi ta' self f'munita barranija mogħti lis-settur privat mhux finanzjarju;

([42]) Ara nota 36 f'qiegħ il-paġna.

([43]) Ara abbozz tal-artikolu 15(1).

d. meta jinstab li s-self f'munita barranija jikkawża żieda eċċessiva fil-kreditu, jidħlu miżuri ġodda jew aktar stretti minn dawk imdaħħla biex irażżnu s-self f'munita barranija, bħall-proporzjonijiet DTI jew LTV, jew oħrajn.

IV.3.3.3. Komunikazzjoni dwar is-segwitu

Il-komunikazzjoni għandha tirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità. Ir-rapport għandu jinkludi:

a. indikazzjoni dwar iż-żieda fis-self f'munita barranija mqabbla maż-żieda totali fil-kreditu;

b. definizzjoni dwar meta s-self f'munita barranija jikkawża żieda eċċessiva fil-kreditu;

c. ġustifikazzjoni għal meta l-awtoritajiet isibu li ż-żieda fil-kreditu tkun ikkawżata biss minn ċerti tipi ta' self f'munita barranija mogħti lis-settur privat mhux finanzjarju;

d. il-miżuri meħuda, jekk jinstab li s-self f'munita barranija jkun ikkontribwixxa għaż-żieda eċċessiva fil-kreditu; jekk ikun il-każ, kif ikunu tharrxu l-miżuri;

e. l-atti legali/regolatorji li jirfdu dawn il-miżuri.

IV.3.4. *Rabtiet mal-qafas legali tal-Unjoni*

L-ilqugħ kontroċikliku għall-kapital, kif propost fir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) ([44]), hu l-unika miżura prudenzjali li tista', bħala effett sekondarju, tikkontribwixxi biex tillimita ż-żieda eċċessiva fil-kreditu fi żminijiet ta' prosperità. Madankollu, ir-rakkomandazzjoni hi differenti minn dan il-qafas billi tittratta direttament it-tkabbir tal-kreditu kkawżat mis-self f'munita barranija.

IPPREZZAR ĦAŻIN TAR-RISKJU U REŻILJENZA

IV.4. **Rakkomandazzjoni D – Ġestjoni interna tar-riskju**

---

Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jindirizzaw linji gwida lill-istituzzjonijiet finanzjarji bil-għan li jtejbu l-inkorporazzjoni ta' riskji ta' self f'munita barranija fis-sistemi interni tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju. Dawk il-linji gwida għandhom bħala minimu jkopru l-ipprezzar intern tar-riskju u l-allokazzjoni interna tal-kapital. L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu meħtieġa jimplimentaw il-linji gwida b'mod proporzjonat mad-daqs u l-kumplessità tagħhom.

---

IV.4.1. *Ir-raġunament ekonomiku*

Din il-miżura toħloq inċentivi biex l-istituzzjonijiet jidentifikaw aħjar ir-riskji moħbija u r-riskji magħrufa bħala *tail-event* u biex jinternalizzaw l-ispejjeż tagħhom. Fejn hemm differenzi fl-inkorporazzjoni tar-riskji marbuta mas-self f'munita barranija fost l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' kreditu, din ir-rakkomandazzjoni tistabbilixxi wkoll xejriet aktar uniformi dwar l-elementi involuti fl-ipprezzar tar-riskji.

IV.4.2. *Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi*

Il-***vantaġġi*** li joħorġu minn din ir-rakkomandazzjoni huma:

a. Il-ħruġ ta' linji gwida jikkomunika b'mod ċar il-fehma tal-awtoritajiet li s-self f'munita barranija jitlob riflessjoni xierqa fis-sistemi interni ta' ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, u b'hekk iwassal b'mod impliċitu l-fehma li s-self f'munita barranija jitqies li għandu aktar riskji mis-self fil-munita lokali. Billi dawn il-linji gwida jkopru, bħala minimu, l-ipprezzar intern tar-riskju u l-allokazzjoni interna tal-kapital, dan joħloq inċentiv biex **l-ipprezzar jiġi aġġustat skont ir-riskju**. Dan jippermetti wkoll lill-awtoritajiet rilevanti jqisu l-ispeċifiċitajiet fis-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju tas-setturi finanzjarji rispettivi.

b. L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom it-tendenza li jibqgħu **jinternalizzaw l-ispejjeż** marbuta mar-riskji tas-self f'munita barranija permezz tar-rikonoxximent ta' dawn l-ispejjeż fis-sistemi interni tagħhom għall-ġestjoni tar-riskju. Aktar ma jiġu internalizzati dawn l-ispejjeż, anqas jinġarru spejjeż esterni minn aġenti ekonomiċi oħrajn.

---

([44]) Ara proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' investiment, COM(2011)0452 finali, 20.07.2011. Il-proposta fiha elementi żviluppati u miftiehma globalment dwar l-istandards ta' kapital u ta' likwidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, magħrufa bħala Basel III.

c. F'perjodu ta' żmien bejn medju u twil, hu mistenni li, minħabba li r-riskji se jiġu evalwati aħjar, għandu jsir anqas negozju li ma jkunx vijabbli. Dan ifisser anqas telf għall-istituzzjonijiet finanzjarji u anqas dħul mitluf minn dawk li jissellfu li ma jkunux jistgħu jħallsu meta jseħħu r-riskji, billi jistgħu jitilfu l-garanzija.

Madankollu hemm ukoll ***żvantaġġi***:

d. Din il-miżura teżiġi li d-destinatarji jiżviluppaw "linji gwida", li **ma jkunux vinkolanti**. L-adeżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għalhekk tiddependi mil-livell ta' konvinzjoni morali applikat mill-awtoritajiet. B'hekk, l-implimentazzjoni x'aktarx li tvarja fi ħdan settur bankarju kif ukoll bejn il-pajjiżi.

e. **Spejjeż ta' konformità** għall-istituzzjonijiet finanzjarji u l-awtoritajiet superviżorji biex jinkorporaw dawn il-linji gwida fis-sistemi interni tagħhom tal-ġestjoni tar-riskju u biex jevalwaw l-adegwatezza tagħhom. Dawn l-ispejjeż, f'termini ta' żieda, huma mistennija li jkunu x'aktarx limitati billi dan hu komponent wieħed tas-sistemi tal-istituzzjonijiet għall-ġestjoni tar-riskju, li għandhom diġà jkunu stabbiliti f'istituzzjonijiet finanzjarji u jkunu ġew evalwati mill-awtoritajiet superviżorji (jekk jogħġbok ara l-qafas legali tal-Unjoni, Taqsima **IV.4.4**).

IV.4.3. *Segwitu*

IV.4.3.1. Skeda

Id-destinatarji huma mitluba jikkomunikaw lill-BERS l-azzjoni meħuda biex tiġi implimentata din ir-rakkomandazzjoni f'żewġ fażijiet. L-ewwel rapport għandu jsir sat-30 ta' Ġunju 2012 u t-tieni sal-31 ta' Diċembru 2012.

IV.4.3.2. Kriterji ta' konformità

Għal rakkomandazzjoni D, ġew definiti l-kriterji ta' konformità li ġejjin:

— Għall-awtoritajiet li diġà ħarġu linji gwida li jkopru l-kwistjonijiet msemmija fir-rakkomandazzjoni:

a. għandha ssir evalwazzjoni dwar il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-linji gwida, fid-dawl ta' dak li hu mitlub mill-awtoritajiet li għadhom ma ħarġux linji gwida bħal dawn;

b. jekk jinstab li l-linji gwida mhumiex suffiċjenti (biex jikkonformaw mar-rakkomandazzjoni D) l-awtoritajiet għandhom jirreveduhom biex ikopru l-kriterji kollha ta' konformità.

— Għall-awtoritajiet li għadhom ma ħarġux linji gwida:

c. ħruġ u pubblikazzjoni tal-linji gwida;

d. dawn il-linji gwida għandu tal-anqas ikollhom:

(i) rekwiżit li l-istituzzjonijiet finanzjarji li jagħtu l-kreditu f'munita barranija lil dawk li jissellfu *unhedged* jinkorporaw fis-sistemi interni tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju, ir-riskji speċifiċi involuti f'din l-attività;

(ii) rekwiżit li l-istituzzjonijiet finanzjarji jagħmlu tajjeb għar-riskji marbuta mas-self f'munita barranija kemm fl-ipprezzar intern tar-riskji kif ukoll fl-allokazzjoni interna tal-kapital.

IV.4.3.3. Komunikazzjoni dwar is-segwitu

Il-komunikazzjoni għandha tirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità.

L-ewwel rapport, li għandu jsir sat-30 ta' Ġunju 2012, irid ikollu:

— Għall-awtoritajiet li diġà ħarġu linji gwida:

a. il-linji gwida adottati qabel;

b. evalwazzjoni dwar il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-linji gwida, fid-dawl tal-kriterji ta' konformità;

— Għall-awtoritajiet li għadhom ma ħarġux linji gwida

c. m'hemmx bżonn isir rapport;

It-tieni rapport għandu jinkludi:

— Għall-awtoritajiet li diġà ħarġu linji gwida:

d. il-linji gwida riveduti, jekk l-awtoritajiet ikunu kkonkludew li l-linji gwida adottati qabel kellhom bżonn reviżjoni.

— Għall-awtoritajiet li għadhom ma ħarġux linji gwida

e. il-linji gwida maħruġa wara din ir-rakkomandazzjoni.

IV.4.4. *Rabtiet mal-qafas legali tal-Unjoni*

Il-ġestjoni interna tar-riskju ġiet diskussa f'ħafna rapporti tal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (KSBE) u tal-ABE. Barra dan, hemm dispożizzjonijiet fid-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD) ([45]) u fid-Direttiva dwar l-Adegwatezza ta' Kapital (CAD) ([46]). Fl-aħħar, il-Kummissjoni Ewropea għamlet abbozz ta' Green Paper dwar il-governanza korporattiva fl-istituzzjonijiet finanzjarji u l-politiki ta' rimunerazzjoni ([47]), li hi ġenerika u ma fihiex proposti konkreti.

Rigward il-pubblikazzjonijiet tal-KSBE-ABE li jittrattaw il-kwistjoni tat-tmexxija korporattiva, hemm referenzi għall-ġestjoni interna tar-riskju iżda m'hemmx referenzi speċifiċi għas-self f'munita barranija. Wieħed jista' jgħid li r-rakkomandazzjoni tal-BERS hi supplimentari għall-pubblikazzjonijiet tal-KSBE-ABE.

IV.5. **Rakkomandazzjoni E – Rekwiżiti ta' kapital**

1. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jimplimentaw miżuri speċifiċi taħt it-Tieni Pilastru tal-qafas rivedut ta' Basel II ([48]), u b'mod partikolari biex l-istituzzjonijiet finanzjarji jkollhom kapital adegwat biex ikopru riskji assoċjati ma' self f'munita barranija, u b'mod partikolari riskji li jirriżultaw mir-relazzjoni mhux lineari bejn ir-riskji tal-kreditu u tas-suq. L-evalwazzjoni f'dan ir-rigward għandha ssir taħt il-proċess superviżorju ta' reviżjoni u evalwazzjoni deskritt fl-Artikolu 124 tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ([49]) jew taħt leġiżlazzjoni ekwivalenti futura tal-Unjoni li tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' kapital għall-istituzzjonijiet ta' kreditu. Huwa rrakkomandat f'dan ir-rigward li l-awtorità responsabbli għall-istituzzjoni ta' kreditu rilevanti l-ewwel tieħu azzjoni regolatorja; jekk dik l-azzjoni titqies mis-superviżur ikkonsolidat bħala insuffiċjenti biex tindirizza b'mod adegwat ir-riskji assoċjati mas-self f'munita barranija, hija tista' tieħu miżuri xierqa biex ittaffi r-riskji osservati, b'mod partikolari billi timponi rekwiżiti ta' kapital addizzjonali fuq istituzzjoni ta' kreditu prinċipali fl-Unjoni.

2. Huwa rrakkomandat li l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) tindirizza l-linji gwida lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fir-rigward tar-rekwiżiti ta' kapital imsemmija fil-paragrafu 1.

Il-BERS għandu juża t-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fis-segwitu tagħhom għall-komunikazzjoni biex jevalwa l-effikaċja tal-miżuri rakkomandati. Skont din l-evalwazzjoni, il-BERS għandu jerġa' jeżamina l-kwistjoni tar-relazzjoni mhux lineari bejn ir-riskji tal-kreditu u tas-suq sa tmiem l-2014.

([45]) Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1).
([46]) Direttiva 2006/49/KE tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza tal-kapital ta' kumpaniji tal-investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mil-ġdid) (ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201).
([47]) COM(2010)0284 finali.
([48]) Il-pilastri huma definiti skont il-qafas ta' Basel II; ara l-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, *International Convergence of Capital Measurement and Capital Standards*, Ġunju 2006, disponibbli fil-websajt tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali f'www.bis.org.
([49]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

IV.5.1. *Ir-raġunament ekonomiku*

L-għan ta' din il-miżura hu li "taġġusta" l-ipprezzar tas-self f'munita barranija permezz tal-internalizzazzjoni tar-riskji inerenti tiegħu. Dan il-kapital aktar kbir jżid ukoll ir-reżiljenza tas-sistema għall-iskossi negattivi billi jżid il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf.

IV.5.2. *Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi*

Il-***vantaġġi*** li joħorġu minn din ir-rakkomandazzjoni huma:

a. Billi jżommu livelli ta' kapital aktar għoljin, l-istituzzjonijiet finanzjarji jkunu aktar **reżiljenti** għall-iżviluppi negattivi fir-rati tal-kambju minħabba li jkunu jistgħu jassorbu aktar telf. B'mod indirett, dan jippermetti li l-fluss ta' kreditu fl-ekonomija jkun aktar stabbli (fiċ-ċiklu kollu).

b. Rekwiżiti ta' kapital aktar kbir, permezz ta' rekwiżiti ta' kapital adegwat taħt it-Tieni Pilastru, joħolqu inċentivi biex l-**ipprezzar ikun aġġustat għar-riskju** u dan iwassal għal effett ta' trażżin fuq is-self f'munita barranija, jekk il-kundizzjonijiet jibqgħu l-istess. Madankollu, l-effett ta' kapital aktar kbir fuq l-ipprezzar jiddependi mill-elastiċità tad-domanda u l-provvista, mill-iskarsezza ta' kapital, u mill-kompetizzjoni. Jekk il-kompetizzjoni tkun kbira, il-kapital ikun disponibbli biżżejjed u l-provvista tkun elastika wisq, ir-rekwiżiti ta' kapital aktar kbir eventwalment iridu jkunu kbar ferm biex ikollhom effett fuq l-ipprezzar.

c. Aktar ma jiġu internalizzati l-ispejjeż, anqas jinġarru spejjeż esterni minn aġenti ekonomiċi oħrajn. L-ispejjeż internalizzati mill-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jgħaddu jew ma jgħaddux fuq il-klijenti. Għas-self pendenti, jekk l-ispejjeż jgħaddu fuq il-klijenti, dawn ikollhom iħallsu rati ogħla tal-imgħax, minbarra r-riskju tar-rata tal-kambju li jkunu qegħdin jidħlu għalih, u b'hekk isiru anqas kapaċi li jħallsu s-self lura. Għas-self ġdid, jekk l-ispejjeż jgħaddu fuq il-klijenti, joħroġ anqas self, jew l-ammonti mislufa jkunu iżgħar. Jekk l-ispejjeż ma jgħaddux fuq il-klijenti, l-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jagħmlu anqas qligħ fi żmien tajjeb. Madankollu, mhux faċli li wieħed ikun jaf b'ċertezza x'se jkun l-impatt fiċ-ċiklu kollu, li wara kollox jista' jkun pożittiv.

Madankollu hemm ukoll ***żvantaġġi***:

d. Jekk ir-rakkomandazzjoni tkun limitazzjoni attiva, l-istituzzjonijiet se jkollhom aktar spejjeż, għall-inqas fl-ewwel fażi, minħabba d-differenza bejn l-ispiża tal-"kapital addizzjonali" u l-kost "ġdid" tad-dejn (li jista' jonqos minħabba li l-istituzzjonijiet ikunu aktar reżiljenti).

e. Spejjeż ta' konformità għall-awtoritajiet superviżorji biex iwettqu l-proċess ta' analiżi tagħhom.

f. M'hemmx dubju li wieħed mill-modi biex l-istituzzjonijiet jikkunsidraw l-ispejjeż li jista' jkollhom fil-każ ta' żviluppi negattivi fir-rati tal-kambju hu r-rekwiżit espliċitu ta' aktar kapital biex jagħmel tajjeb għal telf mhux mistenni mis-self f'munita barranija. Madankollu, għal dawk l-istituzzjonijiet li jkollhom kapital li jkun ħafna akbar mill-minimi stabbiliti mir-regolamenti, dan il-kapital aktar kbir jista' ma jservix ta' limitazzjoni attiva. Għal din ir-raġuni, ir-rakkomandazzjonijiet 4D u E għandhom jiġu implimentati flimkien.

IV.5.3. *Segwitu*

IV.5.3.1. Skeda

Id-destinatarji nazzjonali huma mitluba jikkomunikaw lill-BERS l-azzjoni meħuda biex tiġi implimentata din ir-rakkomandazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2012. L-ABE hi mitluba tagħmel rapport f'żewġ fażijiet, l-ewwel wieħed sal-31 ta' Diċembru 2012, it-tieni wieħed sal-31 ta' Diċembru 2013.

IV.5.3.2. Kriterji ta' konformità

Għal rakkomandazzjoni E, ġew definiti l-kriterji ta' konformità li ġejjin għad-destinatarji nazzjonali:

a. permezz tal-proċess tal-analiżi superviżorja, l-awtoritajiet għandhom jevalwaw jekk l-istituzzjonijiet li jagħtu self f'munita barranija jkollhomx biżżejjed kapital biex ikopru r-riskji marbuta ma' din l-attività;

b. jekk il-kapital miżmum jitqies li ma jkunx ikopri dawn ir-riskji, l-awtoritajiet għandhom jitolbu lill-istituzzjonijiet finanzjarji jżidu l-investiment kapitali tagħhom għal dan l-iskop.

Għall-ABE:

c. il-linji gwida għandhom jinħarġu u jiġu ppubblikati.

IV.5.3.3. Komunikazzjoni dwar is-segwitu

Il-komunikazzjoni għandha tirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità.

Ir-rapport tad-destinatarji nazzjonali għandu jkollu:

a. provi tal-implimentazzjoni tal-proċess superviżorju ta' analiżi dwar l-istituzzjonijiet b'perċentwali għolja ta' self f'munita barranija (munita barranija mill-aspett ta' min jissellef *unhedged*);

b. tagħrif dwar kif l-awtoritajiet superviżorji jivvalutaw in-nuqqas ta' kapital tal-istituzzjonijiet imdaħħla fl-attività tas-self f'munita barranija lil dawk li jissellfu *unhedged*, mill-perspettiva tat-Tieni Pilastru;

c. tagħrif dwar kemm kienet id-differenza fin-nuqqas ta' kapital, miġbura f'ammont wieħed, fis-sistema finanzjarja nazzjonali kollha kemm hi (il-kapital meħtieġ wara l-proċess superviżorju ta' analiżi nieqes il-kapital miżmum qabel sar dan il-proċess).

Ir-rapport tal-ABE għandu jinkludi:

d. referenza għall-miżuri li jkunu qegħdin jittieħdu bl-għan li jiġu adottati l-linji gwida, sal-31 ta' Diċembru 2012;

e. il-linji gwida, sal-31 ta' Diċembru 2013.

IV.5.4. *Rabtiet mal-qafas legali tal-Unjoni*

Ir-rekwiżiti ta' kapital huma regolati mid-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital u mid-Direttiva dwar l-Adegwatezza ta' Kapital u fil-ġejjieni se jkunu regolati mir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital ([50]). Din ir-rakkomandazzjoni tieħu vantaġġ mill-istrumenti ta' qafas eżistenti (għalkemm dan qiegħed jiġi rivedut) biex tindirizza r-riskji marbuta mas-self f'munita barranija. Hu magħruf li l-proposta għar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital tinsab f'fażi avvanzata ta' żvilupp. Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali biex jindirizzaw ir-riskju tal-kambju barrani għal dawk li jissellfu skont l-approċċ standardizzat kontra r-riskju tal-kreditu, jekk is-self jinħareġ lil dawk li jissellfu *unhedged*, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali ma jkunux f'kontradizzjoni mal-liġi tal-Unjoni.

RISKJI RELATATI MAL-LIKWIDITÀ U L-FINANZJAMENT

IV.6. **Rakkomandazzjoni F – Likwidità u finanzjament**

---

Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jimmonitorjaw mill-qrib ir-riskji ta' finanzjament u likwidità meħuda minn istituzzjonijiet finanzjarji b'konnessjoni ma' self f'munita barranija, flimkien mal-pożizzjonijiet ta' likwidità ġenerali tagħhom. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-riskji relatati ma':

(a) kwalunkwe akkumulazzjoni ta' diskrepanzi fil-maturità u l-munita bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet;

(b) dipendenza minn swieq barranin għal swaps ta' muniti (inklużi swaps ta' rati tal-imgħax ta' muniti);

(c) konċentrazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament.

Qabel ma l-iskoperturi għar-riskji msemmija hawn fuq jilħqu livelli eċċessivi, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huma rrakkomandati li jikkunsidraw li jillimitaw l-iskoperturi, waqt li jevitaw li l-istrutturi ta' finanzjament preżenti jiġu xolti b'mod diżorganizzat.

---

([50]) Ara proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, COM(2011)0452 finali, 20.07.2011. Il-proposta fiha elementi żviluppati u miftiehma globalment dwar l-istandards ta' kapital u ta' likwidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, magħrufa bħala Basel III.

Il-BERS għandu juża t-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fis-segwitu tagħhom dwar il-komunikazzjoni biex jevalwa l-effikaċja tal-miżuri rrakkomandati. Skont din l-evalwazzjoni, il-BERS għandu jerġa' jeżamina din il-kwistjoni sa tmiem l-2014.

L-ABE għandha, kif hemm fil-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti ta' kapital ([51]), tiġbor tagħrif dwar l-implimentazzjoni tas-sistema ta' likwidità għall-Unjoni kollha, li jkun ikopri r-"rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità" u l-"finanzjament stabbli" ([52]). L-ABE se tagħti widen għat-tħassib imfisser fir-rakkomandazzjoni u tista' tikkunsidra li tiżviluppa linji gwida qabel l-implimentazzjoni formali tar-Regolament.

IV.6.1. *Ir-raġunament ekonomiku*

Jekk jitqies li l-finanzjament għal żmien qasir hu orħos minn dak għal żmien twil, l-istituzzjonijiet jistgħu jispiċċaw b'fondi żejda fi żmien qasir. Dan minħabba problema ta' periklu morali, billi l-istituzzjonijiet finanzjarji jistennew l-intervent pubbliku, b'mod partikolari permezz tal-banek ċentrali ([53]), biex jiġu pprovduti fondi f'munita barranija meta s-swieq ma jkunux qegħdin jiffunzjonaw tajjeb. Din il-problema toħloq distorsjoni minħabba li l-istituzzjonijiet ma jistennewx li jkollhom iġorru r-riskji kollha li jieħdu. F'dan l-isfond, din ir-rakkomandazzjoni tipprova tindirizza dan in-nuqqas tas-suq. Dan tagħmlu billi tillimita r-riskji ta' rifinanzjament u konċentrazzjoni sabiex jinkisbu livelli aktar sostenibbli ta' diskrepanzi fil-maturità u ta' reżiljenza għal żviluppi negattivi fis-swieq tal-finanzjament. Din ir-rakkomandazzjoni għandha wkoll l-għan li timminimizza t-tixrid negattiv min-naħa tal-likwidità.

IV.6.2. *Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi*

L-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni dwar il-finanzjment u l-likwidità għandha l-***vantaġġi*** li ġejjin:

a. Tnaqqas il-**problema ta' periklu morali** billi timponi limiti dwar ir-riskji tal-finanzjament u l-likwidità li jistgħu jidħlu għalihom l-istituzzjonijiet.

b. Iżżid il-kapaċità ta' **reżistenza għal instabbiltajiet tas-swieq tal-finanzjament**, permezz tal-limitazzjoni tar-riskji ta' rifinanzjament u tal-livelli ta' trasformazzjoni tal-maturità, kif ukoll ta' konċentrazzjoni. Dan ifisser li fil-kriżijiet tas-swieq, l-istituzzjonijiet finanzjarji (i) ma jħabbtux wiċċhom ma' żieda fl-ispejjeż tal-finanzjament billi ma jkollhomx għalfejn jirrifinanzjaw daqstant sikwit jew daqstant f'kundizzjonijiet negattivi; u (ii) ikunu jistgħu jżommu l-attivitajiet tagħhom għal żmien itwal bla ma jkollhom jirrikorru għal miżuri aktar ħorox, bħall-bejgħ tal-assi jew il-waqfien tal-fluss ta' kreditu.

L-***iżvantaġġi*** tar-rakkomandazzjoni huma mistennija li jkunu dawn li ġejjin:

c. Fi żminijiet ta' finanzjament abbundanti u rħis, ikun hemm **żieda fl-ispiża tal-finanzjament**, li tikkorrispondi għad-differenza bejn l-ispejjeż "ġodda" ta' finanzjament, minħabba pereżempju li d-dejn jieħu aktar biex jimmatura, u l-ispejjeż ta' finanzjament li jkun hemm mingħajr l-intervent regolatorju.

d. Fl-aħħar, iż-żieda fl-ispiża tal-finanzjment tista' tinbidel f'żieda fl-**ispejjeż tal-kreditu** għall-klijenti. Waqt li, għall-ewwel, din tista' titqies bħala xi ħaġa negattiva, fir-realtà tista' tgħin fil-korrezzjoni tal-ipprezzar ta' dan is-self.

e. Hemm **inċertezza** dwar jekk hemmx **provvista biżżejjed ta'** fondi għal żmien iktar twil fis-suq tal-kambju barrani.

f. **Spejjeż ta' konformità** għall-awtoritajiet superviżorji biex jimmonitorjaw u jevalwaw il-livelli ta' skopertura.

IV.6.3. *Segwitu*

IV.6.3.1. S k e d a

Id-destinatarji huma mitluba jikkomunikaw lill-BERS l-azzjoni meħuda biex tiġi implimentata din ir-rakkomandazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2012.

([51]) Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, COM(2011)0452 finali u l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi tal-assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju, COM(2011)0453 finali.

([52]) Ara: (a) Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, *Basel III: International framework for liquidity risk measurement, standards and monitoring*, Diċembru 2010, Taqsimiet II.1 u II.2, disponibbli f'http://www.bis.org/publ/bcbs188.pdf, u (b) proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' investiment COM(2011)0452 finali, Parti Sitta, Parti Disgħa, Artikolu 444, u Parti 10 Titolu II, Artikolu 481.

([53]) Din l-aspettattiva ta' sostenn tista' tvarja skont il-mandati tal-banek ċentrali.

IV.6.3.2. Kriterji ta' konformità

Għal rakkomandazzjoni F, ġew definiti l-kriterji ta' konformità li ġejjin:

a. monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament u likwidità tal-istituzzjonijiet finanzjarji, li għandhom jinkludu, tal-anqas, monitoraġġ tal-indikaturi li ġejjin ([54]):

(i) obbligazzjonijiet marbuta ma' finanzjament ġejjin minn kull kontroparti sinifikanti/assi totali ([55]);

(ii) ammont ta' swaps f'munita barranija (gross)/obbligazzjonijiet totali, skont il-munita;

(iii) diskrepanzi fil-maturità bejn l-assi f'munita barranija u l-obbligazzjonijiet f'munita barranija (għal kull munita rilevanti) vs. diskrepanzi fil-maturità bejn l-assi lokali u l-obbligazzjonijiet lokali, għall-kategoriji l-aktar rilevanti ta' maturitajiet skont iż-żmien ([56]), ([57]);

(iv) diskrepanza fil-munita bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet.

b. limitazzjoni tal-iskoperturi, kull meta l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jsibu li r-riskji marbuta mal-likwidità u l-finanzjament ikunu eċċessivi.

IV.6.3.3. Komunikazzjoni dwar is-segwitu

Il-komunikazzjoni għandha tirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità. Ir-rapport tad-destinatarji għandu jkollu:

a. referenza għall-kundizzjonijiet ta' likwidità u finanzjament tas-sistema finanzjarja u kif dawn jintlaqtu mill-attivitajiet tas-self f'munita barranija;

b. referenza għall-indikaturi definiti f'**IV.6.3.2**;

c. fejn ikun rilevanti, il-limiti imposti fuq l-iskoperturi għar-riskji tal-finanzjament u l-likwidità;

d. fejn ikun rilevanti, kopja tal-att regolatorju jew tad-deċiżjoni uffiċjali li jistabilixxu l-limiti.

IV.6.4. *Rabtiet mal-qafas legali tal-Unjoni*

S'issa, għad ma kien hemm l-ebda regolament tal-Unjoni dwar il-likwidità u l-finanzjament. Bit-traspożizzjoni ta' Basel III ([58]) fil-leġiżlazzjoni Ewropea, huma meħtieġa assi likwidi suffiċjenti biex jilqgħu għal perjodu negattiv ta' likwidità ta' xahar. Se jkun hemm strumenti oħra ta' monitoraġġ – rappurtar marbut mal-Finanzjament Stabbli – li għandhom x'jaqsmu mal-aspetti strutturali msemmija fir-rakkomandazzjoni (bħad-diskrepanzi fil-maturità). Madankollu, dawn l-istrumenti ta' monitoraġġ għalissa se jintużaw biss għall-osservazzjoni. L-awtoritajiet huma mistennija jużaw l-istrumenti ta' monitoraġġ tar-regolamenti Ewropej, meta jkunu disponibbli, iżda dawn imorru lilhinn minn, u jinkludu, l-aspetti l-oħra kollha tar-rakkomandazzjoni li, pereżempju, jaqbżu l-limitu ta' sena. Hemm ukoll, barra dan, differenza fl-iskeda ta' żmien meta għandha ssir l-implimentazzjoni.

Għal dik li hi l-ħażna ta' likwidità minima, hemm referenza wkoll fil-"Linji gwida dwar il-Likwidità Minima u l-Perjodi ta' Sopravvivenza" tal-KBSE li teżiġi li "meta entità responsabbli għall-ġestjoni tal-likwidità jkollha ħażna materjali ta' munita, b'implikazzjoni, ikollha livell materjali ta' riskju ta' likwidità f'din il-munita u għandu jkollha lqugħ għaliha" ([59]). Hawn ukoll, ir-rakkomandazzjoni tal-BERS għandha perspettiva aktar strutturata.

([54]) L-indikaturi (i) u (iii) huma l-istess bħal dawk użati bħala strumenti ta' monitoraġġ, kif proposti minn *Basel III: International framework for liquidity risk measurement, standards and monitoring,* Diċembru 2010, li jinsab f'http://www.bis.org/publ/bcbs188.pdf.

([55]) Dan l-indikatur jikkorrispondi għall-istrument ta' monitoraġġ III.2.2.A. ta' Basel III dwar il-konċentrazzjoni ta' finanzjament, *Basel III: International framework for liquidity risk measurement, standards and monitoring,* Diċembru 2010, pp. 33-34.

([56]) Il-kategoriji ta' maturitajiet skont iż-żmien għandhom jiġu definiti mill-awtoritajiet nazzjonali.

([57]) Dan l-indikatur jikkorrispondi għall-istrument ta' monitoraġġ III.1 ta' Basel III dwar id-diskrepanzi kuntrattwali fil-maturità, *Basel III: International framework for liquidity risk measurement, standards and monitoring,* Diċembru 2010, pp. 32-33.

([58]) Ara nota 54 f'qiegħ il-paġna.

([59]) http://www.eba.europa.eu/documents/Publications/Standards—Guidelines/2009/Liquidity-Buffers/Guidelines-on-Liquidity-Buffers.aspx. Ara paragrafu 75.

KOORDINAMENT U APPLIKAZZJONI FL-UNJONI KOLLHA

IV.7. **Rakkomandazzjoni G – Reċiproċità**

---

1. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-Istati Membri domestiċi ta' istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti huma rrakkomandati li jimponu miżuri li jindirizzaw is-self f'munita barranija li jkunu tal-anqas stretti daqs il-miżuri fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti fejn dawn joperaw permezz tal-forniment ta' servizzi transkonfinali jew permezz ta' fergħat. Din ir-rakkomandazzjoni tapplika biss għal self f'munita barranija mogħti lil dawk li jissellfu li jkunu ddomiċiljati fl-Istati Membri ospitanti. Fejn ikun rilevanti, il-miżuri għandhom jiġu applikati fil-livell individwali, sottokonsolidat u konsolidat.

2. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-Istati Membri domestiċi ta' istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti huma rrakkomandati li jippubblikaw fis-siti elettroniċi tagħhom il-miżuri meħuda mis-superviżuri ospitanti; is-superviżuri ospitanti huma rrakkomandati li jikkomunikaw il-miżuri preżenti u attwali kollha biex jindirizzaw self f'munita barranija lis-superviżuri domestiċi rilevanti kollha u lill-BERS u l-ABE.

---

IV.7.1. *Ir-raġunament ekonomiku*

L-effiċjenza tal-miżuri implimentati mill-awtoritajiet nazzjonali naqset minħabba l-livell għoli ta' integrazzjoni fis-settur finanzjarju fl-Unjoni. Il-qafas regolatorju jista' jilħaq l-għan tiegħu ta' stabbiltà finanzjarja fil-livell tal-Unjoni biss meta jiġi applikat bl-istess mod fl-Istati Membri kollha u hekk jiġu evitati l-lakuni.

Kummenti:

F'ċirkostanzi bħal dawn, jinħtieġ approċċ komprensiv fil-livell tal-Unjoni (jekk mhux ukoll f'livell internazzjonali). Il-miżuri adottati fil-livell nazzjonali għandhom jiġu osservati mill-awtoritajiet domestiċi waqt li l-awtoritajiet domestiċi u ospitanti għandhom iħabirku għal kooperazzjoni aktar effiċjenti. Biex tiġi ffaċilitata r-reċiproċità tal-miżuri u biex jintlaħaq koordinament xieraq bejn l-awtoritajiet domestiċi u dawk ospitanti, l-azzjonijiet superviżorji jistgħu jiġu diskussi fi ħdan il-kulleġġi superviżorji.

Għall-iskop ta' implimentazzjoni ċara tal-prinċipju ta' reċiproċità, hawn taħt qegħdin jingħataw xi ftit kjarifiki u eżempji.

Fil-prattika, din ir-rakkomandazzjoni tfisser li jekk ċerta miżura makroprudenzjali tiġi implimentata fil-pajjiż A tal-Unjoni biex tindirizza r-riskji marbuta mas-self f'munita barranija, l-awtoritajiet nazzjonali l-oħrajn kollha tal-Unjoni għandhom jeżiġu li l-istituzzjonijiet taħt is-superviżjoni tagħhom jirrispettaw dik il-miżura meta jisilfu f'munita barranija lil klijenti fil-pajjiż A, kif ukoll meta jisilfu permezz tal-fergħat jew bħala attività transkonfinali. Dan ma jeffettwax madankollu l-kapaċità tas-superviżur domestiku fis-superviżjoni konsolidata tiegħu.

Ir-rekwiżit li l-miżuri kollha għandhom jiġu applikati fil-livell individwali, sottokonsolidat u konsolidat ma jfissrx li, fil-każ ta' grupp bankarju transkonfinali, miżura imposta minn pajjiż domestiku fuq dawk li jissellfu lokalment trid tiġi applikata għal kull min jissellef fil-pajjiżi l-oħrajn kollha fejn ikun attiv dak il-grupp bankarju (u li jkunu konsolidati fil-karta tal-bilanċ tal-gruppi bankarji rispettivi). Pereżempju: jekk il-pajjiż Blu qiegħed jimponi proporzjonijiet LTV aktar stretti għal self b'ipoteka f'munita barranija, din il-miżura ma tapplikax għal self b'ipoteka f'munita barranija f'pajjiżi oħrajn (ospitanti/ mhux Blu) fejn bank mill-pajjiż Blu jkun attiv. Madankollu, ir-reċiproċità titlob li l-banek kollha minn pajjiżi oħrajn (mhux Blu) attivi fil-pajjiż Blu (permezz ta' fergħat jew direttament mill-kwartieri) jimplimentaw il-proporzjonijiet LTV aktar stretti għas-self b'ipoteka f'munita barranija kollu li jsir fil-pajjiż Blu.

*Eżempju ipotetiku:* Il-pajjiż Blu jiskopri riskji sistemiċi mis-self f'munita barranija u jirrestrinġi l-proporzjonijiet LTV diġà eżistenti għas-self b'ipoteka għal klijenti lokali li jissellfu f'munita barranija. Il-pajjiżi Abjad, Oranġo u Vjola huma pajjiżi ta' superviżuri domestiċi ta' istituzzjonijiet li joffru self f'munita barranija fil-pajjiż Blu (permezz ta' sussidjarji, fergħat u direttament mill-kwartieri). Wara li japprova r-restrizzjoni tal-proporzjonijiet LTV u qabel tidħol fis-seħħ din il-miżura, il-pajjiż Blu jikkomunika l-miżura u d-data tal-implimentazzjoni tagħha lill-pajjiżi Abjad, Oranġo u Vjola. Dawn il-pajjiżi, b'mezz magħżul minnhom, jeżiġu li l-istituzzjonijiet taħt is-superviżjoni tagħhom li joffru self f'munita barranija fil-pajjiż Blu jimplimentaw il-proporzjonijiet LTV ristretti għan-negozju kollu li jsir fit-territorju tal-pajjiż Blu. Dan il-proporzjon LTV ristrett imbagħad jibda japplika għat-territorju tal-pajjiż Blu, indipendentement mill-kreditur (sakemm dan ikun jappartjeni lill-Unjoni).

IV.7.2. *Evalwazzjoni, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi*

Il-***vantaġġi*** ewlenin li joħorġu minn din ir-rakkomandazzjoni huma:

a. din ir-rakkomandazzjoni timminimizza l-opportunità ta' arbitraġġ regolatorju transkonfinali, biex hekk il-**miżuri** tal-awtoritajiet nazzjonali dwar is-self f'munita barranija jkunu **aktar effettivi**. Barra minn hekk, dan jista' jservi ta' esperjenza addizzjonali fil-koordinament transkonfinali billi tiddaħħal il-ħtieġa li s-superviżuri milquta jkunu mgħarrfin b'mod adegwat;

b. billi r-rakkomandazzjonijiet iridu jiġu applikati f'livell individwali, sottokonsolidat u konsolidat, wieħed ikun qiegħed jiggarantixxi li l-iskoperturi jiġu koperti u ttrattati bl-istess mod, indipendentement mill-pożizzjoni tagħhom fi ħdan il-gruppi finanzjarji.

Hemm ukoll ***żvantaġġi u spejjeż***:

c. **spejjeż ta' konformità** għall-awtoritajiet superviżorji: meta toħroġ miżura ġdida makroprudenzjali biex tindirizza r-riskji tas-self f'munita barranija, l-awtoritajiet nazzjonali (ospitanti) għandhom jikkomunikaw mal-awtoritajiet domestiċi kollha biex dawn tal-aħħar jeżiġu li l-istituzzjonijiet finanzjarji taħt is-superviżjoni tagħhom japplikaw l-istandards tal-pajjiż ospitanti. L-iebes jiġi mill-ħtieġa ta' involviment f'waqtu kif ukoll mill-fatt li l-awtoritajiet domestiċi jridu jiġu mgħarrfa bil-miżuri ppjanati.

IV.7.3. *Segwitu*

IV.7.3.1. Skeda

Id-destinatarji huma mitluba jikkomunikaw lill-BERS l-azzjonijiet meħuda biex tiġi implimentata din ir-rakkomandazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2012.

IV.7.3.2. Kriterji ta' konformità

Għal rakkomandazzjoni G, ġew definiti l-kriterji ta' konformità li ġejjin:

a. l-arbitraġġ regolatorju jiġi evitat;

b. prova tar-rekwiżit ta' reċiproċità għall-istituzzjonijiet li joperaw f'pajjiżi oħra. Din il-prova tista' tkun fis-sura ta' memorandums ta' ftehim, ftehim milħuq fi ħdan il-kulleġġi superviżorji, deċiżjonijiet uffiċjali jew kwalunkwe att ieħor li jkun suffiċjenti għall-garanzija tar-reċiproċità;

c. self transkonfinali dirett f'munita li ma tkunx dik lokali tal-pajjiż li jkun qiegħed jissellef (dan it-tagħrif għandu jingħata mill-awtoritajiet tal-pajjiżi domestiċi);

d. fir-rigward tal-ambitu ta' applikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha, il-kriterju ta' konformità hu l-applikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet A sa F f'livell individwali, sottokonsolidat u konsolidat.

IV.7.3.3. Komunikazzjoni dwar is-segwitu

Il-komunikazzjoni għandha tirreferi għall-kriterji kollha ta' konformità.

Ir-rapport tad-destinatarji għandu jkollu:

a. kopja tal-att li juri li r-reċiproċità tkun qiegħda tiġi pprattikata;

b. evalwazzjoni qasira dwar l-effikaċja tagħha.

Ir-rapporti għar-rakkomandazzjonijiet A sa F jeħtiġilhom jispeċifikaw l-ambitu ta' applikazzjoni.

EVALWAZZJONI ĠENERALI TAL-MIŻURI POLITIĊI

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet kollha msemmija hawn fuq, il-benefiċċji tal-implimentazzjoni tagħhom jisbqu l-ispejjeż involuti.

Kollox ma' kollox, dawn il-miżuri għandhom l-għan ewlieni li jnaqqsu r-riskju sistemiku b'mezzi differenti, bil-ħsieb tal-ħtieġa li jissewwew in-nuqqasijiet li jikkontribwixxu għar-riskju sistemiku.

Wieħed mill-benefiċċji ewlenin mistennija hu li ***jonqos il-periklu morali*** jew permezz ta' inċentivi korrettivi (pereżempju, titjib u rekwiżiti ta' kapital għall-ġestjoni interna tar-riskji) jew inkella permezz tal-limitazzjoni tat-teħid tar-riskji (pereżempju, rekwiżiti f'termini tal-affidabbiltà kreditizja ta' dawk li jissellfu). Min-natura ta' dan il-fenomenu, i.e. l-impatt kbir li jħalli jekk iseħħu l-fatturi tar-riskji, jista' jkun li lill-istituzzjonijiet finanzjarji jaqbżulhom l-agħar sitwazzjonijiet li jistgħu jseħħu, billi dawn ikunu qegħdin jistennew l-għajnuna tal-awtoritajiet.

Benefiċċju ewlieni ieħor hu ż-żieda fir-***reżiljenza*** tas-settur finanzjarju u l-limitazzjoni tal-fluss tal-kreditu fi żminijiet ta' eżuberanza. Dan hu mistenni li jkun ta' benefiċċju mill-aspett ***intertemporali*** – anqas telf ta' valur meta, pereżempju, jinfaqgħu l-bżieżaq. Fl-aħħar, u wkoll fost il-benefiċċji ewlenin, dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom l-effett sekondarju li jgħinu lill-awtoritajiet iħaddmu b'aktar effiċjenza oqsma politiċi oħrajn tal-ekonomija.

L-ispejjeż ewlenin għandhom x'jaqsmu ma' żieda ***fl-ispejjeż ta' kapital u finanzjament*** għall-istituzzjonijiet finanzjarji u l-possibbiltà ta' nuqqas ta' sostituti vijabbli jekk uħud minn dawk li jissellfu *unhedged* ma jitħallewx joħorġu aktar self f'munita barranija, jew ma jkunx hemm livell suffiċjenti ta' dan is-self. F'dan il-każ, jista' jkun hemm fluss ta' kreditu relattivament aktar baxx f'ċerti perjodi taċ-ċiklu u dan jista' jillimita t-tkabbir ekonomiku għal żmien qasir. Madankollu, għal żmien medju jew fit-tul, it-tkabbir ekonomiku għandu jgawdi minn dawn il-miżuri.

Fl-aħħar, hemm ***spejjeż ta' konformità*** kemm għall-istituzzjonijiet finanzjarji kif ukoll għall-awtoritajiet superviżorji.